OMBUDSMAN

Uffiċċju tal-Ombudsman

MALTA



# Każijiet fil-Qosor 2014

L-34 Edizzjoni

OMBUDSMAN

**Uffiċċju tal-Ombudsman**

**MALTA**



# Każijiet fil-Qosor 2014

**L-34 Edizzjoni**

OMBUDSMAN

Indirizz: 11/12 Triq San Pawl, Valletta, VLT1210
*Email:* office@ombudsman.org.mt
Tel: +356 2248 3200, 2248 3216

L-Uffiċċju jkun miftuħ għall-pubbliku:

| | |
|---|---|
| Ottubru – Mejju | 08:30am – 12:00pm |
| | 01:30pm – 03:00pm |
| Ġunju – Settembru | 08:30am – 12:30pm |

**Website: www.ombudsman.org.mt**
**Facebook: Ombudsman Malta**

# Daħla

L-Ombudsman għandu żewġ funzjonijiet, dik li jħares liċ-ċittadin mill-inġustizzja, amministrazzjoni ħażina u diskriminazzjoni improprja u li jkun strument effettiv li jassigura d-dritt taċ-ċittadin għall-amministrazzjoni pubblika tajba.

L-Ombudsman jaqdi dawn iż-żewġ rwoli prinċipalment permezz tal-investigazzjoni tal-ilmenti imressqa minn persuna li tħossha li ġiet trattata b'mod ħażin u li titlob li tingħata rimedju, kif ukoll permezz tal-investigazzjoni li jagħmel fuq inizjattiva tiegħu. Dawn tal-aħħar jiġu imnedija meta l-Ombudsman jidentifika nuqqasijiet sistemiċi fil-mod kif ikunu qed jitmexxew l-affarijiet pubbliċi u li jkollhom impatt negattiv fuq iċ-ċittadini u li jkunu jeħtieġu attenzjoni xierqa. Wara li daħlu fis-seħħ l-emendi Kostituzzjonali tal-2010, l-istituzzjoni tal-Ombudsman kisbet element għoli ta' speċjalizzazzjoni fl-investigazzjoni tal-ilment permezz tal-ħatra tal-Kummissarji kwalifikati li huma esperti fil-qasam tagħhom. Dawn il-Kummissarji jaħdmu b'mod awtonomu, b'kollaborazzjoni sħiħa u mill-qrib mal-Ombudsman fi ħdan l-Uffiċċju tiegħu b'mod integrat u jingħataw assistenza amministrattiva u investigattiva. Jistgħu ukoll jagħmlu stħarriġ fuq inizjattiva tagħhom meta l-Ombudsman jagħtihom din l-awtorizzazzjoni.

Din il-pubblikazzjoni bilingwali tiġbor fiha uħud mill-opinjonijiet finali tal-Ombudsman u tal-Kummissarji għas-Saħħa, għall-Edukazzjoni u għall-Ambjent u l-Ippjanar. Il-*Case Notes* magħżula mhux biss jagħtu ħjiel dwar in-natura u l-kumplessità tal-ilmenti investigati, iżda jitfgħu ukoll dawl fuq il-proċeduri addottati sabiex jiġu stabbiliti l-fatti veri dwar l-ilment u dwar jekk l-allegazzjonijiet li saru humiex minnhom.

Forsi aktar importanti minn hekk, il-*Case Notes* jagħtu stampa ċara dwar il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba li l-Eżekuttiv u l-awtoritajiet huma mistennija li jsegwu biex jassiguraw livelli għoli ta' trasparenza u kontabilità fit-tmexxija tal-affarijiet pubbliċi.

Ħarsa ħafifa lejn l-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni hija biżżejjed biex turi l-varjetà wiesgħa tal-ilmenti investigati mill-Ombudsman u l-Kummissarji. L-ilmenti huma mifruxa fuq il-medda tal-attività soċjali li titmexxa mill-awtoritajiet pubbliċi, entitajiet u istituzzjonijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Ombudsman. L-Uffiċjali Investigaturi jeħtieġ li jinterpretaw u japplikaw l-istatuti kumplessi u l-proċeduri li jiggvernaw oqsma ġodda fl-iżvilupp ekonomiku u soċjali kemm dawk maħruġa lokalment kif ukoll dawk internazzjonali. Dawn jinkludu l-konvenzjonijiet internazzjonali li Malta tkun ratifikat, kif ukoll id-Direttivi tal-Unjoni Ewropeja li jiddaħħlu u jsiru jifformaw parti mill-leġislazzjoni Maltija.

F'dan ir-rigward, l-kompetenza miksuba mill-Uffiċċju tal-Ombudsman permezz tal-ħatra tal-Kummissarji hija strumentali. Jidher ċar li fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom u biex dan iseħħ b'mod komprensiv u kompetenti, l-Ombudsman u l-Kummissarji jeħtieġu li jkollhom sostenn qawwi minn tim ta' uffiċjali investigaturi kwalifikati. Dan huwa l-unika mezz biex jiġi assigurat li l-fatti ta' kull ilment jiġu stabbiliti b'mod korrett u investigati bir-reqqa. L-uffiċjali investigaturi mhux biss irid ikollhom ħila li juru perċezzjoni, ikunu kurjużi u moħħhom biex jistaqsu u jagħrblu l-affarijiet, flimkien ma' aġir tenaċi sabiex jistabbilixxu u jevalwaw il-fatti u ċ-ċirkustanzi tal-ilment, iżda jeħtieġ li jkollhom ukoll il-kapaċità li jarawhom mill-perspettiva tal-qafas ta' prinċipji li għandhom jiggvernaw f'amministrazzjoni pubblika tajba.

Barra minn hekk, l-ilmenti jeħtieġ li mhux biss jiġu iġġudikati mill-punt legali, anke jekk huwa ovvju li l-liġijiet jeħtieġ li jkunu rispettati u applikati. Aktar importanti minn hekk, forsi huwa l-fatt li minflok jiġi enfasizzat aġir fejn wieħed jagħti ġudizzju, l-uffiċjali investigaturi huma meħtieġa li jevalwaw u japprezzaw il-fatti tal-ilment skont il-każ, minn perspettiva aktar wiesgħa tal-prinċipji tal-ġustizzja u ekwità. Il-Professur Nikiforos Diamandouros, l-Ombudsman Ewropew ta' qabel, kien iħobb jenfasizza li "*There is Life beyond legality*". Fl-opinjoni tiegħu amministrazzjoni korretta tmur oltre l-osservanza stretta ta' dak li tgħid il-liġi. Din tiġbor fiha valuri importanti oħra li jeħtieġ li jitħaddnu u jiġu eżerċitati mill-amministraturi pubbliċi meta jieħdu d-deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod dirett jew indirett lid-drittijiet taċ-ċittadini.

Huwa proprju f'dan il-kuntest li l-Ombudsman jeħtieġ li jżomm ruħu iffokat b'mod kostanti fuq il-ħiliet u l-effiċjenza tat-tim investigattiv li mingħajr dubju jifforma

s-sinsla tal-istituzzjoni. Hu jeħtieġ li jassigura li dak it-tim huwa strutturat tajjeb u li għandu l-kapaċità li jlaħħaq sewwa mal-influss ta' ilmenti, b'kompetenza u fi żmien raġonevoli. Jien għandi biss tifħir lejn l-persuni li fl-Uffiċċju tiegħi huma fdati bl-investigazzjoni tal-ilmenti. Huma persuni kwalifikati ferm, uffiċjali kompetenti u li jagħtu kontribut siewi ħafna u sostenn qawwi lili u lill-Kummissarji.

Naturalment dejjem hemm lok għal titjib. Inħasset il-ħtieġa li jitjiebu l-istrutturi biex jiġi assigurat li jkun hemm monitoraġġ kostanti u kollettiv dwar il-mod kif ikunu qed jitmexxew l-investigazzjonijiet. Żgur li mhux prattiku u mhux realistiku li wieħed jimponi limitu taż-żmien fl-investigazzjoni tal-ilmenti. Jien nemmen li l-kwalità tal-investigazzjoni tista' tkun imxekkla jekk isir enfasi dwar kemm jiswew dawn il-proċessi. Madanakollu, jeħtieġ li jkun hemm mekkaniżmi ta' verifika interni li jsiru minn żmien għal żmien u li jassiguraw x'inhuma r-raġunijiet li qed ifixklu li l-investigazzjoni tiġi konkluża. Kif ukoll jiġu identifikati l-miżuri li hemm bżonn li jittieħdu biex jitħaffef il-proċess.

Huwa rikonoxxut li l-awtoritajiet pubbliċi ħafna drabi huma responsabbli għal dan id-dewmien, minħabba li jonqsu li jwieġbu fil-pront jew jagħtu l-informazzjoni meħtieġa jew jonqsu li jibgħatu r-risposti tagħhom għall-mistoqsijiet li jagħmlulhom l-uffiċjali investigaturi. Bil-ħatra ta' Kap għall-Investigazzjonijiet sar l-ewwel pass biex titjib l-istruttura tat-taqsima tal-investigaturi. Fl-opinjoni tiegħi aktar milli jkollha rwol ta' *Manager* tradizzjonali li jassigura li l-investigaturi jwettqu x-xogħol meħtieġ, il-Kap ta' din it-taqsima għandha tkun il-kuntatt bejn l-uffiċjali investigaturi, l-Ombudsman u l-Kummissarji. Permezz ta' diskussjoni u pariri f'waqthom jista' jiġi assigurat li l-proċeduri jitħaddmu b'mod korrett u bl-aktar mod effiċjenti sabiex l-istħarriġ jiġi konkluż fl-iqsar żmien possibbli.

Madanakollu, xorta għad fadal x'jsir biex l-istruttura ta' din it-taqsima tiffunzjona aħjar, biex titjib il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-komponenti tagħha, li jiġi mfassal aħjar l-operat u jsir dejjem aktar effiċjenti. Jista' jkun hemm il-ħtieġa li tingħata definizzjoni aktar preċiża tal-funzjonijiet tal-Kap għall-Investigazzjonijiet. Ser ikun hemm opportunità fi żmien qarib u dan jeħtieġ li jseħħ qabel Marzu tal-2016 biex jidħlu fis-seħħ il-miżuri ta' titjib f'din it-taqsima. Sa dak iż-żmien l-aktar uffiċjal investigatur anzjan u l-konsulent amministrattiv ser ikunu qed itemmu l-ħidma siewja u s-servizz eċċellenti li taw matul is-snin lil din l-istituzzjoni. Għaldaqstant, l-Uffiċċju ser ikollu bżonn jimpjega uffiċjali investigaturi ġodda u

ċertament dan ikun iż-żmien opportun li jiġu diskussi u jidħlu fis-seħħ ir-riformi meħtieġa f'din it-taqsima.

Din l-34 Edizzjoni tal-*Case Notes* hija dedikata lill-uffiċjali investigaturi bħala uffiċjali ħabrieka, li ħadmu qatigħ matul is-snin u taw, u għadhom qed jagħtu sostenn imprezzabbli lill-Ombudsman u lill-Kummissarji. L-impenn tagħhom, il-kompetenza u x-xogħol bla waqfien huma riflessi fil-każijiet li qed jiġu rapportati f'din il-pubblikazzjoni, iżda dawn huma biss uħud/ftit/kampjun mill-investigazzjonijiet li jitwettqu/jsiru matul is-sena. Fil-fatt din il-ħarġa hija biss il-prodott finali. Ir-rapporti ma jiġġustifikaw bl-ebda mod il-ħidma tal-uffiċjali investigaturi li ssir għal tul ta' żmien, bl-akbar reqqa u bil-paċenzja. Ħidma li jiddedikaw matul l-istħarriġ tal-ilmenti sakemm dawn jiġu finalment konklużi. Huwa rakkomandat li wieħed iżomm dan il-ħsieb quddiem għajnejh huwa u jifli din il-pubblikazzjoni. Biex is-servizz li jingħata mill-Uffiċċju tal-Ombudsman ikun wieħed effiċjenti u effettiv jiddependi ferm minn tim ta' uffiċjali investigaturi li huma ta' stoffa, kwalifikati u dedikati. Matul is-snin dan l-Uffiċċju kellu x-xorti li kien mogħni b'dan is-sapport.

J. Said Pullicino
Ombudsman Parlamentari
Marzu 2016

**Nota:**
Dawn il-każijiet fil-qosor jagħtu stampa tal-ilmenti li jiġu ikkunsidrati mill-Ombudsman. L-għan tagħhom hu li jservu ta' informazzjoni biex jintwerew il-prinċipji ġenerali u l-mod li bih l-Ombudsman jitratta kwistjonijiet partikolari.

F'dawn ir-rapporti, it-terminu 'hu/tiegħu' mhux intenzjonat li jidentifika l-persuna li ressaq l-ilment kinitx mara jew raġel. Dan il-kumment qiegħed isir sabiex titħares kemm jista' jkun l-anonimità ta' min ressaq l-ilment.

# Werrej

**Daħla** ........ 3

**Ombudsman Parlamentari** ........ 9
Dewmien fl-għoti tal-ġustizzja hija ġustizzja miċħuda ........ 10
*Workload* eċċessiv assenjat inġustament ........ 14
*Qualification allowance* għall-impjegati sekondati ma' aġenzija pubblika ........ 18
Il-kuntratt definit ta' Segretarju Permanenti jiġi terminat ........ 21
Proċess tal-għażla għal impjieg permanenti
mal-Air Malta bħala membru tal-*Air Cabin Crew* ........ 27
Il-pagament ta' kont esaġerat minħabba difett fis-servizzi
tal-ilma mqiegħda taħt l-art ........ 31

**Kummissarju għall-Edukazzjoni ........ 39**
Xogħol ta' student evalwat b'mod skorrett ........ 40
Student joġġezzjona għall-akkużi ta' ikkupjar u jallega li ġie trattat b'mod inġust ........ 51
*Lecturer* jallega li tibdil fix-xogħol imminalu l-professjoni u tnaqqaslu d-dħul ........ 65
*Lecturer* jallega li kien mċaħħad mill-*leave* ........ 72
Student b'diżabilità ta' tagħlim jitlob li l-Malti ma jibqax
rekwiżit fiċ-ċertifikazzjoni tal-Edukazzjoni Sekondarja ........ 78

**Kummissarju għas-Saħħa ........ 95**
Talba għall-ħlas ta' spejjeż imħallsa għall-kura barra minn Malta ........ 96
Karta tal-assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropeja -
Ċittadini Ewropej li m'humiex Maltin iħossu li qed jiġu diskriminati ........ 100
Salarju ta' konsulent miżmum għal sitt xhur ........ 103
Il-pazjenti li jbatu mill-Epatite huma intitolati għall-mediċini b'xejn ........ 106

**Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar ........ 111**
Nuqqas ta' applikazzjoni xierqa tal-*policies* ........ 112

# Każijiet investigati mill-Ombudsman Parlamentari

**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru N 0289**
**Kunsill Mediku ta' Malta**

# "Dewmien fl-għoti tal-ġustizzja hija ġustizzja miċħuda"

*(dewmien żejjed, inkjesta, proċeduri dixxiplinarji)*

**L-ilment**

Speċjalista fil-mediċina (l-*complainant*) allega li l-Kunsill Mediku ta' Malta kiser l-obbligi legali li għandu meta naqas li jikkonkludi fiż-żmien stipulat bil-liġi, inkjesta dwar ilment li tressaq kontrih lill-Kunsill.

**Il-fatti**

F'Mejju tal-2005 il-Kunsill Mediku irċieva rapport mingħand speċjalista mill-istess qasam tal-konsulent, li l-*complainant* kien issottometta dikjarazzjoni ġuramentata falza għan-nom ta' tabib ieħor, biex dan tal-aħħar ikun jista' jikseb il-kwalifika ta' speċjalista minn istituzzjoni fir-Renju Unit. Il-persuna li għamel ir-rapport kien membru tal-istess Kunsill, u kien għamel ukoll rapport separat dwar it-tabib l-ieħor. Kemm il-*complainant* kif ukoll it-tabib l-ieħor kienu suġġetti għall-inkjesta minn naħa tal-Kunsill Mediku għal aġir mhux professjonali jew ksur tal-etika professjonali skont ma jipprovdi l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa.

F'Awwissu 2006 il-Kunsill Mediku beda proċeduri dixxiplinari kontra ż-żewġ tobba konċernati. L-ewwel seduta, li saret fl-4 ta' Settembru 2007 kienet aġġornata għas-16 ta' Ottubru 2007. F'dak l-istadju, il-*complainant* kien talab li jsir differiment u għaldaqstant is-seduta kienet eventwalment saret fil-15 ta' April 2009. Fil-11 ta' Novembru 2009 kienet ser issir seduta oħra, iżda din kellha tiġi posposta minħabba li ħabtet mas-seduta tal-Qorti. Minn meta tressaq l-ilment f'dan l-Uffiċċju fil-11 ta' Novembru 2013 jiġifieri erba' snin wara li nbeda l-każ, il-Kunsill Mediku ma reġax għamel seduti oħra biex ikompli bl-inkjesta kontra l-*complainant*.

Dan l-Uffiċċju kien konxju tal-fatt li l-Kunsill Mediku kellu quddiemu kwistjoni oħra fejn kien hemm konnessjoni bejn il-każ tal-*complainant* u dak tat-tabib l-ieħor li sar riferiment għalih aktar 'l fuq. Din setgħet kienet raġuni valida għalfejn kien sar differiment bejn Settembru 2007 u April 2009. Madanakollu, huwa importanti li wieħed jinnota li l-Kunsill Mediku kien iddeċieda l-każ tat-tabib l-ieħor f'Lulju 2011 - jiġifieri aktar minn sentejn qabel mal-*complainant* ressaq l-ilment tiegħu lill-Uffiċċju tal-Ombudsman. Il-*complainant* sostna li dan id-dewmien kien qiegħed jaffettwah b'mod ħażin.

Għalkemm l-Ombudsman informa lill-Kunsill Mediku li ma kinitx il-funzjoni tiegħu li jidħol fil-mertu tal-każ għaliex dan kien jaqa' fil-ġurisdizzjoni tal-istess Kunsill u kien għadu *sub judice* quddiemu, talab spjegazzjoni mingħand ir-Reġistratur tal-Kunsill Mediku dwar dan l-ilment. L-aktar li kien jinteressa lill-Ombudsman kien l-aspett amministrattiv ta' din is-sitwazzjoni u speċifikament id-dewmien minn naħa tal-Kunsill biex jasal għal deċiżjoni. L-Ombudsman irrefera għall-provvedimenti tal-Artiklu 31 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kapitlu 364 tal-Liġijiet ta' Malta) fejn f'dan l-Artiklu hemm stabbilit skont dan l-Att il-proċeduri dixxiplinari li l-Kunsilli (inkluż dak mediku) jistgħu jieħdu waqt li jkunu għaddejjin inkjesti.

Sub artiklu 4 tal-Artiklu 31 jiddikjara dan li ġej:

> *"(4) Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan lartikolu, l-Kunsill rilevanti għandu jtemm l-inkjesta fi żmien sentejn mill-ġurnata li xi att tal-proċedimenti tal-inkjesta jiġi notifikat lill-parti akkużata dwar il-fatt jew l-inċident li jkun qiegħed jiġi mixli bih, ħlief meta d-dewmien iseħħ mingħajr ebda ħtija tal-Kunsill rilevanti."*

L-Ombudsman għaldaqstant talab li din il-materja tinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill u li jingħata tweġiba mill-aktar fis. Sadanittant, il-*complainant* kien ressaq protest ġudizzjarju kontra l-Kunsill Mediku.

Fit-tweġiba tiegħu lill-Ombudsman il-Kunsill issottometta kopja tal-kontro-protest tiegħu lill-Qrati fejn kien hemm imniżżla l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar dan il-każ.

B'referenza speċifika għad-dewmien sabiex tiġi konkluża l-inkjesta, li kienet proprju l-materja li dwarha kien qiegħed jistħarreġ l-Ombudsman, il-Kunsill wieġeb li hu

kien ta' risposta lill-Qrati li fil-futur qarib kien ser jinforma lill-*complainant* dwar l-iżviluppi fl-inkjesta.

L-Ombudsman ikkunsidra li t-tweġiba li ngħatatlu mill-Kunsill Mediku kienet qed tinjora l-kwistjoni li dwarha kienet qed issir l-investigazzjoni jiġifieri dwar id-dewmien esaġerat. Din minnha nnifisha kienet diġà, *prima facie,* tammonta għal nuqqas minn naħa tal-Kunsill, li jikkonkludi inkjesta fi żmien sentejn kif stipulat fis-sub-artiklu tal-Artiklu 31 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa. Ma ngħatat ebda raġuni jew ġustifikazzjoni li tispjega għaliex it-terminu stipulat bil-liġi, sabiex inkjesta tiġi konkluża, ma ġiex rispettat.

Fiċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman informa lill-Kunsill li jekk jibqa' ma jingħatax raġuni għal dan id-dewmien fi żmien erba' ġimgħat kien ser jipproċedi biex jikkonkludi l-Opinjoni tiegħu dwar dan il-każ.

Ftit jiem wara, fis-6 ta' Frar 2014 ir-Reġistratur tal-Kunsill Mediku informa lill-Ombudsman li d-deċiżjoni dwar l-Inkjesta ttieħdet mill-Kunsill Mediku waqt Laqgħa tal-Kunsill Nru 20/2013 li saret fl-4 ta' Diċembru 2013, u li kienet mistennija li tiġi kommunikata fl-ewwel tlett xhur tal-2014.

L-Ombudsman kien sorpriż li kien ser ikun hemm aktar dewmien biex tiġi kommunikata deċiżjoni li diġà ttieħdet minn naħa tal-Kunsill. Il-*complainant* ukoll iprotesta għal dan il-fatt li kien ser ikun hemm aktar dewmien.

Wara din it-tweġiba, l-Ombudsman kiteb minnufih lill-Kunsill, u fakkarhom li l-proċeduri kontra l-*complainant* kienu ilhom li nbdew seba' snin (2006) u li l-Kunsill kien naqas milli jagħti ġustifikazzjoni għaliex baqa' ma temmx l-inkjesta, fi żmien sentejn, kif stipulat bil-liġi. L-Ombudsman ma setax jifhem kif deċiżjoni li kienet diġà ħadet tul ta' żmien esaġerat sabiex tiġi konkluża, u li ttieħdet f'Diċembru tal-2013, kienet ser tiġi kommunikata lill-*complainant* erba' xhur wara! Hu ikkonsidra li dan id-dewmien kollu kien inaċċettabbli u li dan kien jirrifletti ineffiċjenza kbira minn naħa tal-Kunsill Mediku. Dan minnbarra li kien hemm nuqqas, kif stipulat bil-liġi skont l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, biex tingħata deċiżjoni. Dan il-fatt ġie ikkritikat b'mod qawwi minn dan l-Uffiċċju.

L-Ombudsman ġibed ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-Artikolu 41 taċ-*Charter* dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropeja li tifforma parti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Kostituzzjoni għall-Ewropa. Dan l-Artiklu jipprovdi li ċ-ċittadini Ewropej għandhom dritt għall-amministrazzjoni tajba. L-Ombudsman Ewropew fid-dokument bit-titolu l-"Kodiċi Ewropej dwar Imġieba Amministrattiva Tajba" kien iddikjara li dan jinkludi ukoll li persuna għandha dritt li fi żmien stipulat tingħata d-deċiżjoni milħuqa.

L-Ombudsman esprima ukoll it-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-Kunsill wera nuqqas ta' sensittività lejn it-tensjoni li ġarrab il-*complainant* u oħrajn fl-istess qagħda tiegħu, li ġustament ikunu qed jistennew li mingħajr dewmien jingħataw id-deċiżjoni milħuqa, kemm jekk favur u anke kontra - deċiżjoni li fl-aħħar mill-aħħar il-liġi tipprovdi li tista' tiġi appellata. Li persuna jiġi komunikat lilha li d-deċiżjoni ttieħdet (wara dewmien li huwa kontra l-liġi) iżda din kienet ser tirċieviha xhur wara u għaldaqstant kienet ser toħloq bla bżonn aktar uġiegħ u sofferenza. Għal darb'oħra dan l-Uffiċċju ikkritika dan l-aġir.

Għaldaqstant l-Ombudsman insista u irrakkomanda li din id-deċiżjoni tingħata lill-*complainant* fi żmien sebat'ijiem mid-data tal-ittra tiegħu.

Iżda minkejja dan, għaddew tlett ġimgħat oħra qabel mal-*complainant* irċieva d-deċiżjoni li hu kien ġie liberat mill-akkużi u li kien bla ħtija!

Fid-dawl ta' dan id-dewmien esaġerat mhux ġustifikat, għall-fatt li kien hemm nuqqas gravi ta' amministrazzjoni tajba u anke minħabba li kien hemm ksur tal-provvedimenti legali li jirregolaw l-operat tal-Kunsill Mediku, l-Ombudsman ġibed l-attenzjoni tal-Ministeru responsabbli għas-Saħħa dwar in-nuqqas tal-Kunsill Mediku.

**Rapport fuq Każ Nru O 0080**
**Servizz Pubbliku**

# *Workload* eċċessiv assenjat inġustament

*(workload eċċessiv, konsegwenzi ta' saħħa)*

**L-ilment**

Uffiċjal pubbliku (il-*complainant*) ilmenta li wara li ġie promoss għall-grad ta' Prinċipal fis-Servizz Pubbliku, id-Direttur li kien responsabbli għat-taqsima tiegħu, assenjalu d-dmirijiet kollha li kellu uffiċjal ieħor f'dak il-grad li kien wasal biex jirtira, filwaqt li tħalla jagħmel il-parti kbira tax-xogħol li kellu qabel u ngħata biss assistenza minima. Il-*complainant* sostna li ma setax ilaħħaq mal-ammont ta' xogħol li kellu u beda jaqa' lura fid-dmirijiet assenjati lilu. Għalkemm is-Segretarju Permanenti kien wegħdu li jipprovdilu għajnuna, din qatt ma seħħet. Il-*complainant* allega ukoll li din is-sitwazzjoni kienet qed taffettwalu saħħtu.

**Il-fatti**

Riċentement il-*complainant* kien ingħata promozzjoni għall-grad ta' Prinċipal u baqa' jaqdi dmirijietu fi ħdan id-Dipartiment li kien jaħdem fih. Qabel ma ngħata l-promozzjoni, hu kien qiegħed isegwi kors fl-Università ta' Malta fejn parti mill-ispejjeż kienu mħallsa mill-Gvern wara l-approvazzjoni meħtieġa. Fiż-żmien li l-*complainant* laħaq il-grad ta' Prinċipal, persuna oħra fl-istess grad li kienet taqdi dmirijietha f'taqsima oħra fi ħdan l-istess Dipartiment kienet waslet biex tirtira għaliex waslet għall-età tal-pensjoni u kienet diġà tinsab bil-*leave* ta' qabel l-irtirar. Il-*complainant* għaldaqstant ġie assenjat id-dmirijiet ta' dan l-uffiċjal minħabba li kellu l-istess grad tiegħu. Madankollu, il-*complainant* xorta waħda baqa' responsabbli għall-parti kbira mix-xogħol li kellu qabel. Il-*complainant* oġġezzjona għal dan u talab l-intervent tas-Segretarju Permanenti li wegħdu li kien ser jara x'jista' jagħmel, anke jekk qallu ukoll li kien hemm diffikultà biex jingħata *replacement*. Fil-fatt il-*complainant* kellu biss l-assistenza ta' skrivana li kienet taħdem permezz tas-sistema tat-*Teleworking*.

Dan l-Uffiċċju talab il-kummenti tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru fejn jaħdem il-*complainant*. Fit-tweġiba tiegħu s-Segretarju Permanenti hemeż kopja ta' dikjarazzjoni mingħand id-Direttur responsabbli għad-dmirijiet assenjati lill-*complainant*. Dan id-Direttur ċaħad b'mod kategoriku li d-dmirijiet assenjati lill-*complainant* kienu eċċessivi u semma ukoll inċidenti li fihom kien involut il-*complainant*. Dawn tal-aħħar kienu jirriflettu b'mod negattiv fuq l-attitudni tal-istess *complainant* fil-qadi ta' dmirijietu. Il-*complainant* ingħata kopja ta' dak id-dokument, u minnufih irribatta dwar dak li ntqal fuqu u ippreżenta l-verżjoni tiegħu tal-fatti li f'partijiet minnhom kienet sostanzjalment konfliġġenti ma' dak li ġie allegat fuqu mid-Dipartiment.

Dan l-Uffiċċju innota li mit-ton tar-rapport tad-Direttur u mit-tweġiba tal-*complainant* kien jidher bl-aktar mod ċar li r-relazzjoni ta' bejniethom ma kinitx waħda feliċi. Għaldaqstant, dan l-Uffiċċju nsista li jkollu l-evalwazzjoni tas-Segretarju Permanenti dwar din il-kwistjoni li dwarha kien mgħarraf tajjeb u kien konxju tal-kummenti kontrastanti taż-żewġ uffiċjali.

Fl-opinjoni tiegħu s-Segretarju Permanenti irrefera għall-*complainant* bħala persuna diffiċli, li ma tantx jikkoopera u li ma tantx huwa lest li jaċċetta malajr tibdil fil-qadi ta' dmirijietu. Hu stqarr li onestament iħoss li l-*complainant* ma kellux raġun jilmenta għaliex id-dmirijiet li ngħata kienu raġonevoli u seta' jaqdihom bla wisq taħbit għax kien impjegat kapaċi.

**Kunsiderazzjonijiet**
L-Ombudsman osserva li dak li beda bħala nuqqas ta' qbil bejn il-*complainant* u s-superjuri diretti tiegħu dwar ż-żieda fid-dmirijiet allokati lilu meta kien wasal biex jirtira uffiċjal fil-grad ta' Prinċipal wara li l-*complainant* kien ġie promoss f'dan il-grad, spiċċa f'allegazzjonijiet reċiproċi bejn iż-żewġ uffiċjali dwar l-operat tagħhom fis-Servizz Pubbliku.

Dan l-Uffiċċju deherlu li dan l-iżvilupp hu materja li jekk jirriżulta li jkun hemm il-ħtieġa għandha tiġi mistħarrġa mill-awtoritajiet kompetenti, inkluż is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru.

Il-qofol tal-ilment huwa dwar id-dmirijiet addizzjonali li ngħataw lill-*complainant* meta kien ser jirtira uffiċjal ieħor li kien jaħdem f'taqsima separata fid-Dipartiment

u li kien fl-istess grad tiegħu, dak ta' Prinċipal. Il-*complainant* sostna li dawn id-dmirijiet kienu eċċessivi u inġusti u li hu ma setax ilaħħaq magħhom. F'mument minnhom semma ukoll li minħabba l-i*stress* relatat max-xogħol kellu ukoll jirrikorri għall-assistenza medika.

Dan l-Uffiċċju dejjem sostna li l-allokazzjoni tad-dmirijiet fuq il-post tax-xogħol hija prerogattiva tal-*management* u li ma jintervjenix sakemm ma tinġiebx prova li d-dmirijiet il-ġodda ma jirriflettux il-grad tal-*complainant* jew huma imposti b'mod abbużiv jew vendikattiv. Ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma tirriżulta f'dan il-każ. Madanakollu, l-Ombudsman għamel osservazzjoni li f'dan l-ilment kienet saret referenza għal ċirkostanza li tista' twassal għall-inġustizzja - meta impjegat jingħata dmirijiet eċċessivi li ma jkunx jista' jlaħħaq magħhom u li saħansitra huwa possibbli li jaffettwawlu saħħtu.

F'dan il-każ dan l-Uffiċċju ġie ippreżentat b'żewġ allegazzjonijiet li huma dijametrikament opposti - dawk tal-*complainant* u dawk tad-Direttur li kien responsabbli għat-tqassim tad-dmirijiet. Kien proprju għal din ir-raġuni li l-Uffiċċju tal-Ombudsman talab li jingħata l-opinjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru dwar din il-kwistjoni. Is-Segretarju Permanenti sostna li hu kien onestament iħoss li d-dmirijiet li ngħataw lill-*complainant* kienu raġonevoli.

Dan l-Uffiċċju talab ukoll tagħrif mingħand id-Direttur tal-*Employee Relationship Management* fil-*Public Administration HR Office* (PAHRO) dwar jekk teżistix xi forma oġġettiva kif jiġi assessjat jekk id-dmirijiet mogħtija lill-impjegati humiex eċċessivi jew le. It-tweġiba[1] dwar dan kienet fin-negattiv. Madankollu, il-PAHRO żied jgħid li jekk Direttur Ġenerali jew Segretarju Permanenti jħoss li hemm il-ħtieġa, tista' titressaq talba lill-*Management Efficiency Unit* biex din l-Aġenzija tagħmel *Operations Review* tad-dmirijiet rispettivi - proċess elaborat u li jinvolvi fost oħrajn *time and motion study* tal-uffiċjali tad-Dipartiment u li wieħed jifhem li jinvolvi l-użu ta' riżorsi umani għal perjodu sostanzjali. Kieku kellu jsir dan, u jirriżulta li l-eżerċizzju sar fuq talba frivola, jew li minn naħa l-oħra jinstab li kien hemm abbuż ta' poter, allura l-uffiċjal ikkonċernat kellu jerfa' r-responsabbiltà tal-konklużjonijiet ta' dan l-eżerċizzju u din kellha titniżżel ukoll fil-*file* personali tal-uffiċjal/i ikkonċernat/i.

1 Din kienet informazzjoni verbali li ngħatat waqt diskussjoni ma' uffiċjal tal-PAHRO.

Il-PAHRO għamel ukoll referenza għall-effetti negattivi li jista' jkun hemm fuq is-saħħa ta' impjegat f'tali ċirkostanzi. Impjegat għandu jingħata l-opportunità li jipparteċipa fi programm imsejjaħ *Employee Support Programme* - servizz li jista' jingħata lill-impjegati fis-servizz pubbliku.

Dan l-Uffiċċju ikkonsulta ukoll mal-Awtorità dwar is-Saħħa u Ħarsien fuq il-post tax-xogħol (OHSA) li minn naħa tagħha semmiet il-possibilità li jittieħed parir mingħand *Occupational Psychologist*.

**Konklużjoni**

Wara li l-Ombudsman eżamina l-fatti dwar il-każ, ma kienx f'qagħda li jsostni l-ilment. Minbarra l-fatt li t-tqassim tad-dmirijiet tax-xogħol huwa prerogattiva tal-*management*, jibqa' ukoll il-fatt li ma jeżistix kriterju oġġettiv li jista' jgħin lil dan l-Uffiċċju li jistabbilixxi li d-dmirijiet assenjati lill-*complainant* kienu eċċessivi. Minn naħa l-oħra l-opinjoni tad-Direttur responsabbli mit-tqassim tax-xogħol f'dan il-każ kienet ikkorraborata mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru.

L-Ombudsman kien tal-fehma li jekk il-*complainant* jibqa' jsibha diffiċli li jlaħħaq mal-volum ta' xogħol mogħti lilu, l-awtoritajiet kellhom diversi alternattivi, inkluż li jiġi trasferit f'taqsimiet oħra fis-servizz pubbliku fejn iwettaq dmirijiet oħra kompatibbli mal-grad tiegħu. Kif ukoll, li jekk jibqgħu konvinti li d-dmirijiet mogħtija lill-*complainant* kienu ġusti anke meta ipparagunati ma' dmirijiet oħra ta' uffiċjali fl-istess grad tiegħu ta' Prinċipal fl-istess Ministeru, għandhom jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lil alternattivi oħra kif spjegat aktar 'il fuq f'dan ir-rapport, jiġifieri li l-*complainant* ikun offrut is-servizzi tal-*Employee Suppport Programme* jew dak ta' *Occupational Psychologist*.

**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru O 0081**
**Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi**

# *Qualification allowance* għall-impjegati sekondati ma' aġenzija pubblika

*(kumpens għall-kwalifiċi, ugwaljanza, amministrazzjoni tajba)*

Skrivana li kellha kuntratt indefinit u li kienet ġiet sekondata biex taħdem fi sptar tal-gvern minn ma' aġenzija tal-Istat, il-*Foundation for Medical Services* (FMS), ilmentat li inġustament ġiet miċħuda d-dritt li tingħata *qualification allowance*. Hi sostniet dan minħabba li fl-istess uffiċċju fejn kienet taħdem, il-kollega tagħha (uffiċjal pubbliku) li kienet tagħmel l-istess xogħol, kienet tingħata din l-*allowance*. Qabel ma kisbet id-Diploma fl-Istudji Ewropej, in konnessjoni mal-istudji li kienet qed tagħmel, l-isptar kien taha permess li tieħu numru ta' ġranet bħala *study leave*.

Meta l-*complainant* applikat għall-*qualification allowance* ġiet informata mill-awtoritajiet tal-isptar li t-talba tagħha ma setgħetx tintlaqa' minħabba l-fatt li hi kienet impjegata tal-FMS. L-awtoritajiet tal-isptar kienu ikkuntattjaw lill-FMS dwar din il-kwistjoni, u din tal-aħħar informathom li l-istruttura tal-pagi tagħha ma kinitx tinkludi *qualification allowance*. L-iskrivana ma kinitx konvinta mir-raġuni li ngħatat biex it-talba tagħha għall-*qualification allowance* kienet ġiet rifjutata. Dan meta kien għall-istess għan li hi ngħatat permess li tieħu *study leave* u wara rnexxielha tikseb il-kwalifika tagħha (Diploma fl-Istudji Ewropej).

Dan l-Uffiċċju talab għall-kummenti tal-isptar li kien ċaħad it-talba tagħha għall-*allowance*. B'mod speċifiku talab li jingħata kopja tal-kuntratt ta' xogħol tal-persuna li lmentat, kif ukoll għall-kundizzjonijiet tax-xogħol li hi kellha mal-isptar. Dawn kellhom jinkludu jekk din l-impjegata kinitx intitolata għal xi benefiċċji oħra minbarra dawk imniżżla fil-kuntratt tagħha mal-FMS. Intalbet ukoll informazzjoni dwar jekk kienx hemm impjegati oħra tal-FMS li kienu ġew assenjati jaħdmu l-isptar u li kellhom benefiċċji oħra (li ma kienux imniżżla fil-kuntratt ta' xogħol tagħhom) iżda li kienu relatati man-natura tax-xogħol li kienu qed iwettqu.

Irriżulta li skont il-kuntratt ta' xogħol tagħha, il-*complainant* kienet intitolata għas-salarju tagħha ta' Skrivana fi Skala 16 u għal dawn l-*allowances* li ġejjin:

- *allowance* għax-xift; u
- *allowance* meta taħdem fil-Ħdud u Festi pubbliċi skont ir-regolamenti tal-pagi tad-Dipartiment tas-Saħħa.

Kienet ukoll intitolata li tirċievi xi *bonuses, allowances* jew żidiet kif imniżżla skont il-liġi. Ma kien hemm l-ebda aċċenn għall-*qualification allowance.*

Dan l-Uffiċċju informa lill-FMS li għalkemm is-salarju tal-persuna li ressqet l-ilment kien marbut ma' skala ta' salarju tas-Servizz Pubbliku, ma kien hemm xejn imsemmi dwar il-*qualification allowance* li jitħallsu lill-Uffiċjali Pubbliċi bħala parti mill-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom meta bħal *complainant* jiġu sekondati biex jaħdmu fis-Servizz Pubbliku. Dan kien ifisser li l-*complainant* setgħet tpoġġiet f'sitwazzjoni fejn hi titħallas anqas mill-kollega tagħha li kienet uffiċjal pubbliku, anke jekk kellhom l-istess dmirijiet ta' xogħol. Il-liġi dwar l-impjiegi ma kinitx torbot lill-FMS li tmur *oltre* l-obbligazzjonijiet kontrattwali tagħha imma din kienet kwistjoni ta' ġustizzja. Dan l-Uffiċċju talab r-reazzjoni tal-FMS u talab ukoll li tingħatalu informazzjoni jekk kienx hemm impjegati oħra tal-FMS li kienu qed jaqdu d-dmirijiet tagħhom l-isptar jew x'imkien ieħor fis-Servizz Pubbliku li kienu qed jingħataw *qualification allowance* jew xi forma ta' benefiċċju ieħor li ma kienx imniżżel fil-kuntratt ta' xogħol tagħhom.

L-ewwel reazzjoni minn naħa tal-FMS kienet li jibqgħu jinsistu fuq il-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt tal-*complainant,* li ma kienx jinkludi *qualification allowance*. Madanakollu, aktar 'il quddiem l-FMS sabet li kien hemm erba' impjegati oħra tagħha li kienu qed jaqdu d-dmirijiet tagħhom fi sptar tal-gvern ieħor, iżda li għalkemm ma kellhom xejn imniżżel fil-kuntratt tax-xogħol tagħhom xorta waħda kienu qed jirċievu *qualification allowance*. L-argument tagħha kien li f'dawn il-każijiet kollha l-kwalifiki tal-impjegati kienu relevanti mad-dmirijiet tax-xogħol tagħhom. Il-Fondazzjoni xorta baqgħet toġġezzjona għat-talba tal-*complainant* għar-raġuni li l-kwalifika tagħha ma kinitx relevanti għax-xogħol speċifiku tagħha fil-qadi ta' dmirijietha fl-isptar. Finalment, l-FMS żiedet tgħid li kellha l-intenzjoni li tħejji *policy* ċara dwar dawn it-talbiet għall-*qualification allowance* sabiex tassigura li jkun hemm ekwità fost l-impjegati kollha.

Dan l-Uffiċċju staqsa lill-FMS liema kienu l-kriterji li bihom beda jiġi stabbilit jekk il-kwalifika tal-impjegat kinitx relevanti għax-xogħol tiegħu, minħabba li kien hemm ċirkostanzi fejn fil-fatt l-FMS kienet qiegħda tagħti din l-*allowance* lill-impjegati tagħha li kienu qed jaqdu dmirijiethom fis-settur tas-saħħa. L-Uffiċċju ġibed l-attenzjoni tal-aġenzija għall-provvedimenti tal-*Public Service Management Code* (PSMC), li jirregola l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-uffiċjali pubbliċi u li jipprovdi tagħrif speċifiku u linji gwida dwar liema huma l-kwalifiki relevanti mad-dmirijiet li wieħed ikun qiegħed iwettaq. Fil-fatt Appendiċi 2.VI tal-PSMC hemm imniżżla lista ta' oqsma ta' studji fejn il-kwalifika miksuba trid dejjem titqies bħala relevanti għad-dmirijiet imwettqa fil-gradi kollha tas-servizz pubbliku. Din il-lista tinkludi l-Istudji Ewropej. Il-grad tal-*complainant* kien dak ta' Skrivana li hu grad fis-servizz pubbliku.

Fid-dawl ta' dan l-iżvilupp dwar l-impjegati li jiġu mitluba li jaqdu dmirijiethom f'postijiet oħra, l-FMS wieġbet dan li ġej:

> *"Kindly note that the Foundation for Medical Services (FMS) has reviewed it's position and taking into consideration the fact that, as you correctly state, a qualification in European Studies is listed as being eligible for a qualification allowance in PSMC, the board has agreed to approve … (complainant's) request.*
>
> *In addition, FMS is in the process of drafting an official policy regarding Qualification Allowance which will serve as a guideline for future applicants".*

Din kienet rebħa għall-ekwità u għaldaqstant il-każ ġie konkluż b'mod sodisfaċjenti.

**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru N 0263**
**Segretarju Permanenti Prinċipali**

# Kuntratt definit ta' Segretarju Permanenti jiġi terminat

*(kuntratt definit, terminat)*

**Il-persuna li ressqet l-ilment (il-*complainant)*[2]**
Persuna li kienet fil-kariga ta' Segretarju Permanenti lmentat li l-kuntratt definit tagħha ta' tliet snin kien ġie inġustament terminat mingħajr raġuni valida u mingħajr ma ġew rispettati l-provvedimenti tal-Klawsola 3 tal-istess kuntratt u s-sub artiklu 3 tal-Artiklu 92 tal-Kostituzzjoni ta' Malta - u dan minkejja li matul is-snin hu kien ta kontribut siewi nkluż waqt li okkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti mill-2004.

**L-investigazzjoni**
Fil-kummenti tiegħu dwar dan l-ilment, is-Segretarju Permanenti Ewlieni (il-PPS) sostna li l-proċess kollu sar skont il-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll li kien konformi mal-*Performance Agreement* (kuntratt) li kien sar mal-*complainant*. Filwaqt li Segretarji Permanenti oħra, li kienu aċċettaw li joffru r-riżenja tagħhom wara l-Elezzjoni Ġenerali ta' Marzu 2013 meta kien hemm bidla fil-Gvern, liema riżenja ġiet aċċettata, il-*complainant* baqa' qatt ma offra r-riżenja tiegħu.

Fis-26 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku qablet li l-kuntratt tal-*complainant* jintemm, skont ma jipprovdi s-Sub artiklu 3 tal-Artiklu 92 dwar il-Kostituzzjoni. F'dik l-istess ġurnata hu ġie mgħarraf b'din id-deċiżjoni u skont il-Klawsola 3 tal-kuntratt ingħata 90 ġurnata bħala avviż li ser jiġi terminat il-kuntratt u dan il-perjodu kien meqjus bħala *handing over*.

2 Fl-ilment li ressaq il-*complainant* kien hemm numru ta' talbiet oħra sabiex jiġu investigati iżda li ma kienux sostnuti. Madankollu dawn mhumiex imsemmija għaliex mhumiex importanti għall-finijiet ta' din ir-Rapport fil-Qosor.

Matul dan il-perjodu l-*complainant* kellu żewġ laqgħat mas-Segretarju Permanenti Ewlieni fejn ġie mistieden jagħti l-preferenzi tiegħu fejn jixtieq li jiġi assenjat. Il-*complainant* qatt ma ta l-preferenzi tiegħu u għaldaqstant ġie mogħti xogħol li huwa adegwat mal-grad tiegħu fl-istess Ministeru fejn kien qiegħed jaqdi dmirijietu. Wara l-approvazzjoni tal-President l-kuntratt ġie definittivament terminat fis-26 ta' Ġunju 2013.

Il-*complainant* ikkummenta li hu qatt ma offra li jirriżenja mill-pożizzjoni tiegħu bħala Segretarju Permanenti għaliex l-istruzzjonijiet biex joffri li jirriżenja kienu jmorru kontra n-normi stabbiliti u għaldaqstant fl-opinjoni tiegħu dawn qatt ma messhom inħarġu. Il-pożizzjoni ma kinitx waħda politika u dan il-fatt kien jidher ċar fil-prassi stabbilita u fil-fatt ma kien hemm ebda klawsola fil-kuntratt li tgħid li għandu jsir hekk f'każ ta' bidla fil-Gvern. Il-*complainant* sostna li kieku hu aċċetta li jirriżenja kien ikun qed jikser il-kuntratt tiegħu. Hu insista li bidla fil-Gvern ma kienetx raġuni valida sabiex jiġi terminat il-kuntratt. Dwar il-fatt li hu ġie mistoqsi li jagħti l-preferenzi tiegħu fejn jixtieq jaħdem, l-argument tiegħu kien li la kien l-Gvern li ħoloq din il-problema kellu jkun l-istess Gvern li jsolviha.

Wara konsultazzjoni li dan l-Uffiċċju għamel mal-PAHRO irriżulta li m'hemm ebda *job description* marbuta ma' Uffiċjali fi Skala 2. L-eqreb responsabbiltajiet lejn din l-iskala kienu d-dmirijiet marbuta ma' tmexxija anke jekk il-Grad minnu nnifsu mhuwiex ta' pożizzjoni ta' tmexxija.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-Ombudsman ikkunsidra l-provvedimenti tas-sub-artiklu tal-Kostituzzjoni ta' Malta li kien jirregola l-ħatra ta' Segretarji Permanenti kif ukoll il-Klawsola 3 tal-kuntratt imsemmi.

Sub-artiklu 3 tal-Artiklu 92 tal-Kostituzzjoni kien jipprovdi għall-ħatra u tneħħija mill-kariga ta' Segretarju Permanenti. Din fil-fatt tfisser li (kif kien iddikjarat fil-Klawsola 3 tal-kuntratt tal-*complainant*) l-Gvern mhuwiex marbut li jżomm Segretarju Permanenti għat-tul taż-żmien kollu tal-kuntratt definit tiegħu. Il-Prim Ministru seta' wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jagħti parir lill-President ta' Malta li jtemm il-kuntratt meta jħoss li hekk għandu jsir matul dan il-perjodu.

L-amministrazzjoni l-ġdida, għar-raġunijiet tagħha iddeċidiet li titlob lil dawk li kienu jokkupaw il-kariga ta' Segretarju Permanenti sabiex joffru r-riżenja tagħhom lill-Gvern. Fost dawn kien hemm min għamel dak li ntalab filwaqt li l-*complainant* kif kien id-dritt tiegħu, irrifjuta li jagħmel hekk għaliex fil-kuntratt ma kienx hemm referenza għall-eventwalità ta' meta jkun hemm bidla fil-Gvern. Sussegwentement il-Gvern ipproċeda skont il-provvedimenti tas-sub-artiklu 3 tal-Artiklu 92 tal-Kostituzzjoni, u wara konsultazzjoni, kien hemm qbil mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li pproċediet għall-kunsens tal-President ta' Malta. Wara l-approvazzjoni mingħand il-President il-*complainant* ġie informat li l-kuntratt tiegħu kien ser jiġi terminat u li dan kien ser jidħol fis-seħħ 90 jum minn meta jiġi notifikat. L-Ombudsman ikkunsidra l-fatti kollha kif ġraw u l-fatt li l-President setgħet biss taġixxi fuq il-parir tal-Gvern, ikkonkluda li ma kienx hemm ksur tas-sub-artiklu 3 tal-Artiklu 92 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Dwar l-allegazzjoni tal-*complainant* li kien hemm ksur tal-Klawsola 3 tal-*performance contract* tiegħu, l-Ombudsman ikkunsidra li f'din il-klawsola kien hemm referenza għat-terminazzjoni tal-kuntratt. Din il-klawsola kienet tagħti setgħa lill-Gvern li jtemm tali kuntratt qabel ma jiskadi t-terminu sakemm:

- jiġi osservat il-provvediment tas-sub-artiklu 3 tal-Artiklu 92 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
- jingħataw 90 ġurnata mid-data tal-avviż; u
- jingħataw ir-raġunijiet għalfejn il-kuntratt ser jiġi terminat.

Fl-investigazzjoni ħareġ b'mod ċar li l-ewwel żewġ kundizzjonijiet kienu ġew osservati. Dwar ir-raġuni għalfejn kien ser jintemm il-kuntratt, il-*complainant* sostna li ma kienx hemm raġuni valida biex jintemm il-kuntratt tiegħu, aktar u aktar meta wieħed jikkunsidra n-numru ta' snin ta' servizz validu li ta f'dik il-kariga. Hu insista li normalment impjegati li jwettqu xogħol li jkun ta' livell ogħla mill-grad tagħhom jiġu ikkumpensati għall-isforzi tagħhom, mhux bil-maqlub kif ġara fil-każ tiegħu. Tenna ukoll li bidla fil-Gvern ma kinitx raġuni valida biex ittemm il-kuntratt.

L-Ombudsman ikkunsidra li fl-ewwel lok il-klawsola tal-kuntratt ma kinitx tispeċifika li jkun hemm raġunijiet validi imma raġunijiet. F'dan ir-rigward l-amministrazzjoni l-ġdida għamlitha ċara li riedet tkun f'pożizzjoni li tagħżel hi s-Segretarji Permanenti li kellhom jassistu lill-Ministri l-ġodda fil-qadi ta' dmirijiethom. Għaldaqstant talbet lil dawk kollha li kienu qed jokkupaw din il-kariga sabiex joffru r-riżenja tagħhom

u b'hekk tkun tista' tiddeċiedi lil min ser iżżomm u lil min titterminalu l-kuntratt tiegħu. Għalhekk, għal darb'oħra jista' jingħad li ma kienx hemm ksur tal-klawsola kuntrattwali.

Mingħajr preġudizzju għal dak li ingħad aktar 'il fuq, l-Ombudsman deherlu li għandu jikkunsidra aktar fil-fond l-argument tal-*complainant* li s-Segretarji Permanenti m'humiex ħatriet politiċi u għaldaqstant m'għandhomx ikunu mġiegħla jirriżenjaw meta jkun hemm bidla fil-Gvern. F'dan il-kuntest l-Ombudsman għamel referenza għas-sub-artikli (1) u (2) tal-Artiklu 92 li kienu mniżżla qabel dak ċitat mill-*complainant*. Dawn kienu jistipulaw dan li ġej:

> *(1) Meta lil xi Ministru tkun ġiet mogħtija r-responsabbiltà għal xi dipartiment tal-gvern, huwa għandu jeżerċita direzzjoni ġenerali u kontroll fuq dak id-dipartiment; u, bla ħsara għal dik id-direzzjoni u kontroll, id-dipartiment jista' jkun taħt is-sorveljanza ta' Segretarju Permanenti:*
>
> *Iżda zewġ dipartimenti tal-gvern jew iżjed jistgħu jitqegħdu taħt is-sorveljanza ta' Segretarju Permanenti wieħed.*
>
> *(2) Il-Prim Ministru jkun responsabbli għall-assenjazzjoni ta' dipartimenti tal-gvern lil Segretarji Permanenti.*

Dan ifisser li skont il-Kostituzzjoni, l-funzjoni ta' Segretarju Permanenti hija waħda ta' superviżjoni kif ukoll fejn wieħed jassisti lill-Ministru li jkun assenjat bir-responsabbiltà tad-dipartimenti li jaqgħu fid-dekasteru tiegħu jew tagħha.

Għalkemm matul is-snin ġie rikonoxxut li:

- l-ħatra ta' Segretarji Permanenti m'hijiex waħda politika, u l-pożizzjoni lanqas ma hija waħda ta' fiduċja kif interpretati pożizzjonijiet oħra;
- huwa mifhum li s-Segretarju Permanenti huwa l-persuna li għandha l-inkarigu mhux politiku, li t-tmexxija amministrattiva fis-servizz pubbliku tibqa' għaddejja meta jkun hemm bidla fil-Ministru jew fil-Gvern. Wieħed irid ukoll jirrikonoxxi u jikkonsidra li r-relazzjoni bejn il-Ministru u s-Segretarju Permanenti hija waħda fejn hemm element ta' fiduċja reċiproka u li jħossuhom komdi jaħdmu flimkien. Fir-realtà, anke jekk mhux idejali, il-Ministru jibqa' persuna politika minkejja l-ħatra Kostituzzjonali tiegħu ta' Ministru, filwaqt li s-Segretarju Permanenti tiegħu huwa uffiċjal pubbliku. Fuq il-bażi ta' dan l-element ta' fiduċja u

> kemm wieħed iħossu komdu jaħdem mal-persuna l-oħra, jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet fejn Segretarju Permanenti jitneħħa minn dik il-pożizzjoni wara li jkun hemm bidla fil-Gvern. Fil-fatt f'pajjiżi oħra bħal fl-Istati Uniti l-uffiċjali kollha fil-karigi ewlenin jinbidlu meta jinbidel il-kap tal-istat proprju għaliex huma ħatriet politiċi. Fir-Renju Unit l-uffiċjali fiċ-ċivil huma kollha maħtura skont il-provvedimenti tar-*Royal Prerogative*. Din ir-regola tradizzjonali tagħti lok li l-uffiċjali ċivili jkunu mpjegati tal-Kuruna Ingliża u dan il-fatt kważi qatt ma ġie ikkontestat quddiem il-Qrati lokali.

Din is-sitwazzjoni m'hijiex in-norma jew il-pożizzjoni f'Malta, iżda mill-banda l-oħra l-Kostituzzjoni ma teskludihiex. Il-*performance agreement* (il-kuntratt) iffirmat mill-*complainant* fil-fatt jistipula li biex għal xi raġuni jiġi terminat il-kuntratt, anke jekk mhux idejali huwa possibbli li jitqiesu dawn il-kunsiderazzjonijiet. Mhuwiex il-każ li dawk il-persuni li jkunu qiegħdin f'din il-kariga jinżammu fil-pożizzjoni tagħhom għaliex ikunu wettqu xogħol għola mill-grad tagħhom.

Barra minn hekk, huwa l-Prim Ministru li jagħti parir lill-President (u l-President jaġixxi fuq dak il-parir) dwar il-ħatriet għall-pożizzjonijiet ta' Segretarji Permanenti u ta' Kapijiet ta' Dipartimenti tal-Gvern; il-Prim Ministru jeħtieġ biss li jikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din hija sitwazzjoni differenti minn dik ta' uffiċjali pubbliċi oħra fejn il-Prim Ministru jrid jaġixxi fuq il-parir tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

L-Ombudsman ikkonkluda li dan l-ilment ma setax jiġi sostnut iżda għamel kunsiderazzjoni ulterjuri dwar element ieħor li ssemma fl-ilment tal-*complainant* jiġifieri dwar it-telf tal-ħlas ta' *allowances* li sofra meta ma baqax fil-kariga ta' Segretarju Permanenti. Għalkemm ma kien hemm ebda nuqqas minn naħa tal-Gvern f'dan ir-rigward, fl-opinjoni tal-Ombudsman l-aġir tal-*complainant* kien sforz ta' frustrazzjoni li kien qiegħed ibati fil-mument u ukoll tar-reżistenza tiegħu milli jirriżenja (xi ħaġa li hu kellu dritt li jagħmel) iżda li fl-aħħar mill-aħħar bata l-konsegwenzi tagħha għaliex il-kollegi l-oħra tiegħu li ħadu atteġġjament differenti u aċċettaw li jirriżenjaw, irnexxielhom imorru aħjar. Fil-fatt il-*complainant* minkejja li ta kontribut siewi għal snin twal bħala Segretarju Permanenti (u dan qatt ma ġie miċħud) tilef il-benefiċċji li kien qiegħed jirċievi meta kien Segretarju Permanenti, filwaqt li mhux l-istess ġara lill-kollegi tiegħu, u ta dan il-Gvern m'għandu l-ebda ħtija.

Is-Segretarju Permanenti Ewlieni kien lest li jtaffi ftit mid-diżappunt li ħadu dawk li tneħħew minn Segretarji Permanenti u għalhekk ipprova jassistihom billi jingħataw pożizzjonijiet oħra li xtaqu huma fejn iwettqu l-ħidma tagħhom (u dan l-atteġġjament addottah ukoll mal-*complainant*). Għaldaqstant l-Ombudsman deherlu li jkun opportun li jirrakkomanda lis-Segretarju Permanenti Ewlieni li jikkunsidra li jerġa' joffri lill-*complainant* li ssir diskussjoni tal-aħħar biex possibbilment tinstab soluzzjoni billi jiġi identifikat rwol fejn ikun meħtieġ li jkun hemm l-iffirmar ta' *performance agreement* ġdid mal-*complainant* - kif sar mal-kollegi l-oħra tiegħu. Jekk dan il-ftehim jintlaħaq jista' jkun ta' ġid u fl-aħjar interess tas-servizz pubbliku.

**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru N 0084**
**Air Malta**

# Proċess tal-għażla għal impjieg permanenti mal-Air Malta bħala membru tal-Air Cabin Crew

*(proċess tal-għażla, impjieg permanenti)*

Persuna li applikat għal impjieg permanenti bħala membru tal-*cabin crew* ħassitha li ġiet trattata ħażin meta ma ntgħażlitx, meta hi kellha ħafna iktar esperjenza u kwalifiki akkademiċi ogħla mill-applikanti l-oħra li ntagħżlu.

Mill-investigazzjoni irriżulta li fis-sejħa interna kien hemm stipulat li biex wieħed ikun eliġibbli biex japplika għal din il-pożizzjoni ried ikollu tal-inqas tmintax-il sena, il-piż tiegħu ikun wieħed tajjeb meta mqabbel mat-tul u dan ir-*ratio* kien definit mill-istess Kumpanija, ikollu tal-inqas ħames ċertifikati fil-livell ordinarju (fi gradi speċifiċi) u jkun kapaċi jikkomunika tajjeb kemm bil-fomm kif ukoll bil-kitba bil-Malti u bl-Ingliż. Għaldaqstant l-impjegati kollha irrispettivament minn kemm kienu ilhom impjegati mal-Kumpanija kienu eliġibbli li japplikaw ladarba kienu jissodisfaw dawn il-kriterji.

Kif kien hemm imniżżel fis-sejħa għall-applikazzjonijiet u anke minħabba n-numru kbir ta' applikanti, il-proċess tal-għażla kien maqsum f'żewġ stadji, l-ewwel fejn isir *shortlisting* u t-tieni u l-aħħar stadju kienu jinkludu żewġ eżerċizzji fi gruppi kif ukoll intervista.

L-istadju tax-*shortlisting* kien jikkonsisti f'*assessment* bil-miktub, preżentazzjoni fuq il-ħiliet u intervista, u dawn kellhom 35%, 25% u 40% rispettivament. F'dan l-istadju l-*panel* tal-assessuri ngħata parir li ma jillimitax l-assessjar tiegħu fuq il-kwalità tat-tweġibiet biss, iżda kellu jieħu ukoll konsiderazzjoni ta' kemm il-kandidat huwa kunfidenti, għandu għarfien tas-suġġetti diskussi, il-ħiliet tiegħu ta' kommunikazzjoni u kemm wieħed jidher li hu onest. Dan kollu seta' isir billi minn qabel ġew stabbiliti kriterji li kienu jinkludu kif il-persuna tippreżenta u

żżomm ruħha, kemm taf dwar il-*policy* tal-Kumpanija għal dak li għandu x'jaqsam ma' relazzjonijiet mal-klijenti, l-għarfien dwar ir-rwol tagħha ta' ambaxxatur, kif ukoll dwar il-materja ta' sigurtà, kommunikazzjoni u li wieħed ikun konformi mal-elementi ġodda fil-kultura tal-Kumpanija.

Fl-istadju tax-*shortlisting* il-*complainant* kisbet total ta' 67.55% (meta l-*pass mark* kienet ta' 65%). Din il-marka kienet tiġbor fiha t-tlett elementi li kienu ġew stabbiliti għall-istadju tax-*shortlisting* u kienet tinkludi marka għolja ħafna li hi ngħatat għall-preżentazzjoni dwar il-ħiliet tagħha. Madanakollu, il-marki miksuba fl-ewwel stadju ma kienux qed jiġu ikkunsidrati għat-tieni stadju.

Minn 92 applikant għaddew 61 għat-tieni u l-aħħar stadju tal-proċess tal-għażla fejn kien hemm 27 post battal li riedu jimtlew. L-istadju fejn kellu jsir l-eżerċizzju fi gruppi kellu 60% tal-marka totali filwaqt li l-40% l-oħra ġew allokati għal kif wieħed iġib ruħu waqt l-intervista. Il-*pass mark* għal darb'oħra kienet dik ta' 65%.

Fid-dawl tal-fatt li kien hemm numru kbir ta' kandidati li għaddew mill-eżerċizzju tax-*shortlisting*, għat-tieni fażi twaqqfu tlett *panels* separati. Il-Kumpanija stabbiliet minn qabel il-kriterji u sub-kriterji li kienet identifikat għall-*panels*.

L-eżerċizzju fi grupp kien jinvolvi *assessment* fuq erba' taqsimiet ewlenin, kull waħda maqsuma f'sub-kriterji fosthom; il-komunikazzjoni, ħidma kollettiva, is-soluzzjoni ta' problemi, u l-kreattività u l-ħiliet kif wieħed jinteraġġixxi ma' oħrajn. Bl-istess mod, għall-aħħar fażi tal-proċess tal-għażla għal darb'oħra l-*panel* ingħata lista ta' mistoqsijiet biex jintużaw bħala gwida matul l-intervista. Il-*complainant* kisbet 41 marka minn 60 fl-eżerċizzji tal-grupp u 26 marka minn 40 fl-intervista. Permezz tal-marka totali ta' 67 marka hija ġiet fit-tnejn u tletin post fl-ordni tal-mertu, u għalhekk ma setgħetx tinħatar fil-pożizzjoni li applikat għaliha għaliex kien hemm biss 27 post battal.

Fil-kunsiderazzjonijiet preliminari kien ġie iċċarat li:

- M'hijiex il-funzjoni tal-Ombudsman li jikkonkludi jekk ir-riżultat tal-intervista kienx wieħed inġust jew żbaljat, wara li irriżulta li l-proċess tal-għażla kien wieħed validu u li sar b'mod ġust u mexa mal-kriterji u l-marki li kienu ġew stabbiliti minn qabel. L-Ombudsman ma jiddeċidix u ma jikkummentax dwar kif jiġu stabbiliti u mħaddma l-kriterji fi proċess ta' għażla, anke jekk, għall-grazzja

tal-argument, hu ma jaqbilx mal-kriterji li ġew applikati fi proċess ta' għażla partikolari. Hu jikkummenta biss jekk fl-istħarriġ jidher li l-kriterji magħżula kienu intenzjonati li jiffavorixxu jew jippreġudikaw lil xi kandidat partikolari - xi ħaġa li f'dan il-każ ma irriżultatx. L-Ombudsman lanqas ma jikkritika kif jiġu applikati l-kriterji magħżula ladarba dawn jiġu applikati ma' kulħadd bl-istess mod;

- Barra minn hekk l-Ombudsman m'għandux jitqies bħala appell minn deċiżjoni ta' bord tal-għażla. Hu ma jissostitwixxix, u ma jbiddilx *assessment* suġġettiv jew deċiżjoni meħuda minn *panel* magħmul minn membri li għandhom snin ta' esperjenza fil-qasam tax-xogħol tagħhom. Għal din ir-raġuni l-Ombudsman ma jindaħalx, sakemm ma tinġiebx prova ċara li tkun saret xi irregolarità fil-proċess, jew li tkun ittieħdet azzjoni jew deċiżjoni ħażina mill-bord tal-għażla waqt l-assessjar tal-kandidati; u
- Bħala regola, la l-Ombudsman u lanqas uffiċċju ieħor ta' appell ma jbiddlu jew jeżaminaw *assessment* suġġettiv ta' bord. Dan għaliex huma bl-ebda mod ma jkunu involuti fil-proċess tal-għażla u għaldaqstant ma jkunux f'pożizzjoni li jikkummentaw dwar kif ikun ġab ruħu l-kandidat waqt il-proċess tal-għażla għall-post in kwistjoni.

Madanakollu, dan l-Uffiċċju assigura ruħu li ttieħdu numru ta' miżuri biex il-ġudizzju jkun kemm jista' jkun wieħed ekwu. Saret lista dettaljata tas-sub-kriterji kollha għal kull kriterju li ġie stabbilit fl-eżerċizzju tal-grupp, u l-*panel* ingħata struzzjonijiet li jalloka l-marka massima li wieħed jista' jikseb għal kull sub-kriterju u li jagħti marka lil kull kandidat għal kull wieħed minnhom. Dawn il-miżuri jassiguraw li l-assessur jagħti ġudizzju suġġettiv waqt li tiġi evalwata l-esperjenza u t-tagħrif fis-suġġett b'mod oġġettiv.

Il-kandidati li fl-ewwel stadju kisbu l-*pass mark* ta' 65% għaddew għat-tieni stadju tal-proċess. Il-marki miksuba mill-kandidati fl-ewwel stadju tal-proċedura kienu biss relevanti biex iwasslu għax-s*hortlisting*. Il-kriterji li ntużaw fit-tieni stadju kienu kollha suġġettivi u għalhekk il-marki li ngħataw kienu jiddependu ħafna minn kif l-assessur deherlu b'mod suġġettiv li aġixxa l-kandidat, kemm fl-eżerċizzji tal-grupp kif ukoll waqt l-intervista. Saret laqgħa għall-assessuri biex ikunu jafu kif ser jevalwaw il-kandidati u xi kwalitajiet għandhom ifittxu fost dawk li applikaw. Skont il-Kumpanija anke l-kandidati kienu ġew mgħarrfa minn qabel liema kienu l-kwalitajiet li kien ser jistħarreġ l-*panel* waqt l-eżerċizzji tal-grupp. Il-Kumpanija

kienet qiegħda tfittex il-personalità fil-kandidati aktar milli l-esperjenza, għaliex kienet ser tipprovdi t-taħriġ kollu meħtieġ għal kandidati magħżula.

L-Ombudsman ikkunsidra li l-*panel* tal-għażla kien irrikonoxxa l-merti tal-*complainant* u fil-fatt hi kienet marret tajjeb fil-proċess tal-għażla, madanakollu ma kienx irnexxielha tikkwalifika fost l-ewwel 27 fl-ordni tal-mertu u għalhekk tpoġġiet fuq il-lista tal-i*standby*. L-Ombudsman enfasizza li l-intervista u f'dan il-każ l-eżerċizzji fi grupp, kien proċess ta' għażla fejn normalment il-ħiliet ta' kull applikant jiġu evalwati skont il-kriterji u sub-kriterji stabbiliti. F'dan il-każ ma nstabet ebda evidenza li turi li d-deċiżjoni tal-*panel* tal-għażla kienet waħda inġusta jew żbaljata. Barra minn hekk, waqt il-laqgħa li l-*complainant* kellha mal-Uffiċjal Investigatur, hi ammettiet li waqt l-intervista kien hemm drabi meta ħassitha ftit inċerta waqt li kienet qed twieġeb uħud mill-mistoqsijiet.

Fl-opinjoni tiegħu l-Ombudsman għamel aċċenn għal allegazzjoni oħra li għamlet il-*complainant* dwar il-Kumpanija, meta din tal-aħħar għażlet lil xi studenti li kienu qed isegwu kors *full-time* għal din il-pożizzjoni meta l-persuna magħżula kienet mistennija li taħdem *full-time* u li tkun disponibbli. F'dan ir-rigward però dawn l-istudenti setgħu japplikaw għaliex kienu eliġibbli skont il-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-applikazzjonijiet u jekk jintgħażlu riedu jiddeċiedu huma jekk jaċċettawx l-impjieg jew le.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

Għalkemm l-ilment ma ġiex sostnut l-Ombudsman tenna, kif għamel diġà drabi oħra fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, li fl-interess tat-trasparenza u kontabilità, il-Kumpanija kellha tikkunsidra li tippubblika r-riżultat tal-proċess tal-għażla biex il-kandidati jkunu mgħarrfa bil-pożizzjoni li kisbu fl-ordni tal-mertu. Barra minn hekk f'dawn il-każijiet il-Kumpanija għandha tkun disposta li meta tintalab mill-kandidati biex jingħataw informazzjoni dwar il-proċess tal-għażla tagħti ukoll il-marki li huma kisbu, kif mqassma fuq il-kriterji stabbiliti mill-bord tal-għażla.

**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru J 0293**
**Awtorità tad-Djar**

# Il-pagament ta' kont esaġerat minħabba difett fis-servizzi tal-ilma mqiegħda taħt l-art

*(kontijiet tad-dawl u l-ilma, djar soċjali, xogħol ħażin)*

Persuna li joqgħod f'post li huwa proprjetà tal-Awtorità tad-Djar ilmenta li m'għandux jiġi mġiegħel iħallas kont esaġerat għall-konsum ta' ilma li akkumula minħabba li taħt l-art kienu ġew installati pajpijiet tal-ilma difettużi li kienu qed inixxu l-ilma.

Xi snin ilu, qabel ma ressaq l-ilment tiegħu lil dan l-Uffiċċju, il-*complainant* kien intebaħ li hemm xi ilma ħiereġ minn taħt il-madum tal-art fil-bitħa ta' wara tad-dar tiegħu, u kien irrapporta din il-kwistjoni lill-Perit tal-Awtorità tad-Djar. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) kienet intalbet tibgħat in-nies tagħha fuq il-post u t-tekniku sab li hemm ilma ħiereġ taħt il-madum li kien riżultat ta' xogħol ħażin li sar fil-*plumbing*.

Sussegwentement il-*complainant* irċieva kont ta' €3620 għall-konsum tal-ilma. Il-*complainant* kien ilu xi tmien snin joqgħod f'dan il-fond qabel ma skopra li ħiereġ l-ilma. Wara li għamel oġġezzjoni il-WSC naqqsitlu l-kont bin-nofs. Madanakollu, hu baqa' jinsisti li hu ma kienx lest iħallas lanqas dan l-ammont għaliex iħoss li dan ma kienx dovut min-naħa tiegħu, iżda kien imwiddeb li jekk jibqa' ma jħallasx kien ser jiġi sospiż is-servizz. Aktar tard din it-theddida ta' sospensjoni ma baqgħetx fis-seħħ.

L-argument tal-*complainant* kien li hu ma kienx responsabbli għall-ħsara li kien hemm u għaldaqstant il-kwistjoni kellha tiġi riżolta bejn l-Awtorità tad-Djar u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma - fil-fatt l-okkupanti l-oħra li kienu joqgħodu fl-istess blokk tal-*complainant* ukoll kellhom problemi simili dwar ix-xogħlijiet tal-*plumbing* li kienu saru fl-appartamenti tagħhom.

Dan l-Uffiċċju ipprova jaġixxi ta’ medjatur billi jara jekk l-Awtorità tad-Djar jew is-suċċessur tagħha bħala sid l-appartament kienx lest li jaċċetta r-responsabbiltà tad-difett u l-konsegwenzi li ġab miegħu. Iżda dan l-isforz ma wassal imkien.

L-Awtorità tad-Djar issottomettiet li hi ma kienetx is-sid tal-proprjetà għaliex din kienet tgħajjat lid-Dipartiment tal-*Housing Construction and Maintenance* tal-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali ta’ dak iż-żmien. Il-proprjetà nbniet fil-bidu tas-snin disgħin u l-Perit tad-Dipartiment tal-*Housing Construction and Maintenance* ammetta li ma kinitx komuni li jkun hemm il-ħtieġa li jinbidlu l-pajpijiet tal-ilma fi żmien relattivament daqshekk qasir. Mill-banda l-oħra l-kuntrattur seta’ faċilment jonqos milli jieħu responsabbiltà tad-difett għaliex hu qatt ma kien infurmat bil-ħsara.

Min-naħa tagħha l-Korporazzjoni tal-Ilma għalkemm uriet li kienet tifhem id-diffikultà u kienet lesta li tagħti l-kooperazzjoni tagħha, sostniet li hi ma setgħetx tinżamm responsabbli għal ħela tal-ilma u/jew il-ħsara fil-*plumbing*. Il-Korporazzjoni tal-Ilma għamlet referenza għar-Regolament dwar il-Provvista tal-Ilma (SL 423.03) li kienet tgħid li hi kienet responsabbli biss għas-servizz u l-konnessjoni li jkun hemm minn mal-komunikazzjoni tal-*main* sal-fond, u li jwassal sal-*mete*r tal-ilma. Ix-xogħol tal-*plumbing* fuq in-naħa ta’ ġewwa kien ingħata lill-kuntrattur mill-Awtorità tad-Djar. F’dan il-każ il-*leakage* tal-ilma kien instab fuq in-naħa ta’ ġewwa tal-fond, lil hinn mill-*meter*, li kien responsabbli għalih il-konsumatur.

Il-Korporazzjoni tal-Ilma spjegat li ladarba persuna jkollha *meter* reġistrat fuq isimha, il-konsum li jsir f’dik il-proprjetà awtomatikament irid jitħallas lill-Korporazzjoni mill-persuna li fuqha huwa reġistrat il-*meter*. Għalhekk il-*complainant* għandu jindirizza t-talba tiegħu lil min huwa responsabbli għax-xogħlijiet difettużi. Il-Korporazzjoni fakkret ukoll li minkejja kollox, u mingħajr xi forma ta’ obbligazzjoni minn naħa tagħha, fl-2007 kienet naqqset il-kont oriġinali b’ €1665. Għaldaqstant kienet qiegħda tinsisti li jitħallas l-ammont li kien fadal ta’ €1706 u li kien baqa’ pendenti, kont li jekk jibqa’ ma jitħallasx kellha d-dritt li tissospendi s-servizz minħabba nuqqas ta’ ħlas, u dan minbarra l-ħlas ta’ interessi fuq l-ammont dovut.

Min-naħa tagħha l-Awtorità tad-Djar li kienet tamministra l-blokk ta' appartamenti sostniet li minħabba li għadda ż-żmien ma setgħetx tinżamm responsabbli għall-ħsarat, anke jekk wieħed ma jieħux konjizzjoni taż-żmien għall-preskrizzjoni tat-talbiet. L-Awtorità argumentat li l-blokk ta' appartamenti in kwistjoni nbena minn kuntrattur privat taħt is-superviżjoni tal-*Housing Construction and Maintenance*. Dan il-blokk kien inbena fl-1997 u appartament minnhom kien ġie mikri lill-*complainant* is-sena ta' wara. Kien biss fl-2005 meta l-kerrej (il-*complainant*) informa lill-Awtorità li kellu kont għoli ħafna għall-konsum fil-perjodu bejn Marzu u Diċembru 2004. Hi sostniet li ma nġabet ebda prova li kien sar xogħol ħażin jew li kien hemm ħsarat fil-pajpijiet tal-ilma jew li kien ħiereġ xi ilma mill-pajpijiet oriġinali, jew li l-*leakage* tal-ilma ma kienx b'riżultat tax-xogħlijiet li għamel il-*complainant* meta biddel il-kamra tal-banju sentejn qabel. L-argument li ġabet l-Awtorità kien li jekk tassew ix-xogħol oriġinali tal-*plumbing* kien sar ħażin il-ħruġ tal-ilma kien jiġi innotat qabel u mhux wara seba' snin.

Waqt l-investigazzjoni, irriżulta li miċ-ċertifikati tal-perit li tagħhom ingħata kopja dan l-Uffiċċju, kien hemm żewġ problemi fl-installazzjoni tal-*plumbing* oriġinali - fosthom li l-pajpijiet li tqiegħdu kienu ta' kwalità inferjuri u li ma kienux jifilħu biżżejjed għall-pressa tal-ilma, u li l-medda li fihom għaddew dawn il-pajpijiet kienet inadegwata minħabba li l-pajpijiet intradmu b'kollox taħt il-madum u għaldaqstant dan kien itellef milli wieħed jinduna li hemm il-ħsara jew problema.

Wara li ġew stabbiliti dawn il-fatti dan l-Uffiċċju ikkunsidra argument ieħor li nġab mill-Awtorità tad-Djar, illi skont it-termini tal-Ftehim tal-Kiri li kien iffirma l-*complainant*, il-proprjetà kienet qiegħda tinkera *tale quale* u dan ifisser li l-kerrej kien responsabbli għax-xogħlijiet ta' *plumbing* u drenaġġ meħtieġa[3]. Għaldaqstant, hi sostniet li l-manutenzjoni tal-proprjetà kienet taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-kerrej. Fil-fatt kien għalhekk li l-proprjetà kellha kera baxxa u ġie stabbilit li tiġi allokata bħala akkomodazzjoni soċjali. L-Awtorità kompliet tinsisti li dan kien kuntratt ta' kera, mhux ta' bejgħ, u li l-klawżoli tal-kuntratt kellhom jiġu rispettati. Barra minn hekk hi ma xtaqitx li toħloq preċedent.

Fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu l-Ombudsman innota li l-fatti tal-każ ma kienux ġew kontestati u li ma kienx hemm dubju li kien hemm ilma jiskula, u li kien qiegħed iwassal għal kont esaġerat għall-konsum kbir ta' ilma. Dan kollu minħabba xogħol

3 Klawżoli 14 u 15 tal-Ftehim tal-Kera.

ħażin mill-kuntrattur li tqabbad mill-Gvern u li għal din il-ħsara l-*complainant* ma kellu ebda tort. Għaldaqstant, jista' jingħad li l-kwistjoni kienet waħda legali - l-Awtorità tad-Djar għamlet referenza għall-klawżoli 14 u 15 tal-ftehim ta' kiri dwar il-kirja *'tale quale'* fejn il-kerrej kien responsabbli għall-manutenzjoni mingħajr ebda dritt li jirreferilha talba għall-kumpens għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni mwettqa, inkluż xogħlijiet li jaqgħu taħt il-liġi tas-sanità.

L-Ombudsman ikkunsidra li l-Klawżoli 14 u 15 (li jirreferu għal *tale quale* u l-obbligazzjonijiet għall-manutenzjoni) ma kienux applikabbli għall-każ taħt eżami. Kien fid-dmir tal-kerrej li malli jieħu l-proprjetà f'idejh jieħu ħsieb li jagħmel ix-xogħol ta' manutenzjoni kollu meħtieġ. Mill-fatti miġbura irriżulta li għal numru ta' snin, il-*complainant* ma kienx f'qagħda li jkun konxju mix-xogħlijiet ħżiena li kienu saru waqt l-installazzjoni tas-servizzi tal-ilma fil-post tiegħu - dawn kienu taħt l-art u l-ħsara bdiet tfeġġ snin wara.

Madanakollu, Klawsola 15 kienet relevanti ħafna għall-kwistjoni. Din il-klawsola kienet tesiġi li l-kerrej huwa obbligat li jżomm il-fond mikri f'kundizzjoni tajba matul it-terminu kollu li jkun mikri għandu u li jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa minn butu mingħajr ma jkollu dritt li jitlob ebda kumpens. Barra minn hekk din il-klawsola kienet timponi ukoll li l-kerrej ikun obbligat li jagħmel il-manutenzjoni kollha meħtieġa għal dak li għandu x'jaqsam ma' manutenzjoni u xogħlijiet ta' pajpijiet, kemm dawk tal-ilma kif ukoll tad-drenaġġ, u jsewwi ħsarat ta' madum jew xorok. Din il-klawsola mhux biss tiġbor kollox fiha, iżda tidher biċ-ċar li tagħmel eċċezzjoni għar -regola ġenerali li tinsab fil-Kodiċi Ċivili li l-ispejjeż straordinarji jgħajjtu lis-sid u mhux lill-kerrej.

Fir-rigward tal-manutenzjoni partikolari meħtieġa f'dan il-każ, il-*complainant* kien aċċetta l-obbligu li jkun hu li jsewwi kull ma jkun meħtieġ.  Din il-klawsola ma kinitx tagħmel distinzjoni bejn difetti li huma evidenti fix-xogħol li sar, u li seta' jintebaħ bihom il-kerrej meta iffirma l-kuntratt tal-kera, u bejn id-difetti moħbija li ma setax jarahom l-kerrej qabel l-iffirmar tal-kuntratt u li kienu ser joħorġu aktar il-quddiem matul il-perjodu li l-fond ikun mikri.

Din l-eċċezzjoni, li hija legalment leġittima u li torbot lill-partijiet jekk it-tnejn jaqblu, kif fil-fatt sar f'dan il-każ, hija ġustifikata mill-Awtorità għal żewġ raġunijiet:
i) Waqt il-perjodu tal-kera l-pajpijiet tal-ilma u d-drenaġġ jistgħu faċilment

iġarrbu ħsarat minħabba xi ħaġa li jkun għamel il-kerrej jew minħabba terzi u ma jkunx daqshekk faċli li tinstab fuq min taqa' ir-responsabbiltà biex dawn jissewwew; u

ii) L-Awtorità riedet tassigura li ma tidħolx f'argumenti legali ladarba l-postijiet ikunu ġew mikrija b'rati sussidjati. Hi sostniet li l-kerrej kellu jagħmel tajjeb għat-tiswijiet tas-sistemi tal-ilma u drenaġġ matul il-perjodu tal-kera meta l-fond ikun ġie mikri lilu b'kera li hija ferm anqas mill-kera li jġib dak il-fond fis-suq.

Ta' min jinnota li l-*complainant* m'huwiex qiegħed jitlob li jingħata kumpens għall-ispejjeż li għamel biex sewwa s-sistema. Hu kien qiegħed jitlob li ma jinżammx responsabbli li jħallas il-kont fenomenali għall-konsum tal-ilma li kienet qed titlob mingħandu l-Korporazzjoni minħabba t-tnixxija tal-ilma taħt l-art.

Mal-ewwel daqqa t'għajn u jekk wieħed iħares lejn dan il-każ strettament minn punt legali jasal għall-konklużjoni li l-ilment ma jistax jiġi sostnut. Fil-fatt il-*complainant* ressaq it-talba tiegħu mingħand l-Awtorità tad-Djar għal għand il-Korporazzjoni tal-Ilma.

Huwa ċar li l-Korporazzjoni tal-Ilma ma kellhiex obbligu legali li taċċetta t-talba tal-*complainant* għaliex hu kien il-konsumatur reġistrat u dak il-kont kien jirrifletti l-ammont ta' ilma ikkonsmat minnu, anke jekk involontarjament, u l-ħsara li ikkawżat il-*leakage* tal-ilma kienet saret 'l ġewwa minn fejn kien ġie installat il-*meter* tal-Korporazzjoni. Minkejja dan, il-Korporazzjoni wriet mogħdrija għaċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom il-*complainant* u b'mod *ex gratia* naqqsitlu l-kont bin-nofs. Żgur li l-Korporazzjoni ma naqsitx mid-dmir tagħha u lanqas hija ħatja ta' att ta' amministrazzjoni ħażina.

Għaldaqstant, il-każ kien jonqos biss li jiġi verifikat jekk l-Awtorità tad-Djar kienetx amministrattivament korretta li tiċħad ir-responsabbiltà tagħha skont il-klawżoli 14 u 15 tal-Ftehim tal-kera għall-ħsarat li ġarrab il-*complainant* minħabba d-difett fix-xogħol tal-pajpijiet tal-ilma. Fil-verità, l-Awtorità jidher li kienet korretta għaliex l-obbligazzjoni kontrattwali torbot liż-żewġ naħat u l-*maxim pact sund servanda*[4] għandu japplika dejjem anke f'ċirkostanzi sfortunati jew mhux mistennija. Kien hemm kunsiderazzjoni waħda li seta' wieħed jixtarr biex itaffi mill-applikazzjoni riġida ta' dan il-prinċipju. F'dan il-każ:

4 Il-ftehim milħuq għandu jinżamm.

- ix-xogħol ħażin li sar fit-tqegħid tal-pajpijiet tal-ilma kien l-unika kawża għall-ħsara li ġarrab il-*complainant*;
- ix-xogħlijiet kienu saru minn kuntrattur li ġie ikkummissjonat mill-Awtorità tad-Djar minflok id-dipartiment tal-gvern li bnieh; u
- id-difetti kienu diġà qiegħdin hemm qabel ma sar il-ftehim tal-kera u kienu moħbija tali li qatt ma setgħu jidhru qabel ma sar il-ftehim tal-kera u l-*complainant* mar joqgħod fih.

Huwa veru li r-relazzjoni bejn il-*complainant* u l-Awtorità tad-Djar kienet waħda fejn l-Awtorità kienet dak li qiegħed jikri mentri l-*complainant* kien il-kerrej u mhux dik ta' bejn il-bejjiegħ u x-xerrej. Għaldaqstant, il-garanziji għad-diffetti moħbija ma kienux japplikaw f'dan il-każ. Mill-banda l-oħra, m'hemmx dubju li min ikun qed jikri għandu jieħu ħsieb li l-proprjetà li jkun qiegħed jikri, f'dan il-każ il-fond in kwistjoni, tkun f'kundizzjoni tajba u mingħajr difetti. Huwa minnu, li l-*complainant* wara l-iffirmar tal-ftehim kien responsabbli għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija li kienu meħtieġa iżda dan kellu jkun hekk jekk wieħed jassumi li s-sistemi installati u mqiegħda f'din il-proprjetà li kera l-*complainant* kienu jaħdmu tajjeb u magħmula bis-sengħa.

Ġie ippruvat li dan ma kienx il-każ meta l-*complainant* ingħata ċ-ċwievet. Ġie wkoll stabbilit li għal numru ta' snin il-*complainant* ma setax ikun konxju tad-difetti strutturali li kienu moħbija kompletament. L-unika interpretazzjoni ġusta tal-Klawsola 15 tesiġi li min ikun qiegħed jikri jkun meħtieġ li jkun responsabbli hu għall-manutenzjoni u tiswijiet, kemm dawk ordinarji kif ukoll dawk straordinarji, u dawn jinkludu t-tiswijiet fis-sistema tal-ilma iżda dan meta wieħed jassumi li fil-bidu x-xogħol ikun sar tajjeb u skont is-sengħa.

Ir-relazzjoni tal-kuntrattur kienet mal-Awtorità tal-Gvern li qabditu jagħmel ix-xogħol u mhux mal-*complainant*. Kien il-kuntrattur li fl-aħħar mill-aħħar kien responsabbli għax-xogħol li sar li kieku ittieħdet azzjoni fil-waqt u meta dehret il-ħsara fil-fond tal-*complainant*. L-Awtorità tad-Djar qatt ma sostniet jew iddubitat mill-fatt li l-*complainant* kien naqas li jinformaha fi żmien raġonevoli meta ntebaħ li hemm difett moħbi - difett li ħareġ ukoll li jinsab f'appartamenti oħra fl-istess blokk. M'huwiex ġust li l-Awtorità titfa' ir-responsabbiltà tagħha fuq il-kerrej meta l-uffiċjali tekniċi tagħha kellhom id-dmir li jassiguraw li x-xogħlijiet li twettqu mill-kuntratturi meta saret l-installazzjoni tas-servizzi kienu tajbin u jilħqu l-*istandards*

stabbiliti. Il-kuntratturi li tqabbdu jagħmlu x-xogħol kellhom jinżammu responsabbli u l-*complainant,* bħala l-kerrej m'għandux ibati għall-ħsarat li feġġew wara, iżda li kienu diġà qiegħdin hemm qabel ma ġie iffirmat il-ftehim tal-kiri.

Il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq għandhom ikunu jipprevalu anke jekk il-provvedimenti tal-Klawsola 15 huma kundizzjonijiet li jinsabu f'kull ftehim ta' dan it-tip u huma kompatibbli mas-sottomissjonijiet li għamlet l-Awtorità tad-Djar meta sostniet li l-kirjiet tad-djar kienu speċifikament imnaqqsa u issussidjati sabiex il-kerrej ikun mitlub li jassumi responsabbiltà akbar ta' manutenzjoni u tiswija milli dawk mitluba skont il-Kodiċi Ċivili.

Finalment, ġie innotat li l-*complainant* fil-fatt refa' ir-responsabbiltà mitluba minnu u wettaq it-tiswijiet meħtieġa. Min-naħa tal-*complainant* dan kien aġir raġonevoli u fl-opinjoni tal-Ombudsman il-ħsarat li ġew ikkawżati mix-xogħol ħażin li sar minħabba installazzjoni difettuża, ikun ġust li ma jbatix għalih il-*complainant* iżda jagħmlu tajjeb l-Awtoritajiet tal-Gvern involuti. Il-Korporazzjoni tal-Ilma diġà ikkooperat ħafna u naqset il-kont tal-ilma bin-nofs.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-Ombudsman sab li l-ilment kien ġustifikat u li l-Awtorità tad-Djar kellha d-dmir li tikkumpensa lill-*complainant* għall-kontijiet esaġerati li beda jirċievi minħabba l-ħruġ tal-ilma li ġie ikkawżat minn xogħol ħażin fis-sistema tal-pajpijiet tal-ilma. L-Ombudsman irrakkomanda li dan il-kont jitħassar u li l-*complainant* iħallas biss l-ammont dovut għall-konsum normali tal-ilma li ntuża f'dak il-perjodu. L-Awtorità tad-Djar kellha tagħmel arranġamenti mal-Korporazzjoni tal-Ilma dwar din il-kwistjoni u dan seta' isir faċilment għaliex iż-żewġ entitajiet kienu jagħmlu parti mill-istess amministrazzjoni pubblika.

**L-eżitu**
L-ARMS Ltd iddiskutiet il-każ mal-Awtorità tad-Djar u tat lill-*complainant* l-ammont ta' €1683 fi kreditu u permezz ta' hekk it-talbiet għall-ħlasijiet u l-interessi fuq il-kontijiet pendenti kollha għall-konsum żejjed li sar minħabba l-ħruġ tal-ilma ġew irrinunzjati.

# Każijiet investigati mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni



**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru UN 0018**
**MCAST – Istitut tal-*Agribusiness***

# Xogħol ta' student evalwat b'mod skorrett

*(evalwazzjoni skorretta, diploma, assignement)*

**L-ilment**

Student[5] fl-Istitut tal-*Agribusiness* ġewwa l-MCAST ressaq l-ilment tiegħu lill-Ombudsman tal-Università[6] u saħaq illi wieħed mill-għalliema tiegħu (f'dan ir-rapport ser issir referenza għalih bħala l-għalliem) kien evalwa x-xogħol tiegħu b'mod żbaljat. L-għalliem immarka xi xogħol ta' dan l-istudent bħala '*Fail*' u b'konsegwenza t'hekk, hu ma setax jakkwista l-*Extended Diploma* li kien qiegħed jistudja għaliha. L-istudent żied jgħid illi matul l-istudji tiegħu fi ħdan il-Kulleġġ hu kien safa ivvittimizzat mid-Direttur tal-Istitut preċedenti minħabba l-kritika passata tiegħu rigward il-malamminstrazzjoni tal-Istitut in kwistjoni. Hu kompla jallega illi l-fatt li hu kien qiegħed ripetutament jeħel minn dan il-*Unit* partikolari ma kien xejn għajr ir-ritaljazzjoni tal-awtoritajiet tal-Kulleġġ għall-kritika tiegħu.

Il-persuna li ressaq l-ilment sostna illi l-proċedura involuta fl-ewwel eżami riparatorju li hu għamel ma kienetx segwita korrettement u dan minħabba l-fatt illi l-għalliem in kwistjoni ma kienx iffissa u żamm sessjoni ta' reviżjoni.

Barra minn hekk, il-persuna li ressaq l-ilment sostna illi s-sessjoni ta' appell li nżammet biex tikkunsidra mill-ġdid il-każ tiegħu kienet difettuża u dan għaliex, skont hu, l-membri tal-Bord naqsu milli jikkunsidraw l-evidenza kollha. Hu allega

5 Sabiex tiġi evitata referenza bla bżonn għall-pronomi maskili/femminili (bħal hi u hu), f'dan ir-rapport ser nirreferu għall-persuna li ressaq l-ilment fil-maskil, anke jekk mhux neċessarjament hu l-każ.

6 Il-Professur Farrugia beda l-investigazzjoni tiegħu fuq dan l-ilment fil-kapaċità tiegħu ta' Ombudsman tal-Università. Huwa kompla jinvestiga u għalaq dan il-każ wara l-ħatra tiegħu ta' Kummissarju għall-Edukazzjoni fl-1 ta' Frar 2014. Din l-Opinjoni Finali tinkludi referenza għan-nomenklatura ta' Kummissarju għall-Edukazzjoni.

illi filwaqt li ċ-*Chairpersons* tal-Bord kienu taw permess lilu u lill-ġenituri tiegħu biex jattendu għal-laqgħat li fihom instema' il-każ tiegħu, dawn fl-istess waqt ma ħallewhomx jikkontestaw id-dikjarazzjonijiet tax-xhieda mressqa.

Il-persuna li ressaq l-ilment talab illi l-marka '*Fail'* li hu kien ingħata kellha tinbidel għall-waħda '*Pass'* sabiex b'hekk hu jkun jista' jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-kors u jakkwista l-*Extended Diploma*.

Hu talab ukoll kumpens finanzjarju għat-trattament psikoloġiku privat illi hu kellu jieħu u għall-*istress* mentali li hu kien ġarrab matul il-perjodu li fih kien qiegħed jikkontesta d-deċiżjonijiet tal-Kulleġġ.

**Il-fatti**

Il-persuna li ressaq l-ilment daħal l-MCAST f'Ottubru 2010 biex isegwi kors *full-time* ta' sentejn li jwassal għal *Extended Diploma* fl-Agrikoltura. Hu segwa u temm l-istudji kollha tiegħu b'suċċess għajr għall-*Unit* wieħed partikolari fil-kors. B'riżultat ta' dan hu ma setax jgħaddi biex jakkwista l-*Extended Diploma* abbinata mal-kors li hu kien segwa, u dan sakemm ma jirrepetix sena oħra ta' studju biex ilesti b'suċċess dan il-*module*. Din li ġejja hija s-sekwenza tal-fatti tal-każ taħt eżami.

Fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar 2012, il-persuna li ressaq l-ilment daħħal ix-xogħol akkademiku tiegħu relatat mal-*Unit* in kwistjoni. Fis-16 ta' Jannar 2012, l-għalliem immarka x-xogħol tiegħu bħala '*Fail'* u qal illi x-xogħol imressaq kien nieqes minn ċerti dettalji neċessarji. Wara dan, verifikatur intern ikkonferma r-riżultat mogħti '*Fail'* u l-istudent għażel illi jgħamel *referral* bħala l-ewwel riparatorju.

F'każijiet simili, l-għalliema jistgħu, volontarjament, imexxu sessjoni ta' reviżjoni għall-istudenti qabel ma dawn jerġgħu jissottomettu x-xogħol tagħhom mill-ġdid. Il-persuna li ressaq l-ilment qal illi fil-ġurnata li fiha kellha ssir tali reviżjoni, l-għalliem in kwistjoni daħal fil-klassi u meta ra li kien hemm ftit studenti, ħa r-rassenja ta' dawk preżenti u telaq mingħajr ma ipprovda s-sessjoni ta' reviżjoni. L-għalliem ċaħad din l-allegazzjoni u ipprovda r-rassenja tad-19 ta' Jannar 2012 li kienet turi illi tmien studenti, inkluż il-persuna li ressaq l-ilment, attendew għas-sessjoni ta' reviżjoni.

Lejliet id-data li fiha l-istudenti kellhom jerġgħu jdaħħlu x-xogħol il-ġdid tagħhom, il-persuna li ressaq l-ilment bagħat *email* lill-għalliem in kwistjoni u fiha bagħatlu verżjoni aġġornata tax-xogħol tiegħu u talbu parir dwarha. L-għalliem ma weġibx din l-*email* mibgħuta lilu mingħand il-persuna li ressaq l-ilment. Sussegwentement l-għalliem spjega illi f'dik il-ġurnata partikolari hu ma kienx ra l-*emails* minħabba li kien ma jiflaħx.

Il-persuna li ressaq l-ilment daħħal ix-xogħol akkademiku tiegħu bħala riparatorju fis-26 ta' Jannar 2012. L-għalliem flimkien ma' verifikatur intern evalwaw ix-xogħol rivedut tiegħu fil-31 ta' Jannar 2012 u għal darb'oħra immarkawh bħala '*Fail*'. Immedjatament, il-persuna li ressaq l-ilment ikkontesta din id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appell tal-Istitut. L-istess Bord, kompost mid-Direttur, għalliem fi ħdan l-Istitut u rappreżentant tal-istudenti ltaqgħu mal-istudent u l-ġenituri tiegħu fis-16 u fl-24 ta' Frar 2012 biex jinvestigaw l-appell tiegħu u partikolarment l-istqarrija tiegħu illi x-xogħol akkademiku tiegħu kien superjuri għax-xogħol ta' studenti oħra sħabu li kienu għaddew. Il-Bord ħatar żewġ assessuri oħra indipendenti biex imexxu eżerċizzju ta' reviżjoni tal-karta, u dawn għal darb'oħra reġgħu ikkonfermaw il-marka '*Fail*' mogħtija. Il-Bord tal-Appell ikkonkluda illi l-proċedura ta' riassessjar kienet korretta u għalhekk il-marka mogħtija '*Fail*' kellha tinżamm.

Mhux konvint, il-persuna li ressaq l-ilment qajjem l-ilment tiegħu quddiem il-*Corporate Appeals Board* tal-Kulleġġ fejn saħaq illi matul is-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-Bord, id-Direttur kien ostili fil-konfront tiegħu u ma ħalliex lilu u lill-ġenituri tiegħu jippreżentaw l-argumenti tagħhom sewwa.

Il-*College Corporate Appeals Board* iltaqa' darbtejn matul ix-xahar ta' Marzu 2012 u kien kompost mid-Deputat Prinċipal tal-MCAST, ir-Reġistratur u għalliem fi ħdan il-Kulleġġ. Għajr għad-deliberazzjonijiet finali tal-membri rigward il-każ, il-persuna li ressaq l-ilment u l-ġenituri tiegħu kienu preżenti matul is-smigħ kollu tal-każ tagħhom. Il-Bord intervista lid-Direttur tal-Istitut tal-*Agribusiness*, l-għalliem li kien membru fuq il-Bord tal-Appell tal-Istitut u l-għalliem kif ukoll l-istudenti tal-*Unit* in kwistjoni. Il-*Corporate Appeals Board* ma sostniex l-istqarrijiet tal-persuna li ressaq l-ilment u ċioè illi l-proċedura ta' assessjar kienet difettuża u li l-Bord tal-Appell tal-Istitut kien iddiskrimina kontra tiegħu matul is-smigħ tal-każ. Il-Bord ikkonkluda illi r-riżultat '*Fail*' mogħti lill-persuna li ressaq l-ilment kellu jinżamm. Għal darb' oħra l-persuna li ressaq l-ilment u l-ġenituri tiegħu saħqu illi matul is-smigħ tal-

każ tagħhom huma ma tħallewx jagħmlu kontro-eżami tax-xhieda u jesprimu l-interpretazzjoni tagħhom ta' kif ġraw l-affarijiet. Iċ-*Chairman* tal-*College Appeals Board* ċaħad bil-qawwa kollha din l-allegazzjoni u qal illi hu ta ċans lill-persuna li ressaq l-ilment jgħid tiegħu iżda ma ippermettiex li hu jew il-ġenituri tiegħu jinterrompu s-smigħ jew jgħaddu kummenti u allegazzjonijiet gratwiti.

Il-persuna li ressaq l-ilment flimkien mal-ġenituri tiegħu talbu l-intervent tal-Prinċipal tal-Kulleġġ, li kien wasal biex jirtira, biex jirrimedja dak li huma qiesu bħala trattament inġust mill-għalliem u miż-żewġ *Chairpersons* tal-Bordijiet tal-Appelli in kwistjoni. Sussegwentement huma ġeddew it-talba tagħhom lill-Prinċipal il-ġdid tal-Kulleġġ u dan f'ittra li bagħat lill-Ombudsman tal-Università fuq dan il-każ spjega hekk:

> *"On taking over as Principal at MCAST, on being informed of the situation, in an attempt to resolve the situation and to give the complete benefit of the doubt to the student, the Corporate Appeals Board was reconvened and decided to give* [complainant] *another opportunity to redo [his] failed assignment. It was also decided that the new assignment would be corrected by a different lecturer. This lecturer deemed that the student had not achieved the relevant criteria in this assignment and thus failed the unit."* [7]

Waqt laqgħa li l-Prinċipal żamm mal-persuna li ressaq l-ilment u l-ġenituri tiegħu, hu għarrafhom bir-riżultat tat-tielet riparatorju u spjegalhom li, skont ir-regoli tal-Kulleġġ, il-persuna li ressaq l-ilment ma setax jingħata l-*Extended Diploma.* Hu ta parir lill-istudent illi biex hu jkun jista' jakkwista l-kwalifika mixtieqa, l-aħjar pass li seta' jieħu kien dak li jirrepeti l-*module* li m'għaddiex minnu.

Il-persuna li ressaq l-ilment ma kienx sodisfatt bil-konklużjonijiet u l-pariri li tah il-Prinċipal tal-Kulleġġ u għalhekk ressaq l-ilment tiegħu quddiem l-Ombudsman tal-Università. Fir-reazzjonijiet tiegħu għal dak li l-persuna li ressaq l-ilment allega fid-dokument tal-ilment tiegħu, il-Prinċipal ikkonferma illi hu kien investiga bir-reqqa t-talbiet ta' dan l-istudent u sab li dawn kienu inadegwati. Huwa qal illi

7 Ittra, datata 7 ta' Ottubru 2013 mill-Prinċipal tal-MCAST lill-Ombudsman tal-Università; iż-żewġ naħat reġgħu iddiskutew il-każ mill-ġdid fi Frar 2014 fejn hawn il-Prinċipal iċċara l-punt illi kien hemm żewġ korretturi, wieħed intern u l-ieħor estern li raw it-tieni riparatorju tal-persuna li ressaq l-ilment u li t-tnejn li huma qablu fuq il-makra mogħtija '*Fail*'.

l-persuna li ressaq l-ilment kien ingħata kull ċans provdut mir-regolamenti biex jerġa' jissottometti mill-ġdid ix-xogħol tiegħu, inkluż riparatorju addizzjonali, u dan sar biex kemm jista' ikun jiġi evitat li hu jkollu jirrepeti s-sena. Il-Prinċipal kien konvint illi l-erba' proċeduri ta' assessjar u ż-żewġ sessjonijiet tal-appell tmexxew bid-diliġenza kollha dovuta.

**Osservazzjonijiet**

Il-persuna li ressaq l-ilment kien konvint illi l-ex Direttur tal-Istitut tal-*Agribusiness* kienet tqisu bħala *"a torn* [sic] *in her side"* [8] u dan minħabba l-fatt illi hu kien bosta drabi jiġbdilha l-attenzjoni għal dak li hu allega li kienu nuqqasijiet fl-organizzazzjonijiet li hija kienet tmexxi. Fost affarijiet oħra l-persuna li ressaq l-ilment allega illi l-annimali kienu miżmuma f'kundizzjonijiet ħżiena, illi l-frott kien jitħalla jitħassar fis-siġar, u li l-għalliema kienu ta' sikwit ma jitfaċċawx għal-lezzjoni. Huwa kien ukoll saħansitra wieħed mill-organizzaturi ta' petizzjoni iffirmata minn 64 student fi ħdan l-Istitut tal-*Agribusiness* li kienu qiegħdin jinsistu illi l-Istitut kellu jipprovdilhom it-tagħlim akkademiku u prattiku li kien wegħedhom fil-fuljett promozzjonali.

Il-persuna li ressaq l-ilment saħaq illi d-Direttur kienet qiegħda titrattah ħażin bi tpattija għall-inkwiet li hu kien ħolqilha. Hu irrefera ukoll għal żewġ okkażjonijiet fejn id-Direttur kienet inġustament akkużatu b'serq, darba akkużatu li kien seraq €20 mil-librerija u darb'oħra li seraq xi rettili mir-razzett tal-Istitut. L-ewwel akkuża ġiet eventwalment irtirata, filwaqt li l-persuna inkarigata mil-laboratorju talbitu apoloġija għat-tieni akkuża meta min kien qiegħed rejalment jisraq inqabad fil-fatt fuq kameras tas-sigurtà. Id-Direttur kienet akkużatu ukoll illi hu kien ta' spiss ifalli mil-lezzjonijiet iżda r-rekords tal-attendenza tiegħu kienu juru xort'oħra tant illi huwa dejjem irċieva l-istipendju mingħajr ebda tnaqqis. Il-persuna li ressaq l-ilment u l-ġenituri tiegħu jemmnu illi l-grad '*Fail*' li huwa kien ingħata ma kien xejn għajr ġest ta' tpattija mingħand id-Direttur u l-għalliem tal-*Unit* in kwistjoni. L-għalliem ċaħad kategorikament din id-dikjarazzjoni u żied jgħid illi huwa rari kien jaqbel mad-Direttur aħseb u ara kemm kien ser jikkolabora magħha biex issir xi ħsara lil xi student.

Matul il-laqgħa li żammejt mal-persuna li ressaq l-ilment, dan ripetutament enfasizza li hu kien tassew jgħożż l-annimali, tant li kien iqatta' ħafna mill-ħin liberu

8 Ikkwotata mid-dokument anness mal-ilment tal-istudent.

tiegħu jtejjeb il-kontenituri li fihom kienu jinżammu r-rettili tal-Istitut. Kemm mill-kitba tiegħu kif ukoll mill-espressjonijiet tiegħu joħroġ ċar ix-xewqa tiegħu li l-affarijiet isiru b'mod perfett anke fejn dan mhux bilfors ikun possibbli. Huwa evidenti illi l-attitudni u l-imġieba tiegħu ma għenitx biex ikollu relazzjoni tajba ma' xi wħud mill-membri akkademiċi tal-Istitut. L-għalliem iddeskriva lill-persuna li ressaq l-ilment bħala student diffiċli li kellu pretensjoni wisq għolja tiegħu innifsu u tal-prodotti tiegħu; li kellu attitudni żbaljata fil-konfront ta' persuni oħra, u li spiss kien jgħaddi kummenti dispreġġjattivi fuq membri akkademiċi u studenti oħra u dan kien jagħmlu bi ftit li xejn jew bla ebda ġustifikazzjoni. Id-Deputat Prinċipal tal-MCAST osserva kif il-persuna li ressaq l-ilment kien ippreżenta l-allegazzjonijiet tiegħu daqs li kieku dawn kienu fatti u dan meta kien ovvju li dawn kienu mżejjna u miżjuda bil-perċezzjonijiet żbaljati li hu kellu. Il-Prinċipal osserva kif il-persuna li ressaq l-ilment kien interpreta b'mod żbaljat id-diskussjoni li hu kellu mal-istudent u l-ġenituri tiegħu. L-istudent interpreta l-pariri li l-Prinċipal kien tah *bona fede* bħala ċensura u arroganza fil-konfront tiegħu. Il-Prinċipal saħaq illi jekk ir-rakkonti tal-persuna li ressaq l-ilment dwar l-inkontri tiegħu mal-*istaff* tal-Kulleġġ kienu mgħawġa u ineżatti kif kienet l-interpretazzjoni tiegħu tal-laqgħa li huma kellhom, allura wieħed jistaqsi kemm huma veritiera l-allegazzjonijiet tiegħu.

M'huwiex ir-rwol tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni li janalizza l-karattru tal-persuna li ressaq l-ilment, jew ta' xi ħadd ieħor, anke jekk l-informazzjoni mniżżla aktar 'il fuq tista' tgħin biex wieħed jifhem aħjar dan l-ilment. Barra minn hekk, tajjeb illi jiġi iċċarat illi l-investigazzjoni ta' dan l-ilment ġiet limitata għal-istqarrijiet tal-persuna li ressaq l-ilment li kellhom impatt dirett fuq il-fatt illi huwa ma għaddiex mill-*Unit* in kwistjoni. Din l-investigazzjoni ma ħaditx in kunsiderazzjoni tal-allegati nuqqasijiet amministrattivi tal-Istitut li ma kienux jirrelataw mal-ilment imressaq. Biex ngħati eżempju, matul l-investigazzjoni ma ġiex trattat il-fatt jekk l-annimali tal-Istitut kienux trattati ħażin jew le, jew jekk kienx minnhu li l-frott kien jitħalla jitħassar fis-siġar. Ġaladarba nġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet tal-MCAST rigward dawn l-allegati nuqqasijiet, kien sta għalihom li jinvestigaw u jieħdu l-passi meħtieġa. Bl-istess mod, mhux ser issir referenza għall-kwalità tax-xogħol akkademiku tal-persuna li ressaq l-ilment u jekk dan kienx jimmerita li jingħata '*Pass*' jew '*Fail*', dan l-irwol jispetta l-għalliema inkarigati minn tali assessjar. Din l-investigazzjoni ser ukoll tinjora l-kummenti u l-paraguni tal-persuna li ressaq l-ilment fil-konfront tax-xogħol akkademiku ta' studenti oħra. Hawn l-irwol tiegħi huwa li nistabbilixxi jekk il-proċedura li kellha twassal biex ikun żgurat illi l-grad

mogħti lill-persuna li ressaq l-ilment ikun wieħed ġust kienetx segwita korrettement u li l-proċeduri tal-appelli li nżammu biex jisimgħu l-każ tiegħu ma ddiskriminawx kontrih.

i) L-Assessjar tal-*Unit* in kwistjoni

Il-persuna li ressaq l-ilment issottometta x-xogħol akkademiku għall-*Unit* in kwistjoni u l-għalliem u verifikatur intern immarkaw ix-xogħol tiegħu bħala '*Fail'*. Il-persuna li ressaq l-ilment reġa' issottometta x-xogħol tiegħu mill-ġdid u għal darb' oħra dan kien immarkat bħala '*Fail'*. Ix-xogħol tiegħu kien suġġett għall-eżerċizzju ta' reviżjoni tal-karta u hawn il-persuni li irrevedew ix-xogħol tiegħu (u li kienu eżaminaturi differenti minn dawk t'hawn fuq) ikkonfermaw il-grad ta' '*Fail'* li hu kien ingħata. Il-Kulleġġ ta ċans lill-istudent għat-tieni riparatorju li kien jikkonsisti f'sett ta' mistoqsijiet ġodda rigward il-*module* in kwistjoni u ġew appuntati żewġ assessuri totalment ġodda, li kienu eżaminatur intern u ieħor estern. Għal darb' oħra huma immarkwaw ix-xogħol akkademiku tal-persuna li ressaq l-ilment bħala '*Fail'*. L-eżaminatur estern kiteb hekk:

> *"Student did not achieve the requested criteria in questions 1 and 3. In question 1 mistakes could have been easily avoided as basic straight forward answers were required. In question 3 student used direct online information in one case, and did not discuss in detail as expected. Grade not achieved."*[9]

Dan t'hawn fuq juri li f'erba' okkażjonijiet differenti, kienu sitt eżaminaturi li assessjaw ix-xogħol tal-persuna li ressaq l-ilment dwar il-*Unit* in kwistjoni. Lkoll ikkunsidraw ix-xogħol tiegħu bħala wieħed li ma jilħaqx il-livell mistenni u immarkawh bħala '*Fail'*. Hawn wieħed isibha kemmxejn diffiċli jifhem kif il-persuna li ressaq l-ilment jibqa' jinsisti li x-xogħol tiegħu kien ta' kwalità li timmerita '*Pass*' u dan meta sitt akkademiċi mill-qasam in kwistjoni ikkunsidraw li ma kienx il-każ. Meta waqt it-tieni laqa' tiegħi mal-persuna li ressaq l-ilment tlabtu jiġġustifika t-talba tiegħu li jingħata '*Pass*' meta f'erba' darbiet konsekuttivi sitt eżaminaturi ikkunsidraw ix-xogħol tiegħu bħala '*Fail'*, hu u ommu saru aġitati u bdew jallegaw li kien hemm firxa ta' korruzzjoni fl-MCAST u li l-għalliem in kwistjoni kien kompliċi biex ma jgħaddihx.

9 Rapport tal-Eżaminatur Estern dwar it-tieni eżami riparatorju tal-persuna li ressaq l-ilment.

ii) It-*tutorial* ta' qabel reġa' issottometta x-xogħol tiegħu l-istudent
Waqt is-smigħ tal-każ tiegħu quddiem il-Bord tal-Appelli tal-Istitut, l-istudent ipprotesta illi l-grad li hu kien ingħata fl-ewwel riparatorju kellu jitqies bħala invalidu għaliex l-Istitut ma kienx provdielu l-assistenza ta' *tutorial* dovuta lilu qabel ma hu reġa' issottometta mill-ġdid ix-xogħol tiegħu. L-*Assessment Regualation* 3.15 relevanti għall-każ tgħid hekk:

> *"Students who receive a referral grade may need to arrange a referral tutorial in order to clearly establish what work still has to be completed."* [10]

Dan mgħadud, l-għalliem ipprovda evidenza dokumentata illi kienet turi illi hu kien fil-fatt ta din it-*tutorial* u li dan kien għamlu qabel mal-istudenti kellhom jissottomettu mill-ġdid ix-xogħol tagħhom. Din l-evidenza kienet saħansitra turi illi l-persuna li ressaq l-ilment kien fil-fatt attenda għal din it-*tutorial.* L-istudenti li taw l-evidenza tagħhom quddiem il-*Corporate Appeals Board* ikkorraboraw ma dak li qal l-għalliem u dan wassal lill-Bord biex jinforma lill-persuna li ressaq l-ilment bis-segwenti:

> *"You have failed to prove that the tutorial of the 23rd* [should read 19th] *did not take place. On the contrary, a number of students stated the contrary and stated also that they were happy with the feedback they received on that day."*

Il-konklużjonijiet tal-Bord ikomplu jgħidu hekk:

> *"Your statement that the email sent to the lecturer* [name of lecturer] *on 25th January was left unanswered is not reasonable, considering that you chose to submit the assignment the very next day on the 26th. Your action hardly gave the assessor time to look at* [his] *email and respond."* [11]

Il-*Corporate Appeal Board* laqa' d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Istitut li l-marka '*Fail*' mogħtija lill-istudent għax-xogħol li huwa kien issotometta fir-riparatorju kellha tinżamm.

10 Sezzjoni 3.15 tal-*Assessment Regulations* tal-MCAST.
11 Ittra datata 21 ta' Mejju 2012, mir-Registrar tal-MCAST lill-persuna li ressaq l-ilment.

**Il-Proċeduri adottati waqt is-smigħ tal-Appelli**

Il-persuna li ressaq l-ilment u l-ġenituri tiegħu saħqu li l-proċeduri segwiti matul l-appelli tagħhom quddiem il-Bord tal-Appell tal-Istitut kif ukoll waqt dak quddiem il-*College Corporate Board of Appeals* kienu difettużi. Huma insistew illi ż-żewġ Bordijiet ma ħallewhomx jesprimu l-każ tagħhom sewwa u li saħansitra żammewhom milli jagħmlu kontro eżami tax-xhieda. Id-Deputat Prinċipal li kien responsabbli mill-investigazzjoni tal-proċedura adottata mill-appell tal-Istitut u li kien ukoll *Chairperson* fuq il-*Corporate Appeals Board* ċaħad din l-allegazzjoni mressqa mill-persuna li ressaq l-ilment. Huwa spjega kif fiż-żewġ ċirkostanzi l-persuna li ressaq l-ilment u l-ġenituri tiegħu ngħataw ċans jgħidu l-verżjoni tagħhom u jippreżentaw l-evidenza li huma deherilhom xierqa. Huwa żied jgħid li l-persuna li ressaq l-ilment ma tħalliex ifixkel lix-xhieda jew jgħaddi rimarki gratwiti fuq l-istqarrijiet li ma jgħoġbuhx. Barra minn hekk, il-Prinċipal enfasizza illi minn investigazzjoni li huwa stess għamel dwar l-allegazzjonijiet tal-persuna li ressaq l-ilment, huwa stabilixxa illi l-proċess kien segwit korrettement.

Huwa evidenti, għall-osservatur newtrali, illi l-esperjenzi qarsa li l-persuna li ressaq l-ilment għadda minnhom kemm dam fl-Istitut, mhux l-inqas l-allegazzjonijiet infondati tad-Direttur fil-konfront tiegħu, komplew għenu fit-tisħiħ tal-perċezzjoni u t-teoriji tiegħu li kien qiegħed jinbena xi pjan kontrih. Eventwalment hu saħansitra iġġeneralizza l-esperjenzi negattivi li huwa ġarrab fl-Istitut u qies bl-istess mod lill-uffiċjali kollha tal-Kulleġġ. Is-suspetti li hu kellu rigward in-nuqqas ta' maniġment fl-Istitut tal-*Agribusiness* wassluh biex jibda jemmen illi l-uffiċjali tal-MCAST kienu kollha korrotti u li kienu kollha magħquda u miftehma biex jiddiskriminaw kontrih. Sakemm wasal biex iressaq l-ilment tiegħu lill-Ombudsman tal-Università hu kien tilef il-fiduċja f'kull uffiċjal fi ħdan il-Kulleġġ, inklużi dawk li tawh pariri siewja.

**Konklużjoni**

M'huwiex ir-rwol tiegħi u lanqas hi fil-kapaċità tiegħi illi nevalwa x-xogħol sottomess mill-persuna li ressaq l-ilment dwar il-*Unit* in kwistjoni. Minkejja dan iżda ninnota illi sitt eżaminaturi, inkluż wieħed estern, ikkoreġew ix-xogħol tal-persuna li ressaq l-ilment u lkoll ikkunsidraw li dan ma kienx jilħaq il-kwalità aċċettabbli u b'hekk immarkawh bħala '*Fail*'. Matul din l-investigazzjoni, jien ma sibt ebda evidenza li turi illi x-xogħol tal-persuna li ressaq l-ilment kien ikkoreġut b'mod inġust jew diskriminatorju. Minħabba f'hekk jien m'inix f'pożizzjoni li nsostni l-ewwel ilment tiegħu fejn talab illi l-grad li hu kien ngħata kellu jitqies bħala wieħed invalidu.

Lanqas ma nsostni l-istqarrija tiegħu illi l-għalliem tal-*Unit* in kwistjoni m'għamilx xogħlu sewwa qabel sar l-ewwel eżami riparatorju.

Il-persuna li ressaq l-ilment tenna wkoll illi waqt l-istudji tiegħu fl-Istitut tal-*Agribusiness* huwa kien ivvittimizzat u trattat b'mod inġust. Huwa sostna illi dan it-trattament inġust kien rifless ukoll fil-mod kif tmexxew l-appelli li huwa kien ressaq kontra l-grad '*Fail*' li kien ingħata. Mill-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju ħareġ li kien minnu li r-relazzjoni tal-persuna li ressaq l-ilment ma' xi membri tal-Istitut kienet turbulenti, iżda l-attitudni agressiva tiegħu kompliet aggravat in-nuqqas ta' fiduċja bejniethom. Saħansitra r-relazzjoni tiegħu mad-Direttur kienet waħda pjuttost ħażina hekk kif jidher mit-tlett darbiet li din inġustament akkużatu b'imġieba ħażina serja. Wieħed ma jkunx sorpriż allura illi l-persuna li ressaq l-ilment wera s-suspetti tiegħu dwar il-mod ta' kif ġew trattati l-appelli tiegħu. Minkejja dan iżda, il-persuna li ressaq l-ilment kien żbaljat meta interpreta d-deċiżjoni tal-Bord li ma jħallix interruzzjonijiet u persuni jakkużaw lil xulxin waqt is-smigħ tal-każ bħala miżuri maħsuba biex joħonqu d-dritt tiegħu li jiddefendi ruħu.

Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq, l-Opinjoni Finali tiegħi hi li mhux eskluż illi d-Direttur ta' qabel setgħat poġġiet pressjoni żejda u mhux mistħoqqa fuq il-persuna li ressaq l-ilment. Minkejja dan iżda, jien ma sibt ebda evidenza illi turi li l-awtoritajiet tal-Kulleġġ mexxew iż-żewġ proċeduri ta' appelli dwar il-każ tiegħu b'mod li kien inġust jew b'ġudizzju impropju kontrih.

Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi jien ma nsib ebda ġustifikazzjoni li ssostni t-talba tiegħu għal kumpens finanzjarju.

**Rakkomandazzjoni**

L-amministraturi fil-qasam edukattiv għandhom iħajjru u mhux jiskoraġġixxu l-interess tal-istudenti fil-maniġment tal-organizzazzjoni fejn huma jkunu qiegħdin jitħarrġu. Tali interess jgħin fit-tisħiħ tas-sens ta' appartenenza u impenn. Minn din l-investigazzjoni ħareġ ċar illi l-amministratur tal-Istitut tal-*Agribusiness* ma ħaditx gost bl-entużjażmu li l-persuna li ressaq l-ilment kellu biex itejjeb l-istruttura organizzattiva u fiżika tal-Istitut. Saħansitra l-indikazzjonijiet juru li hi kienet tikkunsidraha bħala theddida. Min-naħa tiegħu l-istudent waħħad l-inkontri koroh li hu kellu fl-Istitut mal-inkontri sussegwenti tiegħu mal-uffiċjali tal-MCAST u qieshom kollha f'keffa waħda. B'riżultat ta' hekk hu tilef il-fiduċja u akkuża b'*bias*

lil dawk li ġenwinament ippruvaw jgħinuh. Iż-żewġ naħat jistgħu issa juru rieda tajba billi jikkollaboraw flimkien biex tinstab soluzzjoni ekwa li twassall lill-persuna li ressaq l-ilment biex itemm b'suċċess l-istudji tiegħu.

Minkejja l-fatt illi ma nsostnix l-allegazzjoni tal-persuna li ressaq l-ilment li r-riżultat li hu ngħata kien inġust, nipproponi li, jekk ir-regoli tal-Kulleġġ jippermettu, il-persuna li ressaq l-ilment għandu jitlob lill-awtoritajiet tal-MCAST biex jagħtuh l-opportunità li jerġa' jingħaqad fil-kors anke f'dan l-istadju pjuttost tard fis-sena skolastika. Bit-tagħlim neċessarju u bl-isforzi tiegħu, l-istudent ikollu ċans jigradwa u jakkwista l-*Extended Diploma* aktar tard din is-sena. B'hekk wieħed jittama illi, biex nuża metafora pastorali, l-aspirazzjonijiet tiegħu li jifjorixxi fil-qasam tal-*Agribusiness,* iħallu l-frott.

**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru UN 0026**
**Università ta' Malta**

# Student joġġezzjona għal akkużi ta' ikkupjar u jallega li ġie trattat b'mod inġust

*(teżi, ikkupjar, trattament inġust)*

**L-Ilment**

Student li kien qiegħed isegwi kors ta' dottorat (PhD) ressaq ilment quddiem l-Ombudsman tal-Università[12] fejn allega li kien qiegħed jiġi trattat ħażin mill-Università ta' Malta. L-istudent sostna li:

a) l-*Assessment Disciplinary Board* (ADB) tal-Università kien skorrett meta akkużah illi t-teżi tiegħu kienet ikkupjata (*plagiarism*) meta l-Bord tal-Eżaminaturi u l-membri tal-ADB kienu ibbażaw il-ġudizzju tagħhom fuq rapport difettuż tat-*Turnitin Similarity report*;

b) l-ADB ma taħx smigħ xieraq għaliex il-membri kienu preġudikati kontrih;

ċ) qabel ma issottometta t-teżi tiegħu, il-Fakultà kienet naqset milli tipprovdilu biżżejjed informazzjoni dwar il-proċedura stabbilita, inkluż il-mod kif wieħed għandu juża t-*Turnitin Similarity Test*;

d) l-ADB ċaħad it-talba tiegħu sabiex jirtira t-teżi tiegħu biex ikun jista' jagħmel tibdil f'dawk is-sezzjonijiet li mingħajr ebda intenzjoni kienu qed jirriżultaw li ġew ikkupjati, u anke biex ikun f'qagħda li jerġa' jressaq it-teżi mill-ġdid; u

e) l-penali imposti fuqu kienu ħorox wisq.

**Il-Fatti**

Fit-22 ta' Jannar tal-2009, il-persuna li ressqet l-ilment irreġistrat biex tkun tista' issegwi *Degree* li jwassal għal Dottorat fil-Filosofija (PhD) f'waħda mill-Fakultajiet tal-Università ta' Malta. Hu kien qiegħed jippjana li jlesti t-teżi tiegħu fl-2012.

12 Il-Professur Charles Farrugia beda din l-investigazzjoni meta kien fil-kariga ta' Ombudsman tal-Università, u ikkonkluda dan il-każ wara li ħa l-ħatra ta' Kummissarju għall-Edukazzjoni fl-1 ta' Frar 2014. F'dan id-dokument qed tintuża n-nomenklatura ta' Kummissarju għall-Edukazzjoni.

Fil-11 ta' Ġunju 2010, ir-Reġistratur tal-Università informat lill-istudenti, inkluż il-*complainant*, illi s-Senat tal-Università kien approva regoli stretti dwar l-ikkupjar. Ir-Reġistratur tat parir li l-istudenti jidħlu f'żewġ *websites* li speċifikament kienu jittrattaw dwar (a) "*Plagiarism Guidelines*" (Linji gwida biex wieħed jevita li jikkopja xogħol ħaddieħor), u (b) "*How to Avoid Plagiarism*" (Kif wieħed għandu jevita li jagħmel tiegħu xogħol li jkun diġà kiteb ħaddieħor). L-*email* tagħha kienet tħeġġeġ lill-istudenti illi: *"It is highly recommended that you access the above mentioned links and familiarize yourself with the documents"*.[13]

Dawn il-*links* kienu jispjegaw fid-dettal kemm kien serju u x'effett kellu fl-edukazzjoni terzjarja jekk jirriżulta li xi ħadd ikun ikkopja xogħol ħaddieħor, u kemm l-Università kellha regoli stretti jekk dawn ir-regolamenti jinkisru minħabba ikkupjar. Il-*links* kienu wkoll jiggwidaw lill-istudenti dwar kif kellhom jagħmlu referenzi u jissellfu siltiet fid-dokumenti tagħhom. Kapitlu 3.7 li fl-ewwel dokument kien intitolat "Kif tuża t-*Turnitin*"[14] kien jagħti struzzjonijiet lill-qarrejja dwar l-użu elettroniku tal-programm tas-*similarity test* u kien jagħtihom parir kif għandhom jittestjaw ix-xogħol tagħhom qabel jissottomettu d-dokumenti sabiex jiġu assessjati mill-eżaminaturi.

Fis-27 ta' Settembru 2012, l-Uffiċjal tal-Fakultà kienet saret taf li l-*complainant* ma kienx ser jippreżenta t-teżi tiegħu. Innotat ukoll li hu ma kienx attiva l-IT *account* tiegħu u konsegwentement ma setax jivverifika d-dokument tiegħu fil-programm tat-*Turnitin* li kien jivverifika l-element ta' ikkupjar. Għaldaqstant, l-uffiċjal bagħtitlu *email* u talbitu jattiva l-IT *account* tiegħu u jittestja t-teżi li kien ser jissottometti fuq il-programm tat-*Turnitin* kemm jista' jkun malajr.

Madanakollu l-*complainant* ippreżenta t-teżi tiegħu aktar tard dakinhar stess, mingħajr ma ta widen għall-*email* tal-Uffiċjal[15] tal-Fakultà. Din tal-aħħar għaddiet it-teżi tal-*complainant* lill-membri tal-Bord tal-Eżaminaturi fit-3 ta' Ottubru 2012. Ġimgħa wara, u dan skont il-prassi, l-Uffiċjal tal-Fakultà fakkret lill-membri tal-Bord tal-Eżaminaturi dwar l-użu tat-*Turnitin*, fejn saħqet dwar il-punt li dan il-

13 *Email* tal-11 ta' Ġunju 2010 kienet intitolata 'Avviż dwar l-ikkupjar' mibgħuta mir-Reġistratur lill-istudenti kollha (traduzzjoni ta' silta minn din l-*email*).

14 Fl-2013 dan il-kapitolu kien inbidillu t-titlu għal "*Plagiarism and Collusion*".

15 *Email* mill-Uffiċjal tal-Fakultà datata 27 ta' Settembru 2012 indirizzata lill-*complainant* u ikkonfermata minnha stess waqt laqgħa li kellha mal-Kummissarju għall-Edukazzjoni fis-26 ta' Marzu 2014.

programm kompjuterizzat għandu biss iservi bħala gwida aktar milli jkun l-arbitru finali dwar jekk dokument huwiex ikkupjat jew le[16].

Fl-aħħar tal-istess xahar iltaqa' l-Bord tal-Eżaminaturi li kien ser jevalwa t-teżi tal-*complainant*. Il-Bord kien jikkonsisti fil-Kap tad-Dipartiment tal-Fakultà bħala *Chairperson*, Eżaminatur Estern li huwa persuna rinomata fis-suġġett, u tlett akkademiċi distinti f'dan il-qasam.

L-eżaminaturi ikkonkludew li fl-opinjoni tal-Bord il-kandidat kien ħati ta' element qawwi ta' ikkupjar, minħabba numru sostanzjali ta' siltiet li kien qiegħed jonqos milli jagħmel referenza għalihom u minflok kien qiegħed iżidhom daqs li kieku kien parti mix-xogħol tiegħu. Dan l-element ta' ikkupjar kien ukoll żvelat meta ġie utilizzat is-*software* tat-*Turnitin* biex tiġi evalwata din it-teżi u irriżulta li s-*similarity report* tal-programm kien wieħed ta' mhux anqas minn 54%. Meta l-eżaminaturi kellhom f'idejhom dan ir-rapport b'mod individwali għamlu riċerka separata biex jaċċertaw li dan is-*similarity report* kien tassew sab każijiet ta' ikkupjar u lkoll qablu li hekk kien[17].

Il-ġudizzju tagħhom kien ukoll iffirmat mill-Eżaminatur Estern li kellu kliem iebes meta ġie biex jevalwa x-xogħol tal-*complainant*. Fil-fatt hu kiteb li m'hemmx il-ħtieġa li wieħed joqgħod jidħol fid-dettal dwar jekk dan id-dokument kienx ġie ikkupjat - għaliex m'hemmx dubju li hekk hu. Fil-fatt hu stqarr li kienu rari ferm id-drabi meta ra l-etiċi akkademiċi jinkisru bħal ma ġara f'dan il-każ, b'mod daqshekk sfaċċat. Filwaqt li ħafna mis-siltiet kien hemm referenza xierqa għalihom, numru sostanzjali oħra ma kienux. Dan l-eżaminatur sostna li ma ħassx li dan id-dokument qatt seta' jiġi emendat mingħajr ma jiġi miċħud/imwarrab kollu kemm hu[18].

Iċ-*Chairman* tal-Bord tal-Eżaminaturi ressaq lista ta' sittax-il eżempju fejn kien jidher li hemm element qawwi ta' ikkupjar u ta parir lid-Dekan li jirrapporta dan il-każ lill-ADB, sabiex jittieħdu passi dixxiplinarji kontra l-*complainant*.

---

16 *Email* mill-Uffiċjal tal-Fakultà datata 10 ta' Ottubru 2012 indirizzata lill-eżaminaturi tat-teżi tal-*complainant*.

17 Rapport tal-Eżaminaturi datat l-1 ta' Novembru 2012 mibgħut miċ-*Chairman* lid-Dekan.

18 *Ibid*.

Fis-6 ta' Diċembru 2012, r-Reġistratur ħarrket lill-*complainant* sabiex jidher quddiem l-ADB fil-11 ta' Diċembru biex jagħti spjegazzjoni dwar l-akkuża ta' ikkupjar. Ir-Reġistratur tagħtu parir li jaqra b'mod dettaljat ir-regolamenti relevanti u li għal dakinhar jista' jiġi akkumpanjat minn xi ħadd tal-fiduċja tiegħu biex jassistih. Ir-Reġistratur informatu wkoll li min-naħa tagħhom kien ser jirċievi permezz tal-*email* verżjoni elettronika tar-rapport tat-*Turnitin* dwar it-teżi tiegħu. Madanakollu, dan il-*file* kien kbir wisq biex jintbagħat permezz tal-*email* għalhekk l-Assistent Reġistratur ċempel lill-*complainant* u talbu biex jiġbor kopja fuq CD tar-rapport tiegħu tat-*Turnitin*. Iżda l-*complainant* wieġeb li min-naħa tiegħu ma kellux bżonn li jiġbor ir-rapport elettroniku u għażel ukoll li jattendi waħdu għal-laqgħa mal-Bord tad-Dixxiplina.

L-ADB iltaqa' fil-11 ta' Diċembru 2012, u kien magħmul minn dawn il-membri:

- Il-Pro-Rettur għall-Affarijiet Akkademiċi
- Akkademiku magħżul mis-Senat
- Ir-Reġistratur tal-Università
- Id-Dekan tal-Fakultà konċernata
- Dekan ta' Fakultà oħra

Ir-rappreżentant tal-istudenti, li wkoll kien membru tal-Bord ma setax ikun preżenti. Fil-bidu tal-laqgħa ċ-*Chairman* staqsa lill-*complainant* jekk kienx jippreferi li l-appuntament jiġi pospost għal ġurnata oħra minħabba li hu ma kien ħa lil ħadd biex jassistih u r-rappreżentant tal-istudenti lanqas ma kien preżenti. Il-*complainant* wieġeb li hu kien jippreferi li l-laqgħa ssir. Iċ-*Chairman* ġibed l-attenzjoni tal-membri għall-fatt li l-*complainant* kien irrifjuta li jiġbor kopja tas-CD bir-rapport tat-*Turnitin* meta l-Uffiċċju tar-Reġistratur kien talbu jagħmel dan. Għal din l-istqarrija ma sar l-ebda kumment.

Dwar l-ikkupjar fit-teżi l-*complainant* spjega li n-natura tat-teżi tiegħu kienet titlob li jsiru kwotazzjonijiet fit-tul minn diversi kotba u dokumenti. Hu sostna li sa fejn jaf hu għamel ħiltu biex jikkwota u jagħmel referenzi għax-xogħlijiet kollha minn awturi oħra skont kif jitolbu r-rekwiżiti tal-Fakultà. Iċ-*Chairman* ta kopja tar-rapport tat-*Turnitin* lill-*complainant* u wrieh li r-riżultat tar-rapport ma kienx jaqbel ma' dak li kien qiegħed isostni hu. F'dan l-istadju l-*complainant* talab li jirtira t-teżi tiegħu sabiex ikun jista' jemendaha u jieħu ħsieb li jikkoreġi n-nuqqasijiet. Il-membri tal-Bord ċaħdu t-talba tiegħu u dan minħabba l-fatt li l-eżaminaturi kienu diġà ikkoreġew ix-xogħol tiegħu u taw il-marka tagħhom.

Il-Bord sab li l-*complainant* kien ħati ta' ikkupjar u iddeċieda li:

i) jwiddeb b'mod sever lill-istudent li ikkopja u li għat-teżi tiegħu kien ser jingħata marka ta' 0%;
ii) ma kinitx ser tittieħed aktar konjizzjoni tat-teżi;
iii) l-istudent ma kienx ser jitħalla jerġa' jissottometti t-teżi bl-emendi;
iv) l-istudent ma kienx ser jitħalla japplika għall-kors ieħor fl-Università ta' Malta qabel ma jgħaddu għaxar snin, u dan biss bil-permess tas-Senat: u
v) l-istudent kellu jeħel multa ta' 50 Euro[19].

Ir-Reġistratur ikkomunika d-deċiżjonijiet tal-Bord lill-*complainant* fit-12 ta' Diċembru 2012.

Il-*complainant* kiteb żewġ ittri, waħda lid-Dekan tal-Fakultà u waħda lir-Reġistratur fejn oġġezzjona għad-deċiżjoni tal-Bord u talabhom li jirtiraw l-akkuża ta' ikkupjar u l-penali imposti. Għal darba oħra reġa' talab li jirtira t-teżi u jingħata ċ-ċans li jikkorreġiha u jerġa' jippreżentaha.

Fit-8 ta' Frar tal-2013, il-membri tal-ADB ikkunsidraw l-ittri ta' protesta tal-*complainant*. Id-Dekan tal-Fakultà ippreżenta evidenza dokumentata li tiċħad dak li ntqal min-naħa tal-istudent li l-Fakultà kienet naqset milli tiggwidah dwar il-proċeduri stabbiliti meta wieħed jippreżenta teżi tal-PhD. Id-Dekan ġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-uffiċjali tal-Fakultà kienu żammew lill-istudent informat bil-proċeduri, imma dan ħafna drabi għażel li jinjora l-pariri tagħhom. Għaldaqstant il-Bord ikkonferma d-deċiżjoni li kien ta qabel.[20]

Meta l-Kummissarju għall-Edukazzjoni rċieva l-ilment tal-*complainant*, talab li l-Università terġa' tagħmel mill-ġdid *Turnitin Similarity Test*. Madanakollu, teknikament dan kien impossibbli għaliex dan it-*test* kien ser juri li d-dokument kien simili 100% ma' dak li l-*complainant* kien ressaq qabel[21]. Il-Kummissarju bħala alternattiva u anke minħabba li n-natura ta' dan il-każ kienet serja ħafna, talab li l-Bord ta' Dixxiplina tikkummissjona assessur indipendenti sabiex jevalwa x-xogħol tal-*complainant*. L-assessur il-ġdid analizza bir-reqqa t-teżi tal-*complainant* u

19 Il-minuti tal-*Assessment Disciplinary Board* tal-11 ta' Diċembru 2012.

20 Il-minuti tat-8 ta' Frar 2013 tal-*Assessment Disciplinary Board*.

21 L-ittra datata 31 ta' Jannar 2014 lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni mill-Pro-Rettur għall-Istudenti u Affarijiet Istituzzjonali.

ikkonkluda li kien jidher ċar li din it-teżi kienet tikser l-*Assessment Regulations* (2009) tal-Università ta' Malta. L-Assessur indipendenti issostanzja l-konklużjoni tiegħu billi ta ħames raġunijiet dettaljati[22].

**Osservazzjonijiet**

***L-akkuża tal-ikkupjar***

L-Università ta' Malta minn dejjem kellha regoli stretti dwar l-ikkupjar. It-taqsima 39 tal-*Assessment Regulations* tagħha tgħid hekk:

> *"39 (1) Students shall not:*
>
> .....
>
> *(b) in any form of Assessment:*
>
> *(i) engage in plagiarism - defined as the unacknowledged use, as one's own, of work of another person, whether or not such work has been published, and as may be further elaborated in Faculty or University guidelines..."*

Waħda minn dawn il-pubblikazzjonijiet li ħarġet fl-2010 kienet intitolata "*Plagairism and Collusion: Guidelines for students, academics, and Faculties/Institutes/Centress/School*". F'Taqsima 1, intitolata *'Purpose of this Document'* ir-Reġistratur informa lill-istudenti li l-Università għandha r-responsabbiltà li tassigura li l-marki li jingħataw lill-istudenti jkunu ibbażati fuq xogħol li jkunu wettqu huma stess. Għalhekk, kien f'dan il-kuntest li każijiet fejn ikun hemm ikkupjar, kollużjoni, jew atti oħra ta' diżonestà jew frodi f'xogħol akkademiku jiġu tratti bl-aktar mod serju. Fil-fatt f'tali każijiet jittieħdu passi dixxiplinarji fejn dawn l-atti jiġu kkastigati billi, jew jitnaqqsu jew saħansitra jitħassru l-marki u dan jista' jwassal biex l-istudent jitkeċċa mill-Università jew tiġi irtirata d-*degree* miksuba[23].

Il-*complainant* ma kellu ebda diffikultà mal-pożizzjoni tal-Università dwar l-ikkupjar. Hu kien qiegħed jikkontesta l-metodu li uża l-Bord tad-Dixxiplina tal-Università biex ikkonkluda li x-xogħol tiegħu kien ikkupjat. Kemm il-*complainant* kif ukoll l-avukat tiegħu kienu tal-fehma li l-Bord tal-Eżaminaturi u dak tad-dixxiplina

22 Iċ-*Chairman* tal-ADB waqt laqgħa li kellu mal-Kummissarju għall-Edukazzjoni fl-24 ta' Frar 2014 ingħata kopja tad-dokument. Għal din il-laqgħa attendew ukoll il-Pro-Rettur għall-Istudenti u l-Affarijiet Istituzzjonali u r-Reġistratur.

23 *University of Malta (2010) 'Plagairism and Collusion: Guidelines for students, academics, and Faculties/Institutes/Centres/School*", p.1.

kienu żbaljati meta ibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq programm tal-kompjuter awtomatizzat, mingħajr ma jkun hemm ebda persuna li fiżikament tivverifika li l-konklużjonijiet li wasal għalihom dan is-*software* huwa tassew korrett[24]. F'dan ir-rigward l-avukat irrefera għal avviż importanti li jinsab fil-linji gwida tal-Università dwar l-użu tat-*Turnitin,* fejn jingħata parir li min juża dan il-programm għandu janalizza u jinterpreta s-*similarity index* u mhux biss joqgħod fuq il-figuri mogħtija mill-programm biex jistabbilixxi jekk sarx ikkupjar jew le[25].

Il-*complainant* ġibed ukoll l-attenzjoni għall-fatt li hu kien issottometta b'suċċess erba' teżijiet oħra qabel ma iddeċieda li jagħmel dottorat. Hu argumenta li kien konxju li kellu jevita li jikkopja xogħlijiet oħra u x'kienu l-konsegwenzi jekk ma josservax dawn ir-regolamenti. F'dokument ta' tlett paġni li ħejja bħala difiża tiegħu, hu sostna li din it-teżi hija riżultat ta' snin ta' riċerka minn diversi dokumenti, inkluż l-*internet* u oħrajn. Stqarr li qatt ma kellu l-intenzjoni li mir-riċerka li jkun għamel minn sorsi fuq l-*internet,* kif ukoll minn diversi pubblikazzjonijiet oħra, jislet xi siltiet minnhom kelma b'kelma u jressaq dan ix-xogħol daqs li kieku kien xogħol oriġinali tiegħu… Qal ukoll li meta kien hemm il-ħtieġa li jirreferi kelma b'kelma xi partijiet minn dokument, kien għamel dan bħala kwotazzjoni u dejjem ħa ħsieb li jindika minn fejn ikun ħa dawn ir-referenzi u niżżilhom bħala *footnotes*[26].

Il-*complainant* iżid jgħid li kien hemm taqsimiet mix-xogħol tiegħu li kienu qed jidhru bħala ikkupjati fir-rapport tat-*Turnitin* meta fil-fatt ma kienux. Dwar dan il-punt l-*complainant* jargumenta għal sitt paragrafi sħaħ intitolati: *The Declaration, Table of Contents, Direct Referenced to* (selected text)*, Several instances where sources are already referenced, Footnotes,* and the *Appendices.*

Bl-istess mod, l-avukat tal-*complainant* jargumenta li l-ADB kellu jinjora dak li irriżulta mir-rapport tat-*Turnitin* minħabba l-fatt li l-konklużjonijiet tiegħu kienu biss ibbażati fuq konklużjonijiet ta' programm li jaħdem permezz ta' *software* b'mod awtomatiku. L-avukat baqa' jenfasizza l-punt tiegħu billi għamel referenza għall-parti mill-linji gwida tal-Università dwar l-użu tat-*Turnitin* li jgħidu, li l-fatt li

24 L-ilment imressaq fil-21 ta' Awwissu 2013 mill-Avukat tal-*complainant* lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni.

25 L-Università ta' Malta: "*Using Turnitin for Plagairism Detection*", Servizzi tal-IT, paġna 16.

26 Dokument miktub mill-*complainant* dwar in-nuqqasijiet li fih it-*Turnitin Similarity report* dwar it-teżi tiegħu datat 25 ta' April 2013 li hu ippreżenta lill-Bord tad-Dixxiplina kif ukoll lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni.

wieħed ikollu riżultat għoli fis-*similarity index,* ma jfissirx li dan awtomatikament jindika li dik il-biċċa xogħol hija ikkupjata. Lanqas jekk mill-banda l-oħra wieħed ikollu riżultat baxx fis-*similarity index,* ma jfisser li dan ma ġiex ikkupjat. Għaldaqstant, il-ġudizzju dwar jekk sarx ikkupjar jew le ma jistax ikun ibbażat biss fuq dan ir-riżultat li jagħti perċentwal kemm dokument jaqbel ma' ieħor. L-istudenti għandhom janalizzaw u jinterpretaw l-oriġinalità tar-rapporti u joqgħodu attenti biex jiddeterminaw jekk ix-xogħol tagħhom huwiex ikkupjat jew le[27].

L-avukat ikompli jsostni li jidher b'mod ċar li ebda *tutor* ma analizza t-teżi li issottometta l-klijent tiegħu. Dan għaliex kieku kien hemm *tutor* imparzjali u indipendenti li analizza x-xogħol tal-klijent tiegħu, kif ingħad, dan it-*tutor* kien faċilment jintebaħ li s-siltiet fejn ir-rapport tat-*Turnitin* kien qed jindika li huma ikkupjati, fil-fatt kienu saru referenzi għalihom b'mod korrett u skont kif jidher fil-linji gwida tal-OSCOLA[28].

Dak li ingħad mill-avukat u mill-*complainant* innifsu ma ġiex sostanzjat għaliex ma nġiebu ebda provi biex jikkonferma dak li ntqal. Iċ-*Chairperson* tal-Bord tal-Eżaminaturi jgħid illi l-ħames membri kienu fiżikament u indipendentement analizzaw it-teżi sabiex jaraw jekk sarx ikkupjar u l-ħamsa li huma qablu li kien hemm siltiet sħaħ mix-xogħol li ippreżenta l-*complainant,* li kienu meħuda minn pubblikazzjonijiet oħra mingħajr ma saret referenza minn fejn ittieħed dan il-materjal[29].

Barra minn hekk, iċ-*Chairperson* tal-ADB u r-Reġistratur assiguraw lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni illi l-membri tal-Bord kienu jieħdu ħsieb li kull meta studenti jiġu akkużati li ikkupjaw, u għaldaqstant jitressqu quddiem il-bord, huma fiżikament jiċċekkjaw ir-rapport tat-*Turnitin.* F'dan il-każ fuq talba tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni ġie appuntat assessur indipendenti biex hu ukoll manwalment jivverifika t-teżi tal-*complainant.* Dan l-assessur sab li kien hemm diversi siltiet fejn kien sar ikkupjar bl-aktar mod sfaċċat. Fil-fatt f'wieħed mill-eżempji li ta l-assessur dwar it-teżi tal-*complainant,* qal li kien hemm sezzjonijiet sħaħ ikkupjati minn awtur magħruf sew fil-qasam, fejn lanqas biss saret referenza

27 Op.cit Dawn huma l-istess linji gwida li l-Uffiċjal tal-Fakultà kien bagħat lill-eżaminaturi kif intqal fil-paragrafu 4 aktar 'il fuq.

28 L-ittra tal-ilment mill-avukat tal-*complainant* li tressaq quddiem l-Ombudsman tal-Università fil-21 ta' Awwissu 2013.

29 Ir-rapport tal-eżaminaturi, *ibid.*

għalih, filwaqt li anke r-referenzi mniżżla f'dawn l-istess sezzjonijiet saru daqs li kieku nkitbu mill-*complainant* u mhux mill-awtur oriġinali. Apparti l-fatt li dan l-awtur lanqas biss huwa mniżżel fost l-awturi ta' kotba li saret referenza għalihom fil-lista biblijografika. L-assessur indipendenti jagħmel referenza għal parti oħra mit-teżi u jirrapporta li din is-silta ġiet ikkupjata *verbatim* minn dokument li kiteb l-awtur XX f'paġna 1. Għal darba oħra ma saret l-ebda referenza għall-awtur XX u minflok l-kandidat in kwistjoni jaddottaha bħala tiegħu din is-silta. Ikompli jgħid ukoll li l-ikkupjar minn dan id-dokument tal-awtur XX ikompli matul il-kapitlu kollu tat-teżi[30].

Il-*complainant* tant insista fl-istqarrija tiegħu li hu ma ikkupjax li wieħed jasal biex jibda jissusspetta jekk fil-fatt din il-persuna hijiex konxja ta' dan l-episodju fejn l-etika akkademika ġiet vandalizzata. Madanakollu, l-assessur indipendenti ma kellu ebda għażla oħra ħlief li jirrapporta l-fatti li wrew biċ-ċar u ikkonfermaw dak li kienet diġà stabbilixxiet l-Università, jiġifieri li l-*complainant* kien tassew ikkopja b'mod sfaċċat siltiet sħaħ fit-teżi tiegħu. Aktar minn hekk m'hemmx dubju li din il-konklużjoni m'hijiex ibbażata biss fuq programm kompjuterizzat, iżda ġiet ukoll konfermata permezz ta' analiżi akkademika li saret fiżikament.

**Preġudizzju personali**

Il-*complainant* allega li kien hemm preġudizzju personali kontrih mill- membri tal-Bord, mingħajr ma speċifika jekk dan kienx il-Bord tal-Eżaminaturi jew tal-ADB. Hu allega li ċ-*Chairperson* u l-membri kellhom konflitt ta' interess fil-każ tiegħu, kellhom għalih personali u kienu influwenzati minn pika biex jaslu għal ġudizzju fil-konfront tiegħu. Madanakollu, minħabba li hu ma ġab ebda prova biex jissostanzja dawn l-allegazzjonijiet, dan l-aspett tal-ilment tiegħu mhux ser tittieħed konjizzjoni tiegħu.

**Amministrazzjoni ħażina**

Il-*complainant* argumenta li l-amministrazzjoni tal-Università naqset milli tiggwidah dwar l-użu tat-*Turnitin* u għaldaqstant ma setax jittestja t-teżi tiegħu u jara jekk kienx hemm xi forma ta' ikkupjar qabel ma issottomettiha. L-Università tiċħad dan l-argument u tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-Reġistratur kienet bagħtet *memo* fil-11 ta' Ġunju 2010, fejn speċifikament kien hemm referenza dwar kif wieħed jagħraf meta jkun hemm ikkupjar u kif dan għandu jiġi evitat. Id-dokumenti

30 Ir-rapport tal-assessur indipendenti, *ibid.*

li aktar qabel saret referenza għalihom kien fihom taqsimiet sħaħ dwar l-użu tat-*Turnitin* bħala wieħed mill-metodi kif wieħed jista' jittestja x-xogħol tiegħu. Irid jingħad ukoll li fit-tieni seduta tal-ADB meta kien qed jinstema' il-każ tal-*complainant*, id-Dekan tal-Fakultà ikkonċernata kien ippreżenta lill-Bord kopja ta' *email* li s-segretarja tal-Fakultà kienet bagħtet lill-*complainant* fejn ħeġġitu jattiva l-IT *account* tiegħu, u jagħmel użu mill-programm tat-*Turnitin* sabiex jittestja t-teżi tiegħu. L-avukat tal-*complainant* sostna li l-klijent tiegħu kien irċieva din l-*email* wara li hu kien issottometta t-teżi tiegħu. Madankollu, dan il-punt ma tantx jista' jingħata importanza għaliex l-uffiċjal tal-Fakultà kienet għaddiet din it-teżi lill-eżaminaturi fit-3 ta' Ottubru 2012 u fl-intervall kien hemm żmien biżżejjed fejn li kieku ried l-*complainant* seta' irtira x-xogħol tiegħu, ittestjah għall-ikkupjar, għamel l-emendi meħtieġa u reġa' issottomettiha. Minflok, jidher li f'dan l-istadju l-*complainant* kien sodisfatt bil-kwalità tax-xogħol tiegħu u ma kienx jinteressah li joqgħod jittestja t-teżi tiegħu permezz ta' programm kompjuterizzat, forsi anke għaliex ma kienx iħossu komdu jagħmel dan.

**Trattament ġust mill-Bord tad-Dixxiplina**

Il-*complainant* ilmenta li l-proċeduri tal-ADB kienu naqsu milli jagħtuh smigħ ġust. Hu argumenta li: (a) il-Bord ma kienx avżah minn qabel dwar x'kienet l-akkuża miġjuba kontrih jew x'kienet ir-raġuni għalfejn kien qiegħed jitressaq quddiemu, u (b) ngħata kopja tar-rapport tat-*Turnitin* proprju matul is-seduta nnifisha, u għaldaqstant ma setax iħejji b'mod xieraq id-difiża tiegħu għall-akkuża gravi li hu kien ikkopja.

Ir-Reġistratur ċaħdet l-ewwel argument tiegħu u ġibditlu l-attenzjoni li fis-6 ta' Diċembru 2012 hi kienet kitbitlu u qaltlu li kien ġie irrapportat li hu kien kiser ir-Regolamenti tal-*Assessment* tal-Università (Regolament 39(1(a)) billi fit-teżi tiegħu li hu kien ressaq biex jikseb grad fid-Dottorat tal-Filosofija, instab li kien hemm partijiet li kienu ġew ikkupjati. Skont ir-Regolament 43(a) tal-imsemmija Regolamenti, kien qiegħed jiġi mitlub li jidher quddiem l-*Assessment Disciplinary Board* nhar it-Tlieta, 11 ta' Diċembru 2012 f'nofsinhar fl-uffiċċju tar-Reġistratur fl-Università ta' Malta.

F'din l-ittra r-Reġistratur saħansitra tagħtih parir li jaqra sewwa r-regolamenti relevanti u li jista' jattendi għal din il-laqgħa akkumpanjat minn xi ħadd tal-fiduċja tiegħu. L-istqarrija tar-Reġistratur twaqqa' kompletament l-argument tal-

*complainant* li ma kienx ġie avżat bl-akkuża miġjuba kontrih. Aktar minn hekk, wieħed ma jistax jifhem kif professjonista matur, bil-*background* tal-*complainant* jista' jattendi għal seduta tal-bord tad-dixxiplina mingħajr ma jistaqsi x'kienet ir-raġuni għal din il-laqgħa. Għal darba oħra l-Kummissarju għall-Edukazzjoni ikkonkluda li l-*complainant* kien jaf tajjeb x'kien l-għan tas-seduta tal-ADB u li dan tant kien fiduċjuż mill-kapaċità tiegħu li jiddefendi l-kawża tiegħu, li għażel li ma jieħu lil ħadd miegħu.

Dwar it-tieni argument tal-*complainant* ġie stabbilit li fil-bidu r-Reġistratur kienet informatu li, mill-uffiċċju tagħha ser jirċievi permezz ta' *email* kopja elettronika tar-rapport tat-*Turnitin*. Madanakollu, dan id-dokument tant kien kbir li ma setax jintbagħat permezz tal-*email* u minflok l-Assistent Reġistratur ċemplet lill-*complainant* biex jiġbor il-kopja tar-rapport fuq CD mill-uffiċċju tagħha. Fl-*Aide memoire* tal-Assistent Reġistratur dwar it-telefonata li saret lill-*complainant* iddikjarat li hu kien wieġibha li ma kienx ser jgħaddi jiġbor is-CD għaliex ma kellux bżonnha. Il-*complainant* kien ta l-istess tweġiba liċ-*Chairperson* tal-ADB meta dan staqsih għaliex ma kienx ġabar il-kopja fuq CD mill-Università.

Huwa sinjifikanti l-fatt li waqt li l-akkużat kien quddiem il-Bord tad-Dixxiplina, ma ilmentax la dwar li ma kienx jaf ir-raġuni għaliex saret din il-laqgħa u lanqas ma iprotesta li ma kienx ingħata żmien biżżejjed biex iħejji ruħu. Anzi ġara bil-maqlub, għaliex meta ċ-*Chairman* offrielu li jipposponi din is-seduta għal ġurnata oħra minħabba li r-Rappreżentant tal-Istudenti tal-Bord kien assenti, il-*complainant* sostna li hu kien jippreferi li l-laqgħa tkompli[31].

**Il-penali mogħtija inaċċettabbli**

Il-*complainant* ħass li l-ADB kien irraġonevoli meta ċaħad it-talba tiegħu li jirtira t-teżi sabiex ikun f'qagħda li jikkoreġi dawk il-partijiet li kienu ikkupjati u jerġa' jissottometti t-teżi tiegħu. Hu iprotesta ukoll li l-penali imposti fuqu kienu ħorox wisq.

Wieħed jifhem ix-xewqa tal-*complainant* li jirtira b'mod temporanju t-teżi tiegħu sabiex ikun jista' jneħħi dawk il-partijiet li kienu ikkupjati. Madanakollu, l-ADB amministrattivament ma kellhiex triq oħra għajr li tiċħad it-talba tiegħu ladarba

31 Ir-Rapport tal-ADB tal-11 ta' Diċembru 2012. Minkejja n-nuqqas tar-Rappreżentant tal-Istudenti fuq il-Bord, il-Bord xorta kellu *quorum*.

l-eżaminaturi kienu evalwaw ix-xogħol tal-*complainant* u taw il-verdett tagħhom. Iċ-ċaħda tal-Bord li jerġa' jissottometti t-teżi kienet imsejjsa ukoll fuq il-verdett tal-eżaminaturi u l-istqarrija tal-eżaminatur estern, li kif ġie ikkwotat aktar 'il fuq, dan kien tal-fehma li t-teżi kellha tiġi eliminata bl-aktar mod immedjat, għaliex l-ammont ta' ikkupjar f'din it-teżi tant kien sfaċċat li qatt ma seta' jiġi rimedjat. Għaldaqstant, iċ-ċaħda tal-Bord kienet ġustifikata kemm amministrattivament kif ukoll għal raġunijiet akkademiċi.

Meta wieħed ser jittratta l-merti ta' dan l-ilment irid jikkunsidra tliet fatturi. L-ewwel fattur huwa dwar is-serjetà li l-universitajiet kollha jattribwixxu lejn il-ksur tal-etiċi akkademiċi permezz ta' ikkupjar: huwa proprju għalhekk li l-Università ta' Malta għandha regolamenti stretti u twissijiet severi dwar is-suġġett. It-tieni aspett għandu x'jaqsam mal-fatt li l-*complainant* kiser ir-regolamenti dwar l-ikkupjar fir-riċerka u x-xogħol tiegħu tal-PhD, li hija l-għola grad mogħti mill-Università kif ukoll l-aktar wieħed ta' prestiġju. L-Istituzzjoni kienet tikkomprometti serjament l-isem tagħha flimkien mal-kredibilità li għandha u tgawdi, li kieku jkun hemm suspett jew xniegħat li jkunu qed jingħataw gradi fid-dottorat permezz ta' xogħol ikkupjat. It-tielet kunsiderazzjoni hija dwar il-fatt li l-individwu nstab li kien ikkopja b'mod sfaċċat. Il-*complainant* bir-raġun huwa kburi li għandu numru sostanzjali ta' *degrees* u sostna li kien familjari sew mal-etiċi akkademiċi u x'kien mistenni minn xogħol skolari. Mingħajr dubju, l-ADB kien ħa kunsiderazzjoni tal-esperjenza akkademika vasta tiegħu meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar il-penali li kienu ser jiġu imposti fuqu.

Fl-opinjoni tiegħi, li teskludi lill-*complainant* milli jipparteċipa f'korsijiet universitarji għal għaxar snin hija daqsxejn ħarxa wisq, u l-Università tista' tagħżel li tnaqqas dan il-perjodu. Jien jidhirli li jekk ikun hemm kundizzjonijiet akkademiċi xierqa u superviżjoni adegwata, il-*complainant* jista' jingħata ċ-ċans li jirrimedja din iċ-ċirkostanza biex wieħed jerġa' jikseb fiduċja fih. Għaldaqstant, nissuġġerixxi li l-Università terġa' tikkunsidra l-fatt li l-istudenti li jinstabu li ikkupjaw jeħlu multa. Dan il-ksur serju fl-etiċi akkademiċi m'għandux ikun imxejjen b'mod daqshekk fieragħ li teħel multa ta' flus speċjalment meta l-istudenti misjuba ħatja jistgħu faċilment jinjorawha.

***Konklużjonijiet***

Hija f'waqtha li wieħed ikompli jirrepeti li l-ikkupjar huwa ksur serju fl-etiċi

akkademiċi u dan il-fatt ikun aktar gravi meta jiġi fil-livell ta' riċerka għad-dottorat. Għaldaqstant, m'hijiex sorprendenti li l-Università ħadet dawk il-miżuri fil-konfront tal-*complainant* meta aġixxa b'dak il-mod. M'huwiex il-kompitu ta' Kummissarju li jistabbilixxi u jiddeċiedi jekk biċċa xogħol hijiex ikkupjata jew le. Dan huwa kompitu tal-akkademiċi li l-Università tagħżel li jwettqu dan ix-xogħol. Ir-rwol tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni f'sitwazzjonijiet bħal dawn huwa, li jeżamina jekk id-deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-Università tkunx waħda ġusta u li jkunu waslu għaliha permezz ta' provi konkreti. Il-provi li ngħataw matul din l-investigazzjoni bla dubju juru li l-*complainant* tassew kien kiser l-etiċi akkademiċi permezz tal-ikkupjar. Din l-evidenza ma kinitx biss riflessa fir-rapport kompjuterizzat tat-*Turnitin*, li ta riżultat ta' ikkupjar ta' 54 fil-mija. Il-ħames membri tal-Bord tal-Eżaminaturi, l-membri tal-ADB, kif ukoll l-assessur indipendenti li kien appuntat speċifikament fuq talba tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni, eżaminaw it-teżi tal-*complainant* u kollha qablu li f'dan id-dokument kien hemm element qawwi ta' ikkupjar. Madanakollu, kien l-Eżaminatur Estern li l-aktar li ikkundanna x-xogħol tal-*complainant*, fl-opinjoni tiegħu dan id-dokument kien l-agħar każ li qatt ra fejn kien hemm ksur daqshekk sfaċċat tal-etika akkademika.

Hemm provi biżżejjed li jindikaw bl-aktar mod ċar li l-Università kienet ġusta meta akkużat lill-*complainant* li kien ħati ta' ikkupjar fit-teżi tiegħu għad-Dottorat (PhD) u għaldaqstant l-ilment tiegħu m'huwiex sostanzjat. Aktar minn hekk, id-deċiżjoni tal-ADB li tikklassifka x-xogħol tiegħu, bħala li weħel u li ma ġab ebda marki jikkompara tajjeb ma' kif universitajiet oħra ta' kalibru, jevalwaw xogħol ikkupjat. Għaldaqstant, ma nistax insostni l-ilment tal-*complainant* li ġie trattat ħażin mill-Università u li iddiskriminat b'mod improprju kontrih.

Bl-istess mod, ma nistax nissostanzja l-allegazzjoni tal-*complainant* li ma ngħatax smigħ xieraq. L-uffiċjali tal-fakultà kienu ġibdulu l-attenzjoni li ma kienx attiva l-IT *account* tiegħu sabiex ikun jista' jagħmel it-*test* permezz tat-*Turnitin*, iżda hu injora dan il-parir. Barra minn hekk kien hemm ukoll provi ċari li jindikaw li r-Reġistratur kienet informat lill-*complainant* dwar ir-raġuni għalfejn kienet ser issir laqgħa biex jidher quddiem l-ADB. Kien ukoll ġie informat li r-rapport tat-*Turnitin* dwar it-teżi tiegħu kien twil wisq biex jintbagħat permezz tal-*email*, u li għalhekk seta' jiġbor kopja tal-istess rapport fuq CD mill-uffiċċju tad-Deputat Reġistratur. Hu irrifjuta li jagħmel dan. Ħaġa oħra dwar dan l-ilment hija li kieku verament hu kien qiegħed iħoss li m'huwiex preparat biex jiddefendi ruħu quddiem il-Bord, seta'

jaċċetta l-offerta tal-Bord li jipposponi l-laqgħa. Iżda hu ċaħad din l-għażla ukoll. Meta wieħed jikkunsidra dawn il-fatturi, bir-raġun jista' jasal għall-konklużjoni li l-*complainant* waqt dik il-laqgħa mal-ADB kien qiegħed iħossu kunfidenti u kapaċi li jista' jiddefendi ruħu dwar l-akkuża ta' ikkupjar. Jista' ukoll ikun il-każ li hu kien ġenwinament qed iħossu innoċenti mill-akkużi miġjuba kontrih u ġie tassew konxju meta ġie ippreżentat bir-rapport tat-*Turnitin* u l-livell għoli ta' ikkupjar li irriżulta minn dan ir-rapport. Iżda xorta waħda, ma nistax nissostanzja l-ilment tiegħu li ma kellux smigħ xieraq: il-provi juru li hu kien konxju mill-akkużi miġjuba kontrih u li kellu kull opportunità sabiex jipprepara għad-difiża tiegħu.

Il-penali li ġew imposti fuq il-*complainant* mill-ADB kienu konsistenti mal-ksur gravi tal-etiċi akkademiċi permezz tal-ikkupjar. Għaldaqstant, ma nistax nissostanzja l-ilment tiegħu li l-kastig li ngħatalu kien sever, ħlief għal fatt li fl-opinjoni tiegħi li l-*complainant* ma jistax isegwi ebda kors ieħor fl-Università għall-għaxar snin li ġejjin, huwa twil wisq.

Wara li analizzajt il-fatti kollha li ħarġu minn din l-investigazzjoni, l-Opinjoni Finali tiegħi hija li:

a) l-konklużjonijiet tal-awtoritajiet tal-Università li l-*complainant* kien kiser ir-regolamenti u l-etiċi akkademiċi tal-Università billi ikkopja fit-twettiq tar-riċerka tiegħu għall-ogħla grad ta' studji, jiġifieri dak għal Dottorat, huma ibbażati fuq raġunijiet validi u ippruvati; u
b) l-awtoritajiet tal-Università trattaw lill-*complainant* b'mod ġust, skont ir-regolamenti tal-Università, u ma ġiex improprjament iddiskriminat. Dan ifisser li fl-ebda ħin ma naqsu milli jimxu mal-proċeduri stabbiliti, la fiż-żmien ta' qabel ma ressaq it-teżi, la meta ressaqha, la wara li ressaqha u lanqas fil-waqt li kienu qed jittieħdu l-passi dixxiplinarji.

Għaldaqstant, ma nistax insostni dawn l-ilmenti.

**L-eżitu**

Wara l-Opinjoni Finali tal-Kummissarju, il-*complainant* talab li l-Università terġa' tikkunsidra l-każ tiegħu speċjalment dik dwar l-impożizzjoni li ma jsegwi ebda kors fl-Università għal għaxar snin sħaħ. Madanakollu l-ADB sostniet il-penali oriġinali tagħha.

**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru UN 0038**
**MCAST**

# *Lecturer* jallega li tibdil fix-xogħol imminalu l-professjoni u tnaqqaslu d-dħul

*(lecturer, remunerazzjoni, professjoni)*

**L-ilment**

Għalliem fi ħdan il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) ressaq ilment quddiem l-Ombudsman tal-Università[32]. Huwa[33] saħaq illi, b'riżultat ta' dak li huwa jikkunsidra bħala tibdil mhux ġustifikat fid-doveri tiegħu bħala għalliem, il-Kulleġġ kien dgħajjiflu l-*istatus* tiegħu bħala professjonist u naqqaslu d-dħul finanzjarju tiegħu. Huwa sostna li sabiex hu jkun jista' jerġa' lura fil-pożizzjoni li kien fiha qabel sar dan it-tibdil, kellu jiġi tterminat impjieg ta' għalliema *part-timer* li kienet ingħatat xi wħud mid-doveri li kienu jappartjenu lilu.

**Il-fatti**

Il-persuna li ressaq l-ilment beda l-karriera tiegħu fl-MCAST fl-2001 fejn huwa kien jgħallem fl-Istitut tal-Inġinerija Mekkanika. Meta nħatar f'din il-kariga huwa kien jissodisfa t-tieni rekwiżit indikat fis-sejħa għall-applikazzjonijiet, liema sejħa kienet tirrikjedi li l-kandidati kellhom ikunu jew fil-pussess ta' *first degree* jew ikollhom ħmistax –il sena esperjenza industrijali fil-qasam li fih kienu mistennija jgħallmu.

Għal numru ta' snin, il-maġġoranza tat-tagħlim tiegħu kien maqsum fuq żewġ livelli:

a) l-*Extended Diploma* f' Livell Nru 4; u

32 Il-Professur Farrugia beda l-investigazzjoni tiegħu fuq dan l-ilment fil-kapaċità tiegħu ta' Ombudsman tal-Università. Huwa kompla jinvestiga u għalaq dan il-każ wara l-ħatra tiegħu ta' Kummissarju għall-Edukazzjoni fl-1 ta' Frar 2014. Din l-Opinjoni Finali tinkludi referenza għan-nomenklatura ta' Kummissarju għall-Edukazzjoni.

33 Sabiex tiġi evitata referenza bla bżonn għall-pronomi maskili/femminili (bħal hi u hu), f'dan ir-rapport ser nirreferu għall-persuna li ressaq l-ilment fil-maskil, anke jekk mhux neċessarjament hu l-każ.

b) l-*Higher National Diploma* f'Livell Nru 5 tal-*Maltese National Qualifications Framework*.

Matul is-sena akkademika 2011–2012, il-persuna li ressaq l-ilment ġie allokat medja ta' 28 siegħa tagħlim fil-ġimgħa, u dan meta ikkumparat mal-massimu ta' 19 – il siegħa fil-ġimgħa kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv milħuq bejn l-MCAST u l-MUT. Huwa kien jirċievi ħlas addizzjonali għas-siegħat żejda illi huwa kien jgħallem.

F'Settembru 2012, id-Direttur il-ġdid tal-Istitut tal-Inġinerija Mekkanika irreveda l-iskeda tal-persuna li ressaq l-ilment u naqqasha għal 18-il siegħa fil-ġimgħa. Barra minn hekk sar ukoll xi tibdil fid-doveri assenjati lilu, fejn it-tagħlim tiegħu issa kien aktar relatat ma' tagħlim fil-Livell Nru 4 milli ma' dak fil-Livell Nru 5. Dan sar fuq id-deċiżjoni tad-Direttur li jalloka t-tagħlim fil-livell ogħla tas-sillabu lill-għalliema ġdida, impjegata fuq bażi *part-time,* li kellha Ph.D. fil-qasam in kwistjoni. Ftit taż-żmien wara, il-persuna li ressaq l-ilment talab u ngħata sitt siegħat ta' tagħlim addizzjonali fl-Istitut tal-Inġinerija Elettrika fi ħdan il-Kulleġġ, li għalihom kien jitħallas apparti.

**Osservazzjonijiet**

Fl-ewwel parti tal-ilment tiegħu, il-persuna li ressaq l-ilment iffoka fuq il-kwistjoni ta' stima u prestiġju abbinat mal-karriera professjonali tiegħu bħala għalliem. Huwa fatt magħruf fil-professjoni tal-għalliema illi iktar ma jkun ogħli l-livell tal-kontenut akkademiku li wieħed jgħallem u iktar kemm ikunu avvanzati l-istudenti tiegħu, ikbar tkun l-istima u l-preġju li huwa jgawdi fost l-għalliema sħabu u l-komunità in ġenerali. L-istess jiġri meta s-sitwazzjoni titreġġa lura, kif jispjega tajjeb dan l-eżempju analogu mill-qasam tal-mediċina. Persuna f'saħħitha li tħossha ftit ma tiflaħx ġeneralment iżżur tabib tal-familja (*general practitioner)*. Mill-banda l-oħra persuna li tkun qiegħda tbati minn mard serju ġeneralment tirrikorri għall-assistenza ta' Konsulent li jispeċjalizza fil-qasam in kwistjoni. Minkejja dan iżda, fejn jidħol tagħlim, il-prattika ġeneralment issir bil-maqlub. L-aħjar għalliema ġeneralment jiġu assenjati biex jgħallmu studenti tajbin, filwaqt li dawk l-għalliema anqas tajba jitħallew jgħallmu studenti mhux daqstant motivati u/jew dgħajfa. Huwa minħabba f'hekk illi, l-opinjoni pubblika tasal biex tikkonkludi illi l-għalliema li jgħallmu fl-aktar livelli għolja huma għalliema aqwa minn dawk li jgħallmu f'livelli aktar baxxi. B'hekk is-soċjetà għandha stima akbar lejn l-għalliema fl-ogħla livelli ta' studju.

M'huwiex sorprendenti allura, illi l-persuna li ressaq l-ilment ikkunsidra d-deċiżjoni tad-Direttur li jneħħilu l-klassijiet fil-Livell Nru 5, bħala waħda ta' demozzjoni fil-karriera professjonali tiegħu li saħansitra waslitu wkoll biex jitlef mill-prestiġju li hu kellu qalb l-għalliema sħabu u l-istudenti li hu kien jgħallem. L-allokazzjoni ta' dak li huwa jqis bħala dmirijiet ta' tagħlim li fin-natura tagħhom m'humiex direttament relatati mas-suġġett mgħallem, bħal ma hi s-superviżjoni ta' xogħol fil-laboratorju, kompla biex aggravalu l-weġgħa tiegħu mil-lat ta' prestiġju professjonali. Huwa argumenta illi d-Direttur tal-Istitut kien qiegħed intenzjonalment iwarrbu biex jakkomoda u jsostni s-servizzi tal-impjegata l-ġdida.[34] Huwa saħaq, u jien ma nsib ebda raġuni għaliex niddubita l-argument tiegħu, illi din l-esperjenza ikkaġunatlu dimotivazzjoni u frustrazzjoni waqt il-qadi ta' dmirijietu, speċjalment minħabba l-fatt illi fil-bidu dan it-tibdil irriżulta wkoll fi tnaqqis fid-dħul finanzjarju tiegħu.

Wieħed iżda jista' jħares lejn din is-sitwazzjoni minn lenti oħra. L-awtoritajiet tal-Kulleġġ, f'dan il-każ rappreżentati mid-Direttur tal-Istitut tal-Inġinerija għandhom ir-responsabbiltà, u saħansitra d-dover, illi joffru l-aqwa tagħlim lill-istudenti tagħhom. F'dan il-każ, id-Direttur ħass illi fl-aħjar interess tal-istudenti f'Livell Nru 5, u sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu aħjar l-objettivi akkademiċi abbinati mal-istess livell, kien ikun aħjar jekk ir-responsabbiltà ta' dan it-tagħlim tgħaddi għand persuna li kellha PhD f'dan il-qasam u kwalifiki ogħla mill-persuna li ressaq l-ilment, anke jekk hija kellha anqas esperjenza industrijali u ta' tagħlim minnu. F'dan ir-rigward, ġaladarba d-Direttur mexa skont il-proċeduri stabbiliti tal-Kulleġġ fejn jidħol ingaġġ, wieħed ma jistax jiċċensura l-azzjonijiet tiegħu. Huwa kien afdat mill-Kulleġġ biex jingaġġa għalliema addizzjonali meta dan ikun meħtieġ. Id-Direttur kellu ukoll il-prerogattiva illi jimpjega akkademiċi bl-ogħla livell ta' kredenzjali possibbli u dan minħabba li l-Istitut kien fil-proċess li jtejjeb il-programmi akkademiċi li joffri u li eventwalment kellhom ukoll iwasslu għall-korsijiet fil-livell ta' *degree*.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, meta l-amministraturi fil-qasam akkademiku jiġu biex jiffinalizzaw l-għażla tagħhom, huma jiffaċċjaw dilemma komuni, dik bejn kontinwità jew innovazzjoni. Huma jridu jiddeterminaw minn x'hiex jibbenifika l-aktar l-istudent, jekk hux mill-kwalifiki ogħla u enerġija żgħażugħha ta' għalliema ġodda detenturi ta' dottorat, jew mill-esperjenza ta' għalliema li diġà jgħallmu s-suġġett u li l-istudenti passati tagħhom kellhom suċċess fis-suġġett li huma

34 Ittra datata 28 ta' Frar 2014 mingħand is-Segretarju Ġenerali tal-MUT lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni u diskussjoni li saret aktar qabel dwar dan.

jgħallmu. Jirrifletti tajjeb u huwa ta' kreditu għall-persuna li ressaq l-ilment il-fatt illi hekk kif huwa offra s-servizzi tiegħu lill-Istitut tal-Inġinerija Elettrika, it-talba tiegħu ġiet milqugħa immedjatament. Madanakollu, din id-darba, id-Direttur tal-Istitut ipprefera li jirrikorri għall-bidla u dan għamlu bl-approvazzjoni tal-ogħla awtoritajiet tal-Kulleġġ u jiena bħala l-Kummissarju għall-Edukazzjoni ma nsib ebda ġustifikazzjoni għaliex għandi nikkontesta din id-deċiżjoni akkademika.

Is-Segretarju Ġenerali tal-MUT issuġġerixxa illi l-kwistjoni setgħet tiġi riżolta kieku l-bidla ma kienetx daqstant drastika u kieku ingħatat kunsiderazzjoni xierqa għall-kontribut li l-persuna li ressaq l-ilment kien ta lill-Istitut fil-passat. Hawn tajjeb illi wieħed iżomm f'moħħu illi biex ikun possibbli li jintlaħaq kompromess huwa neċessarju li jkun hemm spirtu ta' djalogu u kooperazzjoni. Sitwazzjoni li żgur ma kienetx il-każ fl-ilment taħt eżami. Id-Direttur tal-Istitut ma kkonsultax lill-persuna li ressaq l-ilment rigward it-tibdil li kien ippjanat. Dan tal-aħħar sar jaf bit-tibdil li huwa kien ser ikollu fl-iskeda ta' tagħlim tiegħu meta l-iskedi ikkonċernati saru pubbliċi u twaħħlu fuq *in-notice board* tal-Istitut. Hawn wieħed ma jistax ma jinnotax illi n-nuqqas ta' konsultazzjoni minn naħa tad-Direttur fuq materja daqshekk delikata turi nuqqas ta' sensittività u kortesija lejn impjegat akkademiku li serva lill-Istitut għal numru ta' snin.

Bl-istess mod, l-imġieba agressiva tal-persuna li ressaq l-ilment kompliet żiedet mal-aggravament bejn iż-żewġ individwi. Dan joħroġ ukoll mill-kummenti dispreġġjattivi dwar il-kollegi superjuri tiegħu u r-reazzjonijiet agressivi tal-persuna li ressaq l-ilment meta affaċċjat b'osservazzjonijiet li hu ma jaqbilx magħhom (inkluż waqt il-laqgħa tiegħu mal-Kummissarju għall-Edukazzjoni), fejn wieħed kien jispetta attitudni ferm aħjar. Barra minn hekk, waqt diskussjonijiet li kelli mal-Prinċipal tal-Kulleġġ dan irrefera għad-diffikultajiet li l-persuna li ressaq l-ilment kien spiss ikollu mal-istudenti tiegħu, xi ħaġa li min-naħa tiegħu l-persuna li ressaq l-ilment ċaħad kategorikament.[35] Aspett ieħor illi żgur ma għenx biex tittaffa din il-konfrontazzjoni kien l-insistenza tal-persuna li ressaq l-ilment li jiġi itterminat l-ingaġġ tal-għalliema *part-timer* sabiex hu jkun jista' jerġa' lura għall-iskeda u s-salarju li kellu. L-MCAST ikkunsidra t-talbiet tal-persuna li ressaq l-ilment bħala

35 Diskussjoni bejn il-Kummissarju għall-Edukazzjoni u l-Prinċipal, kif ukoll ittra mingħand il-Prinċipal datata 20 ta' Novembru 2013, li fiha saret referenza għal grupp ta' studenti li kollettivament akkużaw lill-persuna li ressaq l-ilment b'lingwaġġ abbużiv, liema akkuża ġiet wara irtirata.

inaċċettabbli kemm mil-lat akkademiku kif ukoll mill-qasam amministrattiv. Id-Direttur iddeċieda li jagħti prijorità lill-ħtiġijiet akkademiċi fuq prassi passati jew *ego* ta' individwi partikolari.

Fit-tieni parti tal-ilment tiegħu, il-persuna li ressaq l-ilment iffoka fuq il-fatt illi t-tnaqqis fl-ammont ta' siegħat li hu ġie allokat biex jgħallem kien ser jirrifletti ruħu fi tnaqqis finanzjarju addizzjonali li hu kien jirċievi. It-tnaqqis għal 18-il siegħa mid-19-il siegħa fil-ġimgħa ma affetwalux is-salarju tiegħu. L-ilment tiegħu kien rigward it-tnaqqis fil-ħlas addizzjonali li hu kien jirċievi mill-lezzjonijiet addizzjonali li huwa kien jagħti, li b'medja ta' disgħa siegħat fil-ġimgħa, bi €23.28 is-siegħa, kienu jammontaw għal somma konsiderevoli matul is-sena akkademika. Kif intqal qabel, is-soluzzjoni li l-persuna li ressaq l-ilment ippropona biex tirrimedja t-telf finanzjarju li hu kien sofra, kienet dik li jiġi tterminat l-ingaġġ tal-impjegata fuq bażi *part-time,* sitwazzjoni li kellha twasslu biex hu jerġa' jirrikorri lura għall-ammont ta' siegħat f'tagħlim li huwa kellu. Huwa ibbaża l-argument tiegħu fuq l-assunzjoni tiegħu li f'każ ta' xogħol addizzjonali li miegħu jkun hemm abbinat ħlas addizzjonali, dan kellu bħala l-ewwel preferenza jiġi offrut lill-ħaddiema eżistenti qabel jiġi offrut lil dawk barra l-Kulleġġ. Fil-bidu huwa argumenta illi tali dikjarazzjoni kienet imniżżla fil-Ftehim Kollettiv bejn l-MCAST u l-MUT, iżda meta minn riċerka irriżulta li dan il-Ftehim ma kienx jinkludi tali provvediment, huwa sostna bil-qawwa kollha illi dawn kienu prinċipji vestiti b'mod ġenerali fil-liġi dwar l-impjiegi.

Kienet tkun ħaġa mill-aktar stramba li kieku l-Ftehim Kollettiv bejn l-MCAST u l-MUT kellu jinkludi l-provvediment li fil-bidu argumenta dwaru l-persuna li ressaq l-ilment. Kienet tkun sitwazzjoni mil-aktar ċensurabbli kieku kellha tkun infurzata kundizzjoni simili fil-qasam edukattiv, anke jekk mil-lat industrijali tali prassi tista' titqies leġittima. L-MCAST u l-MUT qablu li għalliem għandu jkun allokat massimu ta' 19-il siegħa f'kuntatt ma' studenti, bil-għan illi huwa jkun jista' jqassam il-kumplament tal-40 siegħa fil-ġimgħa f'riċerka, preparazzjoni għal-lezzjonijiet, ikorreġġar u kontribut lill-amministrazzjoni tal-Istitut.

B'hekk il-Ftehim Kollettiv milħuq bejn l-MCAST u l-MUT jikkonsolida dak li ż-żewġ partijiet jemmnu u qablu dwaru u *cioè* illi l-għalliema jistgħu joffru l-aħjar servizz meta jiġu allokati 19 –il siegħa ta' tagħlim fil-ġimgħa. Il-Kulleġġ u l-*union* iddeċidew illi numru akbar ta' siegħat f'tagħlim inaqqas il-kapaċitajiet tal-għalliem u dan ikun

ta' detriment għall-istudenti tagħhom; min-naħa l-oħra huma jqisu li numru anqas ta' siegħat jirriżulta f'nuqqas ta' użu tajjeb tar-riżorsi umani. Huwa f'dan il-kuntest illi bosta mill-istituzzjonijiet ta' *Further and Higher Education* jaqblu li l-għalliema għandhom jingħataw minn tlieta sa erba' siegħat addizzjonali fil-ġimgħa. Dawn tal-aħħar ma jaqblux mal-għoti ta' aktar siegħat, kemm jekk abbinati ma' ħlas addizzjonali u anke jekk le, għaliex jemmnu li dan jista' iwassal għal deterjorazzjoni fil-kontribut professjonali ta' għalliem. F'dan il-każ partikolari, wieħed jifhem id-diżappunt tal-persuna li ressaq l-ilment meta sofra nuqqas fid-dħul finanzjarju tiegħu qabel ma ngħata siegħat addizzjonali ta' tagħlim fl-Istitut tal-Inġinerija Elettrika. Minkejja dan iżda, il-persuna li ressaq l-ilment huwa żbaljat meta jsostni li d-Direttur fi ħdan l-Istitut għall-Inġinerija Mekkanika mexa amministrattivament ħażin miegħu meta, skont il-prassi konvenzjonali fl-edukazzjoni terzjarja, huwa għadda biex jimpjega għalliem biex ikopri s-siegħat addizjonali ta' tagħlim.

**Konklużjoni**

Il-persuna li ressaq l-ilment ġie assenjat ammont ta' siegħat f'tagħlim li kienet kompatibbli mal-istatus tiegħu, liema siegħat kienu ukoll konformi mat-termini stipulati fil-Ftehim Kollettiv milħuq bejn l-MCAST u l-MUT. Il-*management* tal-Istitut għandu kull dritt li jimpjega għalliema fuq bażi *part-time* biex ikopru siegħat addizzjonali ta' tagħlim, u dan sakemm jiġu mħarsa tajjeb il-proċeduri stabbiliti tal-Kulleġġ rigward ingaġġ u sakemm tali deċiżjoni tittieħed fl-aħjar interess tal-istudent. L-istess Ftehim Kollettiv bejn l-MCAST u l-MUT ma jagħti ebda dritt lill-persuna li ressaq l-ilment li jżomm l-istess livell ta' tagħlim jew siegħat/ rimunerazzjoni li huwa kellu fil-passat fuq bażi ta' preċedenza. Barra minn hekk, it-talba tiegħu li l-Istitut għandu jittermina s-servizzi tal-għalliema aktar kwalifikata minnu sabiex hu jkun jista' jirrikorri lura għall-benefiċċji li kien igawdi minnhom qabel l-ingaġġ tagħha, huma inaċċettabbli kemm mill-ambitu edukattiv, maniġerjali kif ukoll mill-qasam tar-relazzjonijiet industrijali kif spjegat aktar 'il fuq f'dan ir-rapport. Fid-dawl ta' dan, jien m'inix f'pożizzjoni li nsostni l-argumenti li qajjem il-persuna li ressaq l-ilment meta dan sostna illi l-awtoritajiet tal-MCAST kienu iddiskriminaw b'mod improprju kontra tiegħu meta naqqsulu s-siegħat ta' tagħlim li huwa kellu ma' studenti fil-Livell Nru 5 u għaddew l-istess siegħat lill-għalliema akkademikament kwalifikata aktar minnu, jew li l-istess awtoritajiet trattawh ħażin meta assenjaw is-siegħat ta' *overtime* li huwa kellu lill-għalliema fuq bażi *part-time*.

Dan magħdud, jien insostni dik il-parti tal-ilment fejn il-persuna li ressaq l-ilment saħaq fuq in-nuqqas ta' konsultazzjoni fit-teħid ta' deċiżjoni li kienet ser taffetwalu d-doveri tiegħu bħala għalliem. Id-Direttur tal-Istitut kellu jiddiskuti t-tibdil propost mal-persuna li ressaq l-ilment minflok ma ħallieh jiskopri tali tibdil meta din l-informazzjoni saret pubblika fuq in-*noticeboard* tal-Istitut.

**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru UO 0020**
**Istitut tal-Istudji Turistiċi**

# *Lecturer* jallega li kien imċaħħad mill-*leave*

*(lecturer, leave)*

**L-ilment**
Għalliem[36] impjegat mal-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) ressaq ilment lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni kontra l-Istitut f'April 2014. Huwa saħaq li din l-istituzzjoni kienet inġustament ċaħħditlu ħamest ijiem *leave* fil-perjodu tal-Milied u ħamest ijiem *leave* oħra fil-perjodu tal-Għid tal-istess sena akkademika li fiha huwa ressaq l-ilment.

**Il-fatti**
Il-persuna li ressaq l-ilment ma qabilx mal-interpretazzjoni li l-ITS u l-*Union* tal-Għalliema (MUT) taw għall-paragrafu 14.2 tal-Ftehim Kollettiv, liema ftehim kien ġie iffirmat miż-żewġ partijiet fl-2012. Il-paragrafu ċitat jirrigwarda l-ammont ta' ġranet *leave* indikat għall-perjodi tal-Milied u l-Għid rispettivament. Il-persuna li ressaq l-ilment sostna l-argument tiegħu billi għamel emfasi għad-differenza li teżisti bejn dak imniżżel fil-Ftehim Kollettiv tal-2007 u dak miktub fil-Ftehim Kollettiv tal-2012. Huwa saħaq illi dak li tniżżel fl-aħħar Ftehim Kollettiv għandu jieħu preċedenza fuq dak li kien hemm fil-Ftehim Kollettiv passat.

Il-paragrafu 14.2 tal-Ftehim Kollettiv tal-2012 jgħid hekk:

"*Academics are not required to report for work at the Institution or to provide their services to the Institution within the following periods:*

- *the month of July;*

36 Sabiex tiġi evitata referenza bla bżonn għall-pronomi maskili/femminili (bħal hi u hu), f'dan ir-rapport ser nirreferu għall-persuna li ressaq l-ilment fil-maskil, anke jekk mhux neċessarjament hu l-każ.

- *the month of August; and*
- *10 working days during Christmas and Easter periods, which days shall be determined annually by the Management and notified to the academics by the end of November of each year.*

*Such periods incorporate academics' statutory vacation leave entitlement as part thereof."*

L-istess klawsola tal-Ftehim Kollettiv tal-2007 (Sezzjoni 10 (d)) li tirrigwarda l-ammont ta' ġranet *leave* matul il-perjodi tal-Milied u tal-Għid tgħid hekk:

*"Lecturing personnel may, during the Christmas and Easter period, work from home for a maximum of ten (10) working days. The Management shall have the right to assign the area and the task, including tasks related to professional development, to be the subject of such work from home and to verify the performance thereof.*

*The Management shall, in November of each year, identify the dates during which the lecturing personnel may avail themselves of this facility in the following year."*

Fis-16 ta' Diċembru 2013, il-*Management* tal-ITS ħareġ memorandum intern li kien jispeċifika l-ammont ta' ġranet *leave* għall-perjodi tal-Milied u tal-Għid. Dan kien jgħid hekk:

*"Following consultation with the shop stewards of the Malta Union of Teachers; it has been agreed that the five days allotted for the Christmas period; as per collective agreement in force; will be left for the individual staff members to decide, as long as these five days are taken at a stretch".*

Il-persuna li ressaq l-ilment argumenta illi kien ovvju li dan il-memorandum kien ser jimxi fuq it-teżi ta' ħames ġranet *leave* fil-Milied u ħamsa oħra fl-Għid minflok fuq l-interpretazzjoni l-oħra ta' għaxra u għaxra fil-perjodi rispettivi. Il-persuna li ressaq l-ilment ikkontesta l-kontenut ta' dan il-memorandum intern kemm mal-*Management* innifsu kif ukoll mal-uffiċjali tal-MUT, fejn argumenta illi l-interpretazzjoni tagħhom tal-Ftehim Kollettiv tal-2012 huwa skorrett. Minħabba

li ma kienx sodisfatt bit-tweġibiet li ngħata, huwa ressaq l-ilment tiegħu lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni fl-aħħar ġurnata ta' ħidma qabel il-vaganzi tal-Għid tas-sena skolastika 2013 – 2014.

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni talab kemm ir-reazzjonijiet tal-ITS kif ukoll tal-MUT rigward l-argumenti miġjuba mill-persuna li ressaq l-ilment. L-awtoritajiet tal-ITS irrispondew billi sempliċiment ikkwotaw paragrafu 14.2 tal-Ftehim Kollettiv tal-2012 mingħajr ma għamlu ebda kummenti jew osservazzjonijiet ulterjuri dwar l-ilment innifsu. Min-naħa l-oħra, sad-data li fiha ħareġ dan ir-rapport, dan l-Uffiċċju baqa' ma rċeviex tweġiba mingħand l-uffiċjali tal-MUT anke wara li ntbagħtu *reminders* dwar dan.

**Osservazzjonijiet**

Il-qofol ta' dan l-ilment hu wieħed ta' interpretazzjoni. Il-*Management* tal-ITS spjegaw lill-persuna li ressaq l-ilment illi l-Ftehim Kollettiv tal-2012 jagħti lill-impjegati akkademiċi total ta' għaxart ijiem *leave* għall-perjodi tal-Milied u tal-Għid.  Huma sostnew illi l-impjegati akkademiċi setgħu jieħdu ħamest ijiem *leave* fil-Milied u ħamsa oħra fil-perjodu tal-Għid.  Min-naħa l-oħra, il-persuna li ressaq l-ilment saħaq illi l-impjegati akkademiċi huma intitolati għal total ta' għoxrin ġurnata *leave;* għaxra fil-perjodu tal-Milied u għaxra oħra fl-Għid.

Id-dikjarazzjoni mniżżla fil-memorandum intern tal-ITS ta' Diċembru 2013 li tgħid "… *the five days allotted for the Christmas period…*" ma tħalli ebda dubju dwar dak li l-*Management* tal-ITS kienu qablu max-*shop stewards* tal-MUT matul in-negozjati tal-Ftehim Kollettiv. Dan il-memorandum intern kompla jibni fuq il-prattika stabbilita fil-Ftehim Kollettiv tal-2007.

Qabel ma ressaq l-ilment tiegħu lil dan l-Uffiċċju, il-persuna li ressaq l-ilment talab kjarifika rigward din il-kwsitjoni mingħand il-President tal-MUT. It-tweġiba ta' dan tal-aħħar ma tantx għenet sabiex tiġi ċċarata din il-kontroversja. Huwa irrisponda hekk:

> *"Although I see your line of reasoning and it makes a lot of sense I beg to differ with this interpretation. The agreement is not perfect but the interpretation of this clause by the signatories, even those that preceded me, has always been the same and if we were to go to court and we had to testify we will have*

> *to say that the understanding was not the one you are putting forward."* [37]

Wara l-oġġezzjonijiet tal-persuna li ressaq l-ilment, huwa żied jgħid hekk:

> *"While I still see your point the wording in question does not say 10 x 10. You are interpreting it that way and yes it can be interpreted that way indeed. However, it can also be interpreted the exact opposite."* [38]

Din id-dikjarazzjoni fiha nfisha tagħti interpretazzjoni differenti u konfliġġenti għall-dak imniżżel fil-paragrafu taħt eżami, liema paragrafu huwa diġà ambigwu minnu nnifsu. F'waqt minnhom, il-President tal-MUT jaqbel mal-interpretazzjoni li ta l-persuna li ressaq l-ilment, u fl-istess waqt jgħid li l-istess provvediment jista' jiġi interpretat "*…the exact opposite.*"

Filwaqt li wieħed jista' jikkunsidra l-interpretazzjoni li ta l-persuna li ressaq l-ilment bħala waħda raġjonevoli, wieħed fl-istess ħin ma jistax jinjora prattika li ilha fis-seħħ waqt il-perjodi tal-Milied u tal-Għid ta' bejn l-2007 u l-2013. Punt ieħor ta' relevanza importanti huwa l-fatt illi ż-żewġ firmatarji tal-Ftehim Kollettiv qablu bejniethom dwar l-interpretazzjoni tal-paragrafu in kwistjoni (u *cioè* dik ta' ħamest ijiem *leave* fil-Milied u ħamsa oħra fil-perjodu tal-Għid) u applikaw din l-interpretazzjoni diversi drabi konsekuttivament. Min-naħa l-oħra tajjeb illi jkun innotat illi l-fatt li klawsola fi Ftehim Kollettiv tkun ripetutament interpretata bl-istess mod, dan ma jrendihiex neċessarjament waħda valida. Bl-istess mod allura, l-applikazzjoni żbaljata ta' provvediment għal numru ta' snin ma jiġġustifikax li din l-istess prattika għandha tibqa' għaddejja mingħajr ma tinbidel. Il-Ftehim Kollettiv huwa dokument li jorbot lill-firmatarji tiegħu, u fl-aħħar mill-aħħar huwa dak imniżżel fih u li għalih il-partijiet iffirmaw li jiddetermina l-applikazzjoni tiegħu.

Fl-opinjoni tiegħi, meta dak miktub fi provvediment ta' Ftehim Kollettiv ma jkunx ċar biżżejjed, għandhom ikunu l-istess firmatarji tal-Ftehim li jpoġġu flimkien u jindikaw bil-miktub dak li huma jixtiequ li jkun interpretat. Il-kitba ta' kull Ftehim għandha tkun ċara kemm jista' ikun u m'għandha tħalli ebda dubju dwar l-interpretazzjoni ta' ebda mill-provvedimenti mniżżla. Huwa inaċċettabbli li dokument ta' natura kontrattwali jkollu fih kliem jew klawsoli ambigwi.

37 *Email* datata 3 ta' April 2014 mingħand il-President tal-MUT lill-persuna li ressaq l-ilment.
38 *Email* datata 4 ta' April 2014 mingħand il-President tal-MUT lill-persuna li ressaq l-ilment.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**
F'dan il-każ, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni mexa fuq il-prassi tal-Ombudsman Parlamentari fejn jirrigwardaw interpretazzjonijiet ta' klawsoli ambigwi fi Ftehim Kollettiv. Il-Kummissarju m'huwiex f'pożizzjoni li jasal għad-deċiżjoni finali fuq kif għandu jkun interpretat Ftehim Kollettiv, li kif ingħad qabel, fih innifsu għandu l-karratteristiċi ta' kuntratt. Tali deċiżjoni tispetta l-Qrati ta' Malta. Il-Kummissarju, bħall-Ombudsman Parlamentari, jintervjeni f'każijiet meta dak miktub ikun ċar, iżda wieħed mill-partijiet ikun qiegħed jagħti interpretazzjoni manifestament irraġonevoli jew mhux plawsibbli, jekk mhux saħansitra interpretazzjoni skorretta ta' provvediment partikolari fi Ftehim Kollettiv. F'sitwazzjonijiet fejn dak imniżżel fil-Ftehim Kollettiv ikun meqjus ambigwu, l-Uffiċċju tal-Ombudsman jikkunsidra li din il-materja taqa' fl-ambitu tar-relazzjonijiet industrijali, li huwa l-aħjar lok fejn il-partijiet ikkonċernati jistgħu jirrisolvu l-kwistjoni. Dan huwa ċertament il-każ fl-ilment taħt eżami għaliex il-paragrafu 14.2 tal-Ftehim Kollettiv bejn l-ITS u l-MUT mhux ċar u jagħti lok għal interpretazzjonijiet diversi u konfliġġenti.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjoni, u partikolarment minħabba l-fatt li l-kitba tal-paragrafu in kwistjoni m'huwiex ċar, jien m'iniex f'pożizzjoni li ngħid jekk dak li saħaq il-persuna li ressaq l-ilment, u *cioè* illi n-numru ta' ġranet *leave* għandhom ikunu għaxart ijiem fil-Milied u għaxra oħra fl-Għid, hijiex l-aktar interpretazzjoni preċiża jew le. Din hija l-aktar prassi raġonevoli anke in kunsiderazzjoni tal-fatt illi ż-żewġ firmatarji tal-Ftehim Kollettiv in kwistjoni qablu dwar l-interpretazzjoni tal-paragrafu ikkonċernat. Huwa għalhekk li jien inħoss li m'inix f'pożizzjoni li nikkonkludi jekk l-interpretazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet tal-ITS hijiex waħda żbaljata jew jekk id-deċiżjoni tal-Istitut li jagħti ħamest ijiem ġranet *leave* fil-Milied u ħamsa oħra fl-Għid hijiex waħda inġusta jew le. B'riżultat ta' dan jien m'inix f'pożizzjoni li nsostni jew nirrifjuta dan l-ilment.

Minkejja dan, jien nirrakkomanda illi l-ITS u l-MUT għandhom jirrevedu din il-kwistjoni. Iż-żewġ partijiet għandhom jeżaminaw mill-ġdid il-kontenut tal-paragrafu 14.2 tal-Ftehim Kollettiv tal-2012 bil-għan li jrenduh aktar ċar u preċiż, ħieles minn kull ambigwità dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tiegħu. Waqt dan l-eżerċizzju, huma jistgħu jikkunsidraw ukoll il-paragrafi relevanti tal-Ftehim Kollettiv li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema akkademiċi fiż-żewġ istituzzjonijiet ta' studji ogħla tal-pajjiż, li huma l-Università ta' Malta u l-MCAST, dan aktar u aktar minħabba l-fatt illi l-MUT tirrappreżenta ukoll il-ħaddiema akkademiċi fi ħdan dawn iż-żewġ istituzzjonijiet.

Jien nirrakomanda bis-sħiħ li ż-żewġ naħat għandhom isolvu din il-kwistjoni sa Novembru 2014. B'hekk jagħtu ċans tajjeb lill-awtoritajiet tal-ITS biex ikunu jistgħu japplikaw interpretazzjoni aktar ċara tal-paragrafu 14.2 tal-Ftehim Kolletiv fil-vaganzi tal-Milied tal-istess sena.

**Eżitu tal-ilment**

Wara l-Opinjoni Finali tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-*Management* tal-ITS u l-MUT iltaqgħu u ikkunsidraw ir-rakkomandazzjoni tiegħu. Iż-żewġ partijiet qablu illi l-intenzjoni aħħarija tagħhom tal-interpretazzjoni ta' paragrafu 14.2 tal-Ftehim Kollettiv kienet dik illi l-ammont ta' ġranet *leave* kellu jkun dak ta' ħamest ijiem fil-Milied u ħamsa oħra fl-Għid. L-MUT għarrfet lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni u lill-membri tagħha dwar il-konklużjonijiet tad-diskussjonijiet tagħha mal-awtoritajiet tal-ITS.

**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru UO 0022**
**Università ta' Malta**

# Student b'diżabilità ta' tagħlim jitlob li l-Malti ma jibqax rekwiżit fiċ-ċertifikazzjoni tal-Edukazzjoni Sekondarja

*(Malti, Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja, diżabilità ta' tagħlim)*

**L-ilment**

Persuna[39] ressaq ilment kontra l-Università ta' Malta f'isem ibnu ta' ħmistax-il sena. Huwa lmenta li din l-Istituzzjoni kienet ċaħdet it-talba t'ibnu li jkun eżentat mir-rekwiżit tal-Lingwa Maltija fis-*Secondary Education Certificate (SEC)*. In-nuqqas ta' ħtieġa ta' Ċertifikat fil-Lingwa Maltija eventwalment kien iwassal sabiex ibnu jkun meqjus eleġibbli biex isegwi kors tal-għażla tiegħu fl-Università ta' Malta. Il-persuna li ressaq l-ilment iġġustifika t-talba tiegħu għal tali eżenzjoni fuq il-fatt illi ibnu jsofri minn *dyspraxia* u *dyslexia* ħafifa flimkien ma' diffikultajiet fl-attenzjoni. Ibnu jsofri ukoll minn *Lyme Disease,* li hu jsostni, hija l-kawża ewlenija tad-diżabilitajiet tiegħu fit-tagħlim. Fil-bidu, il-persuna li ressaq l-ilment argumenta illi d-diżabiltajiet ta' ibnu fit-tagħlim kienu tali li kien impossibli għalih li jitgħallem l-Ingliż u l-Malti fl-istess ħin. Iżda, wara li ibnu għadda mill-eżami tas-SEC fil-lingwa Ingliża, l-persuna li ressaq l-ilment dawwar l-argumentazzjoni tiegħu u beda jargumenta li l-lingwa Maltija kienet lingwa stranġiera għal ibnu.[40]

**Il-Fatti** [41]

Iben il-persuna li ressaq ilment huwa ta' nazzjonalita Maltija. Huwa ġej minn familja fejn il-lingwa Ingliża hija l-lingwa mitkellma d-dar. Il-persuna li ressaq l-ilment

39 Sabiex tiġi evitata referenza bla bżonn għall-pronomi maskili/femminili (bħal hi u hu), f'dan ir-rapport ser nirreferu għall-persuna li ressaq l-ilment fil-maskil, anke jekk mhux neċessarjament hu l-każ.

40 Ilment datat 26 ta' April 2014 u *email* mingħand il-persuna li ressaq l-ilment datata 19 ta' Awwissu 2014.

41 Qabel ippubblika din l-Opinjoni Finali, il-Kummissarju għall-Edukazzjoni bagħat kopja tas-sezzjoni *Il-Fatti* kemm lill-persuna li ressaq l-ilment kif ukoll liċ-Chairperson tal-ADSC. Huwa qies il-kummenti tagħhom waqt it-tfassil tiegħu ta' dan ir-rapport.

spjega kif l-isforzi ta' ibnu biex itejjeb il-ħiliet tiegħu fil-lingwa Maltija kollha sfaw fix-xejn. Fost l-isforzi tiegħu, iben il-persuna li ressaq l-ilment kien jattendi għal sessjonijiet ta' tagħlim fil-lingwa Maltija erba' siegħat fil-ġimgħa, liema sessjonijiet kienu jsiru fuq bażi individwali (*one to one sessions).* Hu kien ilu jattendi għal dawn is-sessjonijiet għal dawn l-aħħar seba' snin u dan apparti l-lezzjonijiet tal-Malti li hu kien ikollu l-iskola.[42]

Konvint mill-inabbiltà tat-tifel tiegħu li jitgħallem il-Malti, l-persuna li ressaq l-ilment talab lill-*University Access Disability Support Committee* (ADSC) biex teżenta lil ibnu mir-rekwiżit tal-Lingwa Maltija meta dan sussegwentement japplika biex isegwi kors *undergraduate* fl-Università ta' Malta, fejn l-għarfien tal-Malti ma jkunx kruċjali. Biex jissostanzja t-talba tiegħu, l-persuna li ressaq l-ilment hemeż mal-ilment tiegħu rapport psiko-edukazzjonali dettaljat (datat 1 ta' Diċembru 2012), rapport dwar it-terapija okkupazzjonali (datat Jannar 2013) u rapport ieħor mediku rigward il-marda *Lyme Disease* li minnha kien isofri ibnu.

Wara numru ta' testijiet, il-psikologu li kiteb ir-rapport psiko-edukazzjonali ikkonkluda illi: "[complainant's son]*'s difficulties are related to* ***Dyspraxia with mild Dyslexia and Attentional difficulties****."* Huwa kompla billi ssuġġerixxa illi:

> *"For the Matsec examinations the following is recommended:*
> - ***25% extra time***
> - ***Distraction free room***
> - ***Movement breaks****."* [43]

It-terapista okkupazzjonali ukoll għamel numru ta' testijiet lill-iben il-persuna li ressaq l-ilment. Huwa sab li dan kellu *vestibulo-proprioceptive processing* batut u għalhekk irrakkomanda illi waqt l-eżamijiet dan kellu jingħata ħin addizzjonali, waqtiet ta' serħan fejn hu jkun jista' jiċċaqlaq, ambjent ħieles minn kull distrazzjoni

42 L-għalliem tal-Malti li kien jgħallem lill-iben il-persuna li ressaq l-ilment privatament (dokument datata 8 ta Ottubru 2013) u s-Surmast tal-Kulleġġ fejn it-tifel tal-persuna li ressaq l-ilment kien jattendi fl-iskola sekondarja kkonferma din id-dikjarazzjoni. Dan tal-aħħar żied jgħid li l-istudent kien ukoll "… *attended informal Maltese sessions for 2 years as part of the extra curriculum programme."* (Ittra indirizzata *Lil Min Tikkonċerna* datata 7 Ottubru 2013).

43 Rapport psiko-edukazzjonali – minn Psikologu u Psikoterapista datat 17 ta' Diċembru 2012.

flimkien mal-assistenza ta' *prompter* u faċilitajiet ta' *word processing.*[44]

Fil-konklużjonijiet rispettivi tagħhom, kemm l-awtur tar-rapport psiko-edukazzjonali u kemm dak tat-terapija okkupazzjonali t-tnejn ma ħassewx illi iben il-persuna li ressaq l-ilment ma kienx kapaċi jitgħallem il-Malti jew li saħansitra kellu jkun eżentat mir-rekwiżit tal-Lingwa Maltija.

Il-Pro-Rettur għall-Istudenti u Affarijiet Istituzzjonali, li hija ukoll iċ-*Chairperson* tal-ADSC[45] wieġbet għat-talba ta' iben il-persuna li ressaq l-ilment kif ġej:

*"*

- *A Prompter will be provided to draw the candidate's attention back to the examination task when necessary.*
- *Extra time (25% of the allotted time) which may also be utilised as supervised rest breaks as necessary, will be given only during the* ***written*** *examinations.*
  *Note that extra time is not given in Mathematics Paper 1-Section A (non-calculator section), Art and Graphical Communication.*
- *Candidate's spelling mistakes will not be penalised in* ***non-language subjects.***
- *Arrangements will be made to accommodate the candidate in a quiet room."*[46]

Il-persuna li ressaq l-ilment aċċetta l-provvedimenti tal-ADSC iżda insista li ibnu kellu xorta waħda jkun eżentat mir-rekwiżit tal-lingwa Maltija meta jiġi biex jidħol l-Università. Fit-tweġiba tagħha, il-Pro-Rettur infurmat lill-persuna

44 Rapport dwar it-Terapija Okkupazzjonali miktub minn Terapista Okkupazzjonali datat Jannar 2013.

45 L-ADSC huwa kumitat appuntat mis-Senat tal-Università li huwa kompost minn akkademiċi speċjalizzati fil-qasam ta' diżabilitajiet abbinati mat-tagħlim u oqsma oħra. Il-Kumitat jikkunsidra u jiddeċiedi talbiet għall-arranġamenti speċjali minn studenti u impjegati waqt l-attendenza tagħhom fl-Università. Il-membri fi ħdan dan il-Kumitat huma ċ-*Chairperson*, li hija psikologa u l-Pro-Rettur għall-Istudenti u Affarijiet Istituzzjonali, espert mediku, żewġ psikologi edukazzjonali, psikologu speċjalizzat fl-organizzazzjoni li ilu bosta snin jaħdem fil-qasam tad-diżabilità, id-delegat tar-Rettur għad-Diżabilità li hija lingwista li tispeċjalizza fil-lingwa u d-diżabilità, u l-Assistent Reġistratur.

46 Ittra datata 14 ta' Jannar 2014 mingħand il-Pro-Rettur għall-Istudenti u Affarijiet Istituzzjonali lill-iben il-persuna li ressaq l-ilment.

li ressaq l-ilment illi l-ADSC kien irreveda mill-ġdid il-każ ta' ibnu anke fid-dawl tad-dokumentazzjoni u l-argumenti miġjuba quddiema minnhom il-ġenituri, iżda wara kunsiderazzjoni xierqa l-Kumitat kien tal-fehma illi d-deċiżjoni milħuqa qabel dwar il-każ kellha tinżamm l-istess. Il-Pro-Rettur kitbet hekk:

> *"The psychologist's report has provided enough evidence for* [complainant's son] *to qualify for SEC 2014 examination access arrangements. However, there is no evidence to accede to the request for* [complainant's son] *to be exempted from sitting for his Maltese O' level which constitutes part of the entry requirements for pursuing his studies at Junior College and subsequently also constitutes part of the entry requirements to pursue his studies at the University of Malta."* [47]

Fl-ittra tagħha lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni (iktar 'il quddiem ser issir referenza għalih bħala l-Kummissarju) li fiha fornietu bir-reazzjonijiet tagħha fuq l-ilment, il-Pro-Rettur ikkonkludiet illi:

> *"It is clear that* [complainant's son]*, as certified, has mild dyslexia and dyspraxia as well as attentional difficulties. He was given examination arrangements for these for the SEC examinations for this academic year.*
>
> *Mild dyslexia, dyspraxia and ADHD can in no way be considered to exempt* [complainant's son] *from the SEC Maltese entry requirement."* [48]

Wara li l-ADSC iddeċieda li ma jsostnix l-ilment ta' ibnu, il-persuna li ressaq l-ilment żamm diskussjoni fit-tul fuq it-telefon mad-Delegat tar-Rettur għad-Diżabilità fejn matula emfasizza l-validità tal-każ ta' ibnu. Wara li ma kienx sodisfatt bl-argumenti u l-konklużjonijiet tal-ADSC, huwa ressaq l-ilment tiegħu lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni. Dan tal-aħħar organizza laqgħa ma' uffiċjali tal-Università bil-għan li jitfa' dawl fuq il-limitazzjonijet fit-tagħlim li jġarrbu studenti li jbagħtu mid-*dsylexia* u *dyspraxia*. Waqt l-istess laqgħa ġie diskuss ukoll speċifikament il-każ ta' iben il-persuna li ressaq l-ilment. Is-segwenti huma l-Uffiċjali tal-Università li attendew għal din il-laqgħa flimkien mal-Kummissarju għall-Edukazzjoni:

47 Ittra datata 14 ta' April 2014 mill-Pro-Rettur lill-persuna li ressaq l-ilment.

48 Ittra datata 28 ta' Mejju 2014 mill-Pro-Rettur u *Chairperson* tal-ADSC lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni.

- Il-Pro-Rettur u *Chairperson* tal-ADSC;
- Ir-Reġistratur;
- Id-Delegat tar-Rettur dwar id-Diżabilità, li hija ukoll speċjalista tad-diżabilità relatata mat-tagħlim tal-lingwi;
- Il-Koordinatur tal-Fakultà tal-*Education Access Unit* (li aktar tard ser issir referenza għalih bħala l-ewwel konsulent mit-tlett konsulenti mqabbda mill-Kummissarju); u
- Il-Koordinatur tal-Fakultà tas-*Social Wellbeing's Disability Studies Unit* (li aktar tard ser issir referenza għalih bħala t-tieni konsulent mit-tlett konsulenti mqabbda mill-Kummissarju).

Kif intqal qabel, filwaqt li l-Pro-Rettur u d-Delegat tar-Rettur għad-Diżabilità it-tnejn huma membri fi ħdan l-ADSC, iż-żewġ Koordinaturi **m'humiex** membri tal-ADSC; huma jmexxu żewġ oqsma li l-għan tagħhom hu dak li jippromwovu u jissalvagwardjaw l-interessi ta' studenti bi bżonnijiet speċjali. Dawn l-oqsma huma totalment awtonomi u indipendenti mill-ADSC.

Il-grupp wasal għas-segwenti konklużjonijiet relevanti għall-każ taħt eżami:

> *"Children with dyslexia experience different degrees of difficulty with language, in particular with reading and writing. However, those with average (or above average) cognitive ability normally manage to overcome these difficulties sufficiently to learn language when they receive the appropriate support. In fact there are several students at university with dyslexia who cope well with their university course. Some of these are granted extra time for written examinations.*
>
> *Dyspraxia refers to difficulties with sensori-motor tasks and so does not prevent children from language learning though they experience various difficulties.*
>
> *…*
> *More specifically, … it should be stated that* [complainant]*'s certification refers to mild dyslexia. Children with dyslexia are seen on a continuum from very severe to mild. Children with mild dyslexia would never qualify as having the degree of difficulty on the basis of which one would be considered*

*for exemption from a second language were that to ever be considered. Nor can the case be made were it to include dyspraxia."* [49]

Il-membri kollha tal-grupp li attendew għal din id-diskussjoni *ad hoc* qablu illi dawn il-konklużjonijiet kellhom ikunu ukoll applikabbli għall-każ ta' iben il-persuna li ressaq l-ilment, u dan kien allura jfisser illi huwa kellu jkun fornut b'arranġamenti speċjali matul l-eżamijiet tiegħu tas-SEC u l-MATSEC. Huma qablu ukoll illi t-talba tal-persuna li ressaq l-ilment li ibnu jkun eżentat mir-rekwiżit tal-Lingwa Maltija meta jiġi biex jidħol l-Università ma kienetx waħda ġustifikata.

Il-grupp ikkunsidra ukoll illi l-letteratura mibgħuta mill-persuna li ressaq l-ilment biex jissostanzja l-ilment tiegħu ma kienetx waħda direttament relatata mal-każ ta' ibnu kif hu kien qiegħed isostni.

Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni talab ukoll l-opinjoni tat-tielet konsulent, espert rikonoxxut fil-qasam tad-*dyslexia* u *dyspraxia* fi ħdan l-i*Specific Learning Difficulties Service* tal-Ministeru għall-Edukazzjoni. Il-professjonista in kwistjoni xtarret bir-reqqa r-rapporti tal-psikologi li kienu eżaminaw iben il-persuna li ressaq l-ilment u li kitbu r-rapporti psiko-edukazzjonali u dak dwar it-terapija okkupazzjonali msemmija aktar 'il fuq. Il-kummenti tagħha kienu fuq l-istess linji ta' dawk milħuqa waqt il-laqgħa tal-grupp ta' speċjalisti *ad hoc* li saret refereza għalihom aktar 'il fuq. It-tielet konsulent tal-Kummissarju għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"We do have students who give up* [learning two languages] *even before starting but we are trying in as much as possible to work with parents and educators to make them aware that dyslexia does not imply that a child cannot progress and develop two languages adequately. In fact, schools for students with dyslexia in the UK normally demand that Secondary school students study two languages."* [50]

Aktar 'l isfel fir-rapport tagħha, hi żiedet tgħid illi:

*"The first issue to consider is whether a child with a learning difficulty can learn two languages concurrently. An overview of research suggests that learning*

49 Estratt mill-Minuti tal-laqgħa *ad hoc* li nżammet fit-22 ta' Mejju 2014.
50 *Email* mingħand il-konsulent tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni datata 28 ta' Lulju 2014.

*two languages was considered inappropriate for children encountering language difficulties and consequently such children were often restricted to learning only one language. However, recent research suggests that bilingual children with for example specific language impairment should be exposed to two languages like peers without SLI* [Specific Learning Impairment] *(see Paradis, Crago, Genesee, Rice, 2003; Paradis, 2007)".*

Fis-sessjonijiet tas-SEC li nżammu fis-Sajf 2014, iben il-persuna li ressaq l-ilment qagħad għall-eżami tas-segwenti tmien suġġetti mill-għaxar suġġetti li hu kien studja l-iskola u ġab dawn ir-riżultati:

| **Suġġett** | **Grad** |
|---|---|
| Matematika | 3 |
| Fiżika | 3 |
| Lingwa Ingliża | 3 |
| Ingliż Letteratura | 3 |
| Studji tal-Informatika | 3 |
| Reliġjon | 5 |
| *Environmental Studies* | 5 |
| *Accounts* | Ma ngħatax grad |
| Malti | Assenti |

Huwa għażel li ma jagħmilx l-eżami tal-Franċiż. L-ADSC żamm il-wegħda tiegħu u fornieh bl-arranġamenti speċjali għal waqt l-eżamijiet li kien wegħdu aktar qabel.

**Osservazzjonijiet**

Is-segwenti osservazzjonijiet huma maħsuba li jiċċaraw punti imporanti rigward dan il-każ:

i. M'huwiex ir-rwol tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni li jiddeċiedi rigward materji akkademiċi jew mediċi; tali rwol jispetta primarjament lill-uffiċjali tal-Università appuntati mis-Senat għal dan il-għan. Huwa normalment ma jindaħalx fid-deċiżjonijiet mittieħda minn korpi bħal ma huma l-ADSC jew l-*Admissions Board* sakemm ma jsibx li kien hemm evalwazzjoni żbaljata ta' kriterji oġġettivi, irregolaritajiet jew diskrepanzi ċari jew diskriminazzjoni impropja. Ir-responsabbiltà tiegħu hi dik li jassigura illi l-proċess li wassal għat-teħid ta' deċiżjoni kien wieħed ġust, ekwu, li mexa skont proċeduri approvati

u stabbiliti u li tali proċess kien ħieles minn kull diskriminazzjoni impropja. Hu ma jaġixxix bħala avukat ta' difiża la għall-persuna li jkun ressaq l-ilment u lanqas għall-istituzzjoni li kontriha jkun tressaq ilment. Hu jaġixxi bħala '*honest broker'* bil-għan li jipprova jsib soluzzjoni ekwa għall-partijiet kollha involuti. F'dan ir-rigward il-Kummissarju hu sodisfatt illi l-azzjonijiet tal-ADSC ttieħdu b'konformità mal-proċeduri stabbiliti u li dawn tmexxew b'mod ġust. Il-Kummissarju evita li jidħol fl-aspetti mediċi u edukazzjonali ta' dan l-ilment; l-ewwel nett għaliex m'għandux l-għarfien neċessarju fl-oqsma in kwistjoni u aktar importanti minn hekk għaliex hu m'għandux il-ġurisdizzjoni li jagħmel dan.

ii. Il-fatt illi l-maġġoranza tal-membri fuq il-bordijiet u l-kumitati tal-Università huma impjegati tal-istess Istituzzjoni ma jfissirx neċessarjament illi huma abitwalment u inevitabbilment jiddeċiedu favur l-Istituzzjoni li magħha jaħdmu, irrispettivament minn jekk il-persuna li jressaq l-ilment jew l-appellant ikollux raġun jew le. Bl-istess mod lanqas ma jfisser illi dawn huma mistennija li jappoġġjaw deċiżjonijiet meħuda mill-kollegi tagħhom. Għalhekk ikun żbaljat jekk wieħed jikkonkludi jew saħansitra anke jassumi illi l-esperti u l-konsulenti avviċinati mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni biex jitfgħu dawl fuq l-ilment taħt eżami awtomatikament u/jew inevitabbilment appoġġjaw il-veduti u l-konklużjonijiet tal-membri tal-ADSC. Għall-kuntrarju wieħed għandu jaċċetta l-prinċipju illi bħala professjonisti responsabbli huma jaġixxu b'integrità, sew fl-interess tal-istudenti, ir-reputazzjoni tal-istituzzjoni li jaħdmu fi ħdanha kif ukoll għall-kredibbilità tagħhom infushom bħala speċjalisti fl-oqsma ta' kompetenza in kwistjoni. Barra minn hekk, il-membri tal-Università għandhom ukoll ir-responsabbiltà illi jissalvagwardjaw l-interessi tal-komunità in ġenerali billi jassiguraw illi l-kwalifiki u ċertifikati maħruġa mill-Università ta' Malta jkunu validi u ta' min joqgħod fuqhom. Dan il-prinċipju m'għandux ikun interpretat li jfisser illi wieħed għandu jqis kull deċiżjoni u konklużjoni meħuda minn bordijiet u kumitati tal-Università bħala waħda infallibbli. Dan lanqas ma għandu jfisser illi tali deċiżjonijiet għandhom jiġu aċċettati mill-ewwel mingħajr il-possibilità li wieħed jikkontesthom jew li saħansitra għandhom jiġu aċċettati fil-għama mingħajr il-ħtieġa ta' kontabilità. Kull meta jkun hemm dubju, tali deċiżjonijiet għandhom ikunu mistħarrġa f'ambitu ta' rispett u fiduċja reċiproka. F'dan il-kuntest allura, wieħed ma jistax jikkunsidra s-suspetti tal-persuna li ressaq l-ilment bħala ġustifikati meta dan tenna illi

wieħed m'għandux joqgħod fuq il-koklużjonijiet tal-konsulenti avviċinati mill-Kummissarju sempliċiment għaliex dawn huma impjegati tal-Università.

iii. L-Università ta' Malta fasslet il-kwalifiki tas-SEC u l-MATSEC fuq il-kunċett ta' *'all-rounded matriculated student'*. Tali studenti huma mistennija li jkunu kompetenti kemm fil-lingwa Maltija, kif ukoll f'dik Ingliża, tal-ewwel bħala l-ilsien nazzjonali tagħhom, u t-tieni bħala lingwa internazzjonali, li hija ukoll it-tieni lingwa uffiċjali tal-pajjiż. Dawn l-istudenti huma mitluba wkoll li jkunu profiċjenti fil-Matematika, is-*Systems of Knowledge* kif ukoll f'taħlita ta' suġġetti relatati mal-Arti u x-Xjenza. L-Università ta' Malta tħoss illi huwa essenzjali illi l-istudenti futuri tagħha jkollhom dawn il-kompetenzi u għarfien u dan bi preparazzjoni għall-programmi *undergraduate* li hi toffri, irrispettivament minn jekk il-kandidati involuti jqisux is-suġġetti rikjesti bħala relatati mal-istudji futuri tagħhom jew le. Wieħed jinnota illi s-soċjetà Maltija kollha kemm hi tapprova dawn ir-rekwiżiti, liema rekwiżiti l-Kamra tar-Rappreżentanti għażlet li tinkorporhom fl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327). L-iStatut 1.2 intitolat Suġġetti Obbligatorji għad-Dħul jgħid hekk:

*"Il-Malti u l-Ingliż ikunu suġġetti obbligatorji għad-dħul għall-korsijiet ta' gradi u diplomi tal-Università.*

*Iżda s-Senat ikun jista' b'regolamenti jħalli li kandidati b'ċirkustanzi speċjali joffru suġġetti oħrajn minflokhom."*

Kien għalhekk illi, konxja tar-restrizzjoni tal-użu u t-tagħlim tal-lingwa Maltija li huwa limitat għal dawn iż-żewġ komunitajiet ta' gżejjer żgħar, klawsola 7 ta' Taqsima B (Skeda II) – Regolamenti u *Byelaws* tal-Att dwar l-Edukazzjoni tipprovdi alternattivi għar-rekwiżit tal-Malti. Din tgħid hekk:

***"7. Suġġetti Alternattivi Obbligatorji f'Ċirkostanzi Speċjali***

*7.1 Il-Bord tad-Dħul jista', fiċ-ċirkostanzi speċjali u bil-kundizzjonijiet imsemmija hawn taħt, jippermetti li kandidat joffri suġġett ieħor minflok il-Malti,kif ġej:*

*(a) Jista' jħalli kandidat li mhux Malti joffri minflok il-Malti l-lingwa tiegħu.*

(b) *Jista' jħalli kandidat Malti li, minħabba li kien jgħix jew jistudja barra minn Malta għal perijodu sinjifikattiv fl-aħħar erba' snin, ma rċeviex tagħlim xieraq fil-Malti, joffri minflok dak is-suġġett lingwa oħra jew suġġett ieħor"*

Il-persuna li ressaq l-ilment enfasizza kemm fil-petizzjonijiet tiegħu kif ukoll verbalment lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni li l-familja tiegħu mhux biss tapprezza iżda saħansitra tappoġja l-ħidma tal-Università biex tissalvagwardja l-lingwa Nazzjonali. Huwa jsostni kif ħu ibnu l-kbir kiseb iċ-ċertifikat tas-SEC fil-Malti u dan minkejja l-fatt li ftit tax-xhur qabel kien sarlu intervent kirurġiku f'moħħu. Huwa jargumenta illi kif l-Università tirrinunzja l-ħtieġa tal-ilsien Malti f'ċerti każijiet identifikati aktar 'il fuq, hekk l-istess għandha tagħmel f'każijiet ta' studenti b'kundizzjonijiet mediċi simili għal dak ta' ibnu. Ta' min wieħed jinnota iżda illi, la l-Att dwar l-Edukazzjoni u lanqas il-*Byelaws* tal-Università ma jipprovdu għal tali eċċezzjonijiet għall-kandidati b'diżabilitajiet fit-tagħlim. Fil-fatt, il-linji gwida tal-*Access Arrangements* tal-Università, Sezzjoni 5.5 tgħid hekk:

*"Currently, students who are Maltese citizens are expected to have advance literacy skills in English and Maltese. These requirements are stated in the entry requirements which include SEC passes in both languages."*[51]

Huwa għalhekk raġonevoli li wieħed jikkonkludi illi meta l-awtoritajiet konċernati għaddew biex jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom, huma għamlu dan b'responsabbiltà u ddeċidew li ma jippermettux eżenzjonijiet fuq bażi ta' ġustifikazzjonijiet mediċi u akkademiċi validi. Ċertament illi ma imponewx ir-rekwiżit tal-lingwa Maltija biex b'xi mod jiddiskriminaw kontra persuni b'diżabilità jew biex b'xi mod ieħor jagħmluhielom aktar diffiċli biex isegwu kors Universitarju. Għalhekk jien ma nqisx bħala ġustifikabbli l-argumenti tal-persuna li ressaq l-ilment meta dan argumenta illi b'din id-deċiżjoni ibnu kien imċaħħad mid-dritt Fundamentali tal-Bniedem għall-Edukazzjoni jew li nkisrulu d-drittijiet tiegħu skont l-Att ta' Malta dwar id-Diżabilità. Iben il-persuna li ressaq l-ilment għandu d-dritt għall-Edukazzjoni terzjarja f'Malta kemm-il darba hu jissodisfa ċerti kundizzjonijiet, inkluż li jgħaddi mill-eżami tas-SEC fil-Malti. L-esperti rispettivi fil-qasam tad-diżabilità abbinata mat-tagħlim jisħqu li huwa kapaċi jikseb dan. L-argument tal-persuna li ressaq

51 L-*Access Arrangements (2013)* tal-Università ta' Malta Sezzjoni 5.5 *'Access arrangements cannot bypass the requirement for literacy competence'.*

l-ilment illi l-Universitajiet barranin ma jinkludux ir-rekwiżit tal-Lingwa Maltija fir-regolamenti tagħhom tad-dħul huwa irrelevanti.

L-Univeristà tappunta l-akkademiċi bħala membri fuq il-bordijiet u l-kumitati tagħha a bażi tal-kompetenza tagħhom fil-qasam, liema kompetenza huma jakkwistaw minn studji ulterjuri, riċerka u esperjenza. Huma jibqgħu kompetenti fl-oqsma in kwistjoni billi jżommu rwieħhom aġġornati mal-qari u s-sejbiet l-aktar riċenti fl-oqsma tagħhom ta' interess. Qiegħda ssir referenza għal dan il-punt minħabba l-fatt illi l-persuna li ressaq l-ilment insista mal-Kummissarju li kemm hu kif ukoll l-akkademiċi li huwa kkonsulta għandhom jaqraw dokumenti jew kapitli speċifiċi minn kotba, li hu jħoss li jissostanzjaw l-argumenti tiegħu. Il-Kummissarju fil-fatt għadda wieħed mid-dokumenti mibgħut mill-persuna li ressaq l-ilment kemm lill-konsulenti tiegħu kif ukoll liċ-*Chairperson* tal-ADSC u lid-Delegat tar-Rettur għad-Diżabilità. Madanakollu huwa għamel hekk b'eżitazzjoni kbira. L-ewwel nett hu kien ċert illi l-akkademiċi in kwistjoni kienu aġġornati fir-riċerka tagħhom u m'għandhomx bżonn lilu jew lil xi ħadd ieħor biex jirreferihom għal-letteratura relevanti. Barra minn hekk, apparti mil-letteratura seminali fil-qasam, ħafna mid-dokumenti huma speċifiċi fis-suġġett, dan ifisser illi s-sejbiet u l-konklużjonijiet milħuqa ma' grupp wieħed ta' studenti jew individwi mhux bilfors huma applikabbli għal grupp differenti ta' studenti jew individwi.[52] Il-ħames akkademiċi lkoll qablu li jevalwaw id-dokument mibgħut lilhom mill-Kummissarju, u dan għamluh biex juru r-rieda tagħhom li jikkunsidraw kull aspett ippreżentat mill-persuna li ressaq l-ilment. Il-Pro-Rettur u d-Delegat tar-Rettur għad-Diżabilità stqarrew illi d-dokument ippreżentat mill-persuna li ressaq l-ilment kien jitratta firxa ta' diżabilitajiet fit-tagħlim apparti mid-*dyslexia* u d-*dyspraxia*, li ma kienux neċessarjament relatati mal-kundizzjonijiet speċifiċi ta' ibnu. Huma saħqu illi:

> *"… the article by … is on children with Specific Learning Impairment which is a group far wider than children with dyslexia and does not usually include children with dyspraxia. Moreover, one cannot make a case on the basis of*

52 L-istess argument japplika għall-parir li l-persuna li ressaq l-ilment ta lill-Università ta' Malta meta dan talabha biex timxi fuq l-eżempju tal-Università Nazzjonali tal-Irlanda, li teżenta r-rekwiżit tal-Lingwa Irlandiża għall-istudenti li ma jistgħux ilaħħqu mas-suġġett. Il-punt tiegħu m'huwiex tenibbli minħabba li l-użu tal-lingwa Irlandiża fl-Irlanda m'huwiex paragunabbli mal-użu tal-Malti f'dawn il-Gżejjer.

*one article alone, particularly one referring to SLI.”* [53]

It-tieni konsulent tal-Kummissarju stqarr illi huwa qara d-dikjarazzjoni taċ-*Chairperson* tal-ADSC u tad-Delegat tar-Rettur u ikkonferma li hu jaqbel mal-kontenut tagħha u li ma kellu xejn aktar xi jżid.

L-ewwel konsulent tal-Kummissarju kiteb hekk:

> *“This study does not suggest at any time that these results should lead to an advice to drop a second language. In another study, Genesee (2009) show that “Evidence on children with specific language impairment, admittedly rather limited at this time, suggests that … these children can acquire functional competence in two languages at the same time, within the limits of their impairment. Therefore, children with specific language impairment living in families where knowing two, or more, languages are useful and important, should be given every opportunity to acquire two languages”. Paradis (2010) show that children with SLI learning two languages at the same time do not demonstrate any greater difficulties in their two languages, as compared to monolingual children with SLI. So Genesee (2009) insists that children with SLI can still be bilingual if they are given continuous and regular exposure to both languages to ensure their complete acquisition.”* [54]

Hu kompla jispjega li dan l-istudju sar primarjament fost tfal immigranti fl-Olanda, sitwazzjoni li m’hijiex komparabbli ma’ dik ta’ iben il-persuna li ressaq l-ilment li jgħix f’Malta. Huwa ikkonkluda illi l-artiklu in kwistjoni b’ebda mod ma jiġġustifika t-talba tal-persuna li ressaq l-ilment li ibnu jkun eżentat mir-rekwiżit tal-Lingwa Maltija meta dan japplika biex jidħol l-Università.

It-tielet konsulent tal-Kummissarju li huwa pijunier fil-qasam tad-*dyspraxia*, id-*dyslexia* u l-edukazzjoni f’Malta, kiteb fuq l-istess linji. Huwa ikkumenta u kiteb hekk:

53 Ittra mingħand il-Pro-Rettur għall-Istudenti u Affarijiet Istituzzjonali u d-Delegat tar-Rettur għad-Diżabilità lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni, datata 17 ta’ Ġunju 2014.

54 *Email* mingħand l-ewwel konsulent tal-Kummissarju indirizzata lill-Kummissarju għall-Edukazzjoni, datata 17 ta’ Lulju 2014.

> *"As has long been established children with a profile of dyslexia generally do encounter difficulties with the development of reading and writing skills. Experience has also shown that while some pupils encounter excessive difficulties with English others might encounter more outstanding difficulties with Maltese. Nonetheless, evidence indicates that both languages can develop adequately especially in response to structured, cumulative and sequential teaching.*
>
> …
>
> *Moreover, unpublished data (SpLD* [Special Learning Difficulties] *Service) indicates that students encountering mild to moderate dyslexia have been able to develop appropriate competence in each of the two languages provided that they are given appropriate opportunities and adequate support and have moved on to obtain the necessary qualifications."*[55]

Huwa ovvju għalhekk illi l-artikli li għamel referenza għalihom il-persuna li ressaq l-ilment ma ipperswadewx lit-tlett esperti fid-diżabilità biex jibdlu l-opinjonijiet u l-konklużjonijiet tagħhom fuq il-każ.

Il-persuna li ressaq l-ilment qatta' dawn l-aħħar għoxrin xahar jew aktar jipprova jipperswadi uffiċjali tal-Università sabiex jeżentaw lill-ibnu mir-rekwiżit tal-lingwa Maltija għad-dħul tiegħu fl-Università. Matul dawn it-tentattivi, il-familja tiegħu kellha l-appoġġ tal-Kap tal-iSkola kif ukoll tal-psikologu tal-istess skola fi ħdan il-Kulleġġ fejn jattendi binhom. Mill-banda l-oħra, huwa kien qiegħed kontinwament jiċħad l-opinjonijiet ta' esperti lokali fil-qasam tal-bżonnijiet speċjali u edukazzjoni. Ta' valur akbar huwa l-fatt illi l-persuna li ressaq l-ilment kien qiegħed jinjora għal kollox in-nuqqas ta' rakkomandazzjoni biex ibnu jkun eżentat mir-rekwiżit tal-Lingwa Maltija, u dan kemm fir-rapport psikoedukazzjonali ippreżentat mill-psikologu kif ukoll fir-rapport ippreżentat mit-terapista okkupazzjonali. Abbażi ta 'dawn ir-rapporti, it-tielet konsulent tal-Kummissarju, li studja ż-żewġ dokumenti bir-reqqa, rrapporta hekk:

> *"Given that* [complainant's son] *is a child of 'above average intelligence' who has scored well on the English locally standardised tests and on the Bartolo Test of single word reading, and keeping in mind that he is only encountering 'mild dyslexia' it is my opinion that* [complainant's son] *could cope with*

55 Kummenti tat-tielet konsulent tal-Kummissarju, datati 28 ta' Lulju 2014.

> *the development of the two languages to acceptable levels. It is evident that the basics are already in place for* [complainant's son] *to continue to extend literacy in each of the two languages even though this might present more challenges than it would to other students of his age."*[56]

Fl-aħħar komunikazzjoni tiegħu (datata 19 ta' Awwissu 2014), il-persuna li ressaq l-ilment saħaq b'qawwa akbar minn qatt qabel illi d-diżabilità tat-tifel tiegħu oriġinat mil-*Lyme disease* li minnha hu kien isofri u li għaliha kien għadu qiegħed jirċievi t-trattament. Huwa ssostanzja t-talba tiegħu permezz ta' ittra mingħand Professur f'dan il-qasam, li kiteb hekk:

> *"This patient is positive for Borrelia Burgdorferi (Lyme Disease) by PCR, confirmed by DNA Sequencing. … He is currently being treated by IV antibiotics and other medications.*
>
> *It is highly likely that he has had this infection for a very long time. It is a well-known fact that long-term, chronic Lyme Disease causes neurological damage which often leads to learning disabilities in young patients."*[57]

Wieħed jinnota kif l-esperti tal-edukazzjoni u d-diżabilità lokali aċċettaw il-fatt li t-tifel tal-persuna li ressaq l-ilment għandu diżabilitajiet fit-tagħlim, iżda min-naħa l-oħra, l-istess esperti persistentement enfasizzaw li tali diżabilitajiet ma jwaqqfuhx milli jitgħallem il-lingwa Maltija. Wieħed jinnota wkoll illi lanqas saħansitra l-Professur ċitat aktar 'il fuq ma jgħid li d-diżabilitajiet ta' iben il-persuna li ressaq l-ilment jipprevenuh milli jitgħallem il-Malti.

**Konklużjoni**

Wieħed jammira l-perseveranza u d-determinazzjoni tal-persuna li ressaq l-ilment fl-aspirazzjoni tiegħu li jelimina l-ostakli kollha li jistgħu b'xi mod ifixklu lil ibnu milli jsegwi l-forma ta' edukazzjoni li jixtieq. Din l-istima hi akbar meta wieħed jikkunsidra illi hu kien qiegħed jagħmel dawn l-isforzi fi żmien meta fil-familja tiegħu kien hemm problemi ta' saħħa serji. Fl-istess ħin wieħed ma jistax jinjora d-deċiżjoni tal-Università li tonora u timxi skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti

56 *Ibid.*

57 Ċertifikat Mediku, datat 13 ta' Awwissu 2014, minn Professor Emeritus fil-qasam tal-Psikoloġija u l-Mediċina, Direttur Mediku fi ħdan il-*Himmunitas Foundation,* Brussel, Belġju.

meta dawn ikunu leġittimi u raġonevoli. L-inklużjoni tal-lingwa nazzjonali bħala wieħed mis-suġġetti meħtieġa minn ċittadini Maltin li jkunu jixtiequ jsegwu kors Universitarju *undergraduate* tifforma parti mill-obbjettiv tal-Istituzzjoni li l-għan tagħha huwa li jkollha studenti ħolistiċi fi ħdanha. Il-Kamra tad-Deputati ta' Malta approvat dan l-objettiv meta inkorporatu fl-Att dwar l-Edukazzjoni ikkwotat aktar 'il fuq.

Hi l-funzjoni tal-Bord li jirregola d-Dħul fl-Università kif ukoll tal-*Access Disability Support Committee* li jiddeċiedu fuq applikazzjoni ta' eċċezzjonijiet. It-tnejn li huma enfasizzaw il-fatt li ebda wieħed minn dawn l-eċċezzjonijiet ma jinkludu r-rinunzja tar-rekwiżit fil-lingwa Maltija għall-kandidati li jsofru minn *dyslexia* u/jew *dyspraxia* u/jew diffikultajiet ta' attenzjoni. Huma jagħmlu dan fuq evidenza valida li turi li tali eżenzjonijiet ma jkunux meħtieġa.

L-ADSC ikkunsidra l-każ ta' iben il-persuna li ressaq l-ilment u reġa' ikkunsidrah mill-ġdid meta l-persuna li ressaq l-ilment appella mill-ewwel deċiżjoni. Id-Delegat tar-Rettur għad-Diżabilità spjegat fid-dettall lill-persuna li ressaq l-ilment ir-raġunijiet li wasslu lill-Kumitat għad-deċiżjoni tiegħu fuq il-każ. Bażikament il-Kumitat ibbaża r-raġunament tiegħu fuq il-fatt illi m'hemm ebda evidenza konvinċenti li turi li persuni li jsofru minn *dyspraxia, dyslexia* u diffikultajiet relatati mal-attenzjoni ma jistgħux jistudjaw u joqogħdu għall-eżamijiet b'suċċess f'żewġ suġġetti relatati mal-lingwa fl-istess waqt jew inkella f'suġġett li jitqies bħala lingwa barranija għall-istudent ikkonċernat. Fil-fatt riċerka internazzjonali li saret f'dan il-qasam tissostanzja l-prassi u l-esperjenza tal-Università ta' Malta li turi li dawk l-istudenti li ngħataw arranġamenti speċjali simili għall-arranġamenti mogħtija lil iben il-persuna li ressaq l-ilment kisbu riżultati sodisfaċenti kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż. Dawn il-punti ġew ukoll saħansitra ikkonfermati ulterjorament mit-tliet konsulenti maħtura mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni, li tnejn minnhom jgħallmu l-Università u huma indipendenti mill-ADSC waqt li t-tielet konsulent huwa espert stabbilit fil-qasam tad-diżabilità fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Ta' sinifikat akbar huwa l-fatt illi ż-żewġ psikologi innominati mill-familja tal-persuna li ressaq l-ilment innifisha biex jevalwaw l-abbiltajiet u d-diżabilitajiet relatati mat-tagħlim ta' binhom, it-tnejn li huma irrakkomandaw li dan kellu jingħata arranġamenti speċjali matul l-eżamijiet iżda fl-istess waqt ħadd minnhom ma tenna li hu għandu jiġi eżentat mir-rekwiżit tal-lingwa Maltija għad-dħul tiegħu fl-Università.

Fid-dawl ta' dak imniżżel hawn fuq, l-Opinjoni Finali tiegħi hija li l-Università ta' Malta trattat il-każ ta' iben il-persuna li ressaq l-ilment b'mod ġust. L-awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-Università ikkunsidraw dan il-każ b'reqqa kbira u taw widen għall-argumenti kollha miġjuba quddiemhom mill-persuna li resssaq l-ilment. Il-proċess li wassal għat-teħid tad-deċiżjoni fuq il-każ kien ħieles minn irregolaritajiet, diskriminazzjoni jew xi xorta oħra ta' malamministrazzjoni. Il-proċess kien trasparenti, ġust u ekwu u kompatibbli mal-liġijiet u regolamenti tal-Università. Sa fejn din l-investigazzjoni setgħet tivverifika, id-deċiżjoni tal-ADSC kienet ibbażata fuq l-aktar riċerka kurrenti fil-qasam. Minħabba f'hekk jien m'inix f'pożizzjoni li nsostni dan l-ilment.

**Rakkomandazzjoni**

Iben il-persuna li ressaq l-ilment jinsab biss sentejn bogħod mid-dħul tiegħu fl-Università. Huwa improbabbli ħafna illi l-Università tbiddel ir-rekwiżit tagħha tal-ilsien Malti matul dan il-perjodu, jekk qatt dan ser jiġi ikkunsidrat.

Għalhekk, jien nirrakkomanda li iben il-persuna li ressaq l-ilment għandu jikkunsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu fuq il-kwistjoni. Hu għandu jagħmel sforz ġdid biex jegħleb dan l-ostaklu li jista' jfixxklu milli jilħaq l-objettivi tiegħu li jistudja fi ħdan l-Università ta' Malta. Bl-għajnuna ta' għalliem bl-esperjenza u bl-appoġġ tal-familjari tiegħu, hu għandu jasal biex jilħaq l-għan tiegħu li jġib grad tajjeb fl-eżami tal-lingwa Maltija, l-istess kif irnexxielu jakkwista fis-suġġetti l-oħra tas-SEC li huwa għamel dan is-Sajf.

**Eżitu tal-ilment**

Il-persuna li ressaq l-ilment ma qabilx mal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissarju għall-Edukazzjoni fir-rigward tal-ilment tiegħu. Hu irrefera l-ilment tiegħu lill-Ombudsman Parlamentari li bħalissa qiegħed jirrevedi l-każ.

# Każijiet investigati mill-Kummissarju għas-Saħħa



**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru HO 0014**
**Dipartiment tas-Saħħa**

# Talba għall-ħlas ta' spejjeż imħallsa għall-kura barra minn Malta

*(trattament barra, marda terminali, kumpens)*

**L-ilment**
Pazjent li nstab li qiegħed ibati minn tumur rari fil-moħħ talab l-għajnuna tal-Ombudsman biex jitħallas tal-ispejjeż li kien għamel meta mar biex jingħata kura barra minn Malta. Il-familja tal-pazjent kienet ġiet informata li lokalment ma setax jingħata kura effettiva u li lanqas setgħet issirlu operazzjoni. L-awtoritajiet tas-saħħa talbu parir mingħand kirurgi fi sptarijiet speċjalizzati ġewwa Londra u dawn kienu tal-istess fehma.

Il-pazjent u l-familja tiegħu ma setgħux jaċċettaw din is-'sentenza ta' mewt' u bdew ifittxu u jagħmlu riċerki biex jaraw jekk jeżistux għażliet alternattivi barra minn xtutna. Irnexxielhom jidentifikaw sptar fil-Ġermanja li kien jittratta b'suċċess każijiet simili. Eventwalment, il-pazjent u l-familja tiegħu telgħu l-Ġermanja minn buthom u ħallsu għall-operazzjoni.

Il-persuna li ressqet l-ilment insistiet li għalkemm tifhem li ċertu trattament speċjalizzat ma jistax ikun disponibbli f'Malta, madanakollu għandu jkun hemm sistemi li f'ċertu ċirkostanzi l-pazjenti jkunu jistgħu jingħataw assistenza. Hu jsostni li wieħed mid-drittijiet bażiċi tal-bniedem huwa d-dritt għall-ħajja. Sussegwentement talab lid-Dipartiment tas-Saħħa biex iħallsu tal-ispejjeż li ħareġ biex jingħata l-kura. It-talba tiegħu ġiet miċħuda u għalhekk ressaq ilment lill-Ombudsman. L-Ombudsman aċċetta li jinvestiga l-kwistjoni u irrefera l-każ lill-Kummissarju għas-Saħħa.

**Il-fatti**

Il-Kummissarju mill-ewwel talab il-kummenti tal-awtoritajiet tas-Saħħa dwar dan il-każ. Wara diversi skambji ta' korrispondenza dwar dan l-ilment id-Dipartiment informa lill-Kummissarju li kien ġie deċiż li minħabba li l-kura kienet ingħatat f'istituzzjoni privata, d-dipartiment kien ser jirrifondi l-ammont li trattament simili jiswa fis-settur pubbliku.

Il-pazjent kien iddiżappuntat bl-ammont li kien lest li jħallas d-Dipartiment tas-Saħħa, għaliex dan kien ferm anqas mis-somma li kien ħallas hu. Fil-fatt l-ammont ta' rifużjoni kien ilaħħaq biss l-14% tal-ispejjeż li l-familja ħallset għall-kura. Il-familja tal-pazjent ilmentat mal-Kummissarju li fiċ-ċirkostanzi tagħhom ma kellhomx alternattiva għajr li jirrikorru għall-kura barra minn Malta u din kienet l-unika raġġ ta' tama li kien fadlilhom.

Il-Kummissarju talab lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa sabiex jikkummenta dwar dan il-każ u biex jiċċaralu diversi punti. Il-Kummissarju tenna li ladarba l-awtoritajiet tas-saħħa kienu iddeċidew li ma kien ser isir ebda intervent min-naħa tagħhom, u l-pazjent kien ingħata biss ftit ġimgħat ħajja, il-pazjent ma jistax jingħata tort li għamel ħiltu biex isib kura alternattiva barra minn Malta u fil-fatt irnexxielu jsib. Il-Kummissarju spjega ukoll li ladarba d-dipartiment kien ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-parir li ngħata mill-Ingilterra u fuq il-fatt li l-ħlas għat-trattament mill-Gvern ma kienx ġie approvat la mit-*Treatment Abroad Advisory Committee* u lanqas mill-*EU Cross Border Directive* il-pazjent ma kellu ebda triq oħra milli jfittex kura fis-settur privat.

Il-Kummissarju irrapporta li skont il-familja tal-pazjent, il-kundizzjoni ta' din il-persuna kienet tjiebet b'mod konsiderevoli. Għaldaqstant issuġġerixxa lid-dipartiment li jitlob lill-konsulenti lokali li jagħmlulu rapport dwar il-kundizzjoni tal-pazjent u jikkomparaw l-istat tiegħu kif kien qabel u ma kif ġie issa wara l-operazzjoni. B'dan il-mod id-dipartiment ikun ivverifika l-progress li għamel il-pazjent.

Is-Segretarju Permanenti wieġeb billi ta spjega kif kienu waslu għall-ammont li d-dipartiment ta lill-pazjent. Hu qal li dak l-ammont kien ekwivalenti għall-ħlas li tali proċedura kirurġika tiswa lill-Gvern meta din issir fin-*National Health System* tal-Ingilterra fi ħdan l-istrutturi tal-Ftehim Bilaterali bejn iż-żewġ pajjiżi. Għalhekk

l-awtoritajiet tas-saħħa baqgħu jinsistu li l-ammont li irrifondew lil dan il-pazjent kien korrett.

**Aktar investigazzjoni**

Il-Kummissarju ressaq din il-kwistjoni quddiem ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta (ECR) u talabhom il-parir tagħhom. Min-naħa tagħhom l-ECR irreferew dan il-każ lill-*Health Care System Unit* u lid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u Sikurezza Alimentari fi Brussell. Fit-tweġiba tagħhom it-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u Sikurezza Alimentari tal-Kummissjoni Ewropea informaw lill-Kummissarju li l-persuna ikkonċernata kellha tieħu ħsieb li jkollha awtorizzazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet tas-Saħħa u dan biex tkun tista' tħallas dirett għat-trattament li tkun ser tirċievi. Mill-banda l-oħra jekk il-pazjent ikun ħallas hu direttament għat-trattament li jkun ingħatalu, l-ispiża għandha tkun tlaħħaq mal-benefiċċji li hemm stipulati bil-liġi. Din il-liġi tistabbilixxi l-limiti u r-rati ta' dawn il-benefiċċji u taħt liema kundizzjonijiet jistgħu jsiru l-ħlasijiet għall-ispejjeż.

**Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

Il-Kummissarju informa lill-*complainant* li d-Dipartiment tas-Saħħa kien ikkonfermalu li ma kienx possibbli li jingħata xi ħlas ieħor barra minn dak li kien diġà ingħatalu. Lill-*complainant* informah ukoll li kien ivverifika mar-regolamenti tal-Unjoni Ewropea fejn Regolament (EC) Nru 883/2004 jgħid hekk:

*i)* Article 19(1) – treatment shall be provided *"in accordance with the provisions of the legislation it applies"* i.e. as if the treatment was being carried out in Malta.

*ii)* Article 20 – the person concerned *"…shall seek authorisation from the competent institution"* so that the local institution – in this case the Department of Health – shall bear the cost of the scheduled treatment.

*iii)* Article 25(B)(4) states that if the person concerned *"has actually borne the costs" "the costs correspond to those benefits within the limits of and under the conditions of the reimbursement rates laid down in its legislation"*

*iv)* Article 27(4) – the cost of the treatment shall be that which the institution (Department of Health) would have incurred had the

> treatment been given *"state of residence"* i.e the expenses that would have been incurred had the treatment been given in Malta.

Wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni l-fatt illi għalkemm il-*complainant* ma kienx talab minn qabel l-approvazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, dan xorta waħda ngħata lura ħlas li huwa ekwivalenti għall-ammont li dan it-trattament kien iqum lill-Gvern li kieku sar fl-Ingilterra, u li l-ispiża tiegħu hija akbar minn dak li jqum trattament f'Malta.

Għaldaqstant f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissarju stabbilixxa li d-Dipartiment tas-Saħħa kien mexa b'mod korrett u għalhekk it-talba għall-ħlas tal-ispejjeż kollha għall-kura li ngħatat barra minn Malta, ma tistax tiġi sostnuta.

**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru HO 0038**
**Dipartiment tas-Saħħa**

# Karta tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea - Ċittadini Ewropej li m'humiex Maltin iħossu li qed jiġu diskriminati

*(Karta tal-Assigurazzjoni tal-EU, diskriminazzjoni, validità)*

**L-ilment**
Persuna ta' nazzjonalità barranija li kienet qed tgħix f'Malta u li kienet ċittadina Ewropeja iżda mhux Maltija, ilmentat mal-Ombudsman li ż-żmien kemm il-Karta tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropeja (EHIC) iddum valida m'huwiex l-istess għall-Maltin u l-barranin. Din il-persuna saħansitra ħasset li d-Dipartiment tas-Saħħa kien qiegħed jagħmel preferenza ma' min huwa ċittadin Malti. Dan għaliex il-*complainant* allega li l-istess Karta tal-Assigurazzjoni (EHIC) għal Maltin kienet valida għal ħames snin filwaqt li għaċ-ċittadini l-oħra Ewropej kienet għal sena. L-Ombudsman assenja l-każ lill-Kummissarju għas-Saħħa sabiex jinvestigah. Il-*complainant* allega wkoll li d-dipartiment konċernat kien naqas milli jagħtih tweġiba.

**Il-fatti**
Il-Kummissarju irrefera dan il-każ lid-Dipartiment tas-Saħħa u ġibdilhom l-attenzjoni dwar l-allegata diskriminazzjoni. Id-Dipartiment wieġeb li mill-verifiki tagħhom ħareġ li kien hemm żball dwar in-nazzjonalità tal-persuna in kwistjoni. Madanakollu, id-Dipartiment kien qed jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jassigura li ma jerġgħux iseħħu inċidenti simili.

Il-Kummissarju informa lill-*complainant* bil-fatt li din il-kwistjoni kienet issa riżolta u talab lill-*complainant* biex jagħmel kuntatt mad-dipartiment konċernat biex tinbidillu l-Karta tal-EHIC. Il-*complainant* ikkonferma li l-Karta tiegħu kienet ġiet mibdula, madanakollu talab li jixtieq li l-proċedura użata fil-każ tiegħu tiġi riveduta u li jiġi assigurat li tassew kien biss żball u mhux att ta' diskriminazzjoni lejn iċ-ċittadini Ewropej barranin.

**Aktar investigazzjoni**
Il-Kummissarju aċċetta t-talba tal-*complainant* li jkompli jistħarreġ aktar fid-dettal dwar dan il-każ u talab il-kummenti tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa. Min-naħa tiegħu, is-Segretarju Permanenti informa lill-Kummissarju li d-Direttorat għall-*Health Care Funding* kien irreveda l-proċess dwar l-ħruġ tal-Karti tal-EHIC u li l-membri kollha ta' din it-taqsima kienu ngħataw it-taħriġ meħtieġ. Tenna ukoll li din il-Karta li qed issir referenza għaliha kienet qed tinħareġ skont kif tipprovdi l-*policy*, li din tkun valida għal sena għal dawk il-persuni li l-Karta tal-Identità tagħhom tispiċċa bl-ittra 'A'.

Wara li dan l-Uffiċċju rċieva t-tweġiba tas-Segretarju Permanenti, il-Kummissarju talab li jsir reviżjoni tal-proċess dwar il-ħruġ tal-EHIC billi jsir tibdil fil-*policy* li qed tiġi adottata meta jinħarġu l-Karti lill-persuni li huma ċittadini tal-Unjoni Ewropeja. L-istess drittijiet li huma applikabbli għaċ-ċittadini Maltin għandhom jiġu addottati għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropeja.

Il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa, permezz tas-Segretarju Permanenti tiegħu wieġeb illi l-perjodu kemm tibqa' valida l-Karta tal-EHIC tvarja bejn l-Istati Membri u din titħalla fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri individwali. Biex jissostanzjaw l-argument tagħhom il-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa irrefera għall-'*Artikolu 3.1 - Perjodu ta' Validità*' tal-linji gwida dwar il-ħruġ tal-EHIC mid-Direttorat tal-Impieg, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni tal-Kummissjoni Ewropeja. Is-Segretarju Permanenti spjega li l-ħsieb wara l-fatt li l-EHIC tinħareġ valida għal sena waħda hija għaliex ħafna miċ-ċittadini Ewropej għandhom mobbilità qawwija minħabba raġunijiet ta' xogħol, u din hija xi ħaġa li tiġi esperjenzata fl-Unjoni Ewropeja kollha. Għaldaqstant, din il-prassi tintuża biex jitnaqqas ir-riskju li individwu li jkun mar jaħdem fi Stat Membru ieħor ma jibqax kopert bil-Karta tal-EHIC maħruġa minn Malta.

**Kunsiderazzjonijiet u konklużjoni**
Wara l-kjarifika tal-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa, il-Kummissarju informa lill-*complainant* bl-ispjegazzjoni tas-Segretarju Permanenti u ikkonkluda li f'dan il-każ ma kienx hemm la diskriminazzjoni u lanqas amministrazzjoni ħażina.

Madanakollu, il-*complainant* xorta waħda baqa' jinsisti bl-argument tiegħu li hu bħala ċittadin tal-Unjoni Ewropeja li ma kienx ta' nazzjonalità Maltija kien qiegħed jiġi diskriminat.

Il-Kummissarju talab li jingħata parir mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropeja f'Malta dwar dan il-każ. Hu talab li jkollu l-kummenti ta' din il-Kummissjoni dwar il-fatt li għalkemm kif kien spjegalu d-Dipartiment tas-Saħħa, kull Stat Membru kellu d-dritt li jiddeċiedi dwar il-perjodu ta' validità tal-EHIC, din id-deċiżjoni ma' tagħtix id-dritt lid-Dipartiment tas-Saħħa li jiddistingwi bejn ċittadin Malti u ċittadini oħra Ewropej.

Ir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropeja f'Malta irreferiet il-każ liċ-Ċentru tas-SOLVIT. Dan iċ-Ċentru jifforma parti min-*Network* li huwa mifrux mal-Unjoni Ewropeja li huwa koordinat mill-Kummissjoni Ewropeja. Il-funzjoni tiegħu hija li jirrisolvi problemi li jħabbtu wiċċhom magħhom ċittadini Ewropej u stabbilimenti kummerċjali.

Iċ-Ċentru tas-SOLVIT ivverifika dan il-każ mal-istess Ċentru li jinsab fil-pajjiż nattiv tal-*complainant*. L-informazzjoni li kiseb kien li din id-differenza fil-validità tal-Karta tal-EHIC jista' ikun li tmur kontra Artikolu 18 tat-*Treaty of Functioning of the EU* (TFEU). Id-Dipartiment tas-Saħħa ġie mgħarraf b'din l-informazzjoni mogħtija miċ-Ċentru SOLVIT.

**L-eżitu**

Wara li saret din ir-rakkomandazzjoni, id-Dipartiment tas-Saħħa informa lill-Kummissarju li kienet ittieħdet deċiżjoni mill-Ministeru li l-validità tal-EHIC għaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropeja ġiet ugwali għal dik maħruġa liċ-ċittadini Maltin.

Għaldaqstant, il-Kummissarju informa lill-*complainant* li mill-1 ta' Jannar 2015, l-EHIC ser tkun valida għal ħames snin anke għal dawk il-persuni li m'humiex Maltin imma huma ċittadini tal-Unjoni Ewropeja.

**Rapport fil-qosor dwar Każ Nru HO 0064**
**Dipartiment tas-Saħħa**

# Salarju ta' konsulent miżmuma għal sitt xhur

*(salarju, kuntratt, tiġdid)*

**L-ilment**

Konsulent kirurġiku ressaq ilment lill-Ombudsman fejn allega li għalkemm kien talab diversi drabi li jingħata raġuni għaliex il-paga tiegħu baqgħet miżmuma għal aktar minn sitt xhur, id-Dipartiment tas-Saħħa baqa' ma wieġbux.

L-Ombudsman irrefera l-każ lill-Kummissarju għas-Saħħa biex jinvestiga din il-kwistjoni.

**Il-fatti**

Il-Kummissarju talab spjegazzjoni mingħand id-Direttorat għall-Kura tas-Saħħa Primarja u dawn informawh li għalkemm dan il-Konsulent kien qiegħed jagħti servizz f'Ċentru tas-Saħħa, l-impieg tiegħu kien ikkunsidrat bħala estensjoni tal-Isptar Mater Dei (MDH), għaldaqstant is-salarju tiegħu kellu jinħareġ mill-Isptar Mater Dei.

Dwar din is-sitwazzjoni l-Kummissarju ivverifika mal-Kontrollur Finanzjarju tal-Isptar Mater Dei. Dan informah li min-naħa tiegħu hu ma jistax jirregolarizza l-qagħda tal-konsulent qabel ma jingħata kopja tal-kuntratt iffirmat bejn l-imsemmi konsulent u d-Dipartiment tas-Saħħa, xi ħaġa li kienet għadha ma saritx.

Għaldaqstant il-Kummissarju kompla jistħarreġ u għamel kuntatt mad-Direttur tar-Riżorsi Umani fid-Dipartiment tas-Saħħa fejn ħareġ ċar li dan tal-aħħar ma kienx konxju minn din il-problema. Biex tkompli tagħqad il-Kummissarju skopra ukoll li d-dokumenti meħtieġa la kienu għadhom ma ntbagħtu lill-Kummissjoni dwar is-Servizzi Pubbliku (PSC) u lanqas lill-*Public Administration Human Resources Office* (PAHRO), u għaldaqstant kollox kien jinsab wieqaf.

Barra minn hekk il-Kummissarju sab ukoll li l-*complainant* ma kienx l-uniku wieħed f'din is-sitwazzjoni imma kien hemm tmien konsulenti oħra li kienu fl-istess ċirkustanzi.

Il-Kummissarju ressaq din il-kwistjoni lill-PSC sabiex jikkonferma li d-Dipartiment tas-Saħħa kien għamel it-talba b'mod formali. Is-Segretarju Eżekuttiv tal-PSC ikkonferma li din it-talba kienet saret. Wara li saret laqgħa bejn il-PSC u l-Kummissarju għas-Saħħa, il-Kummissarju ġie informat li l-Kummissjoni kienet approvat it-tiġdid tal-kuntratti tal-konsulenti. Minnufih il-Kummissarju reġa' avviċina lid-Direttur tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Saħħa, li min-naħa tiegħu ikkonfermalu li kien beda l-proċess biex jinħareġ il-pagament dovut u anke biex jiġi iffirmat il-kuntratt.

Madanakollu, ftit ġimgħat wara l-*complainant* ikkuntattja lill-Kummissarju fejn għarrfu li għalkemm kien irċieva parti mill-arretrati, il-kuntratt kien għadu ma ġiex iffirmat. Fil-fatt il-*complainant* kellu ukoll oġġezzjoni dwar kif inħadmu l-arretrati għaliex mal-pagament ma kienx ingħata spjegazzjoni ta' kif id-Dipartiment wasal għall-ammont totali li kien tħallas.

Il-Kummissarju reġa' irrefera l-kwistjoni lill-awtoritajiet tas-saħħa u talab li tittieħed azzjoni immedjata. Ftit żmien wara, il-*complainant* kiteb għal darb'oħra lill-Kummissarju u għarrfu li kien irċieva l-kuntratt iżda iddikjara li hu ma kienx ser jiffirmah għaliex dan ma kienx skont dak maqbul bejn il-Gvern u l-Assoċjazzjoni Medika ta' Malta (MAM). Skont hu dan il-ftehim kien jistipula remunerazzjoni akbar minn dak imsemmi fil-kuntratt li ġie offrut lilu.

Għaldaqstant il-Kummissarju talab li jingħata kopja ta' dan il-ftehim li sar bejn il-Gvern u l-MAM biex ikun jista' jivverifika eżattament x'kien hemm stipulat. Wara l-Kummissarju talab li b'mod urġenti d-Dipartiment tas-Saħħa jagħtih ir-reazzjoni tiegħu dwar il-kwistjoni.

**L-eżitu**

Wara xhur ta' skambju ta' korrispondenza bejn il-Kummissarju għas-Saħħa u d-Dipartiment tas-Saħħa l-kwistjoni ġiet riżolta. L-awtoritajiet tas-Saħħa informaw lill-Kummissarju li wara li kienu saru diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-MAM ġie deċiż li kif provdut fil-ftehim bejn il-Gvern u l-MAM il-konsulenti irtirati kellhom jitħallsu skont ma kien jistipula l-ftehim.

Il-Kummissarju ser jibqa' isegwi dan il-każ sabiex jassigura li l-ħlas xieraq jingħata u li l-kuntratt ta' xogħol ikun iffirmat.

**Rapport fil-qosor dwar każijiet relatati mal-kura tal-Epatite C**
**Dipartiment tas-Saħħa**

# Il-pazjenti li jbatu mill-Epatite huma intitolati għal mediċini b'xejn

*(Mediċini b'xejn, Att dwar is-Sigurtà Soċjali, formularju tal-gvern)*

**L-ilment**

Numru ta' pazjenti li jbatu bl-Epatite Ċ ilmentaw mal-Ombudsman li kienu qed jiġu mċaħħda mill-kura għall-kundizzjoni serja tagħhom għaliex l-awtoritajiet tas-saħħa kienu qed jonqsu milli jipprovdu dan it-trattament minħabba limitazzjonijiet finanzjarji. Dan anke meta din il-kundizzjoni hija mniżżla fil-Parti II tal-Ħames Skeda tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

L-Ombudsman Parlamentari irrefera l-każ lill-Kummissarju għas-Saħħa sabiex jiġi investigat.

**Il-fatti**

Il-Kummissarju għas-Saħħa talab spjegazzjoni dwar dan il-każ lill-awtoritajiet tas-saħħa. L-ewwel korrispondenza bejn il-Kummissarju u l-Uffiċjal Mediku Ewlieni (CMO) tmur lura għall-2012. Dak iż-żmien dan l-Uffiċjal kien iddikjara li kienu saru l-*Health Technology Assessments* għal mediċini li jintużaw għall-kura tal-Epatite B u Ċ. Is-CMO kien informa ukoll lill-Kummissarju li l-provvediment ta' dawn il-mediċini seta' biss isir meta l-Formularju tal-Gvern u l-*Advisory Committee* jirrakkomandaw li jiġi introdott dan it-trattament.

Fix-xhur ta' wara baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet u l-korrispondenza bejn il-Kummissarju u l-awtoritajiet tas-saħħa dwar dan il-każ. Għalkemm il-kura kienet ġiet inkluża fi Frar tal-2012 fil-lista reveduta tal-Ħames Skeda tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, sentejn wara l-pazjenti li kienu intitolati li jirċievu din il-kura b'xejn kienu għadhom mingħajr din il-mediċina.

Għalkemm kienu għaddew sentejn minn meta ttieħdet id-deċiżjoni Parlamentari, id-Dipartiment tas-Saħħa minħabba raġunijiet finanzjarji, kien għadu ma ħa ebda passi biex ikollu l-provvista tal-mediċina meħtieġa disponibbli biex tittratta din il-kundizzjoni.

Fl-2012 l-unika kura indikata għal din il-kundizzjoni medika kienet stmata li tiswa madwar €18,000 għal kull pazjent, u l-aktar kura riċenti li hija rakkomandata *(Harvoni regime)* u li għandha l-potenzjal li toffri 95% ta’ fejqan, tqum madwar €75,000 għal kull pazjent.

**Kunsiderazzjonijiet oħra**

Il-Konsulenti ta’ tnejn mill-pazjenti li jbatu mill-kundizzjoni tal-Epatite speċifikaw li aktar mal-pazjenti jdumu ma jingħataw il-kura, aktar ikunu gravi l-konsegwenzi. Wieħed minn dawn il-pazjenti għandu wkoll l-emofilija u minħabba li xi tletin sena ilu, kien ingħata prodotti kontaminati minn demm li kien ġie importat mid-Dipartiment tas-Saħħa kien ittieħed bl-Epatite Ċ. Il-Konsulent tiegħu iċċertifika li fil-fehma tiegħu, mil-lat kliniku jirrakkomanda li l-pazjent jingħata din il-kura kemm jista’ ikun malajr għaliex dan ser ikollu impatt fuq is-saħħa tiegħu. Jekk jonqos li jieħu l-kura meħtieġa dan kien ser iwassal biex il-funzjoni tal-fwied tmur għall-agħar u jkun jinħtieġ aktar kura li tkompli tgħarraqlu l-istat tal-ħajja tiegħu.

F’każ ieħor il-konsulent iċċertifika li minħabba li l-pazjent kien ibati bit-talassemija għandu jitqies li m’huwiex tolleranti għar-*Ribavirin*. Fl-opinjoni tiegħu, il-pazjent kellu jingħata kura mir-reġim tal-Harvoni mingħajr ir-*Ribavirin*, għaliex kien hemm ċans tajjeb li jekk jiġi eliminat il-virus il-kundizzjoni tal-fwied tiġi stabilizzata, u b’hekk tonqoslu l-probabbiltà li jiżviluppawlu komplikazzjonijiet li jista’ jwassal għal bżonn ta' trapjant jew xi interventi li l-ispejjeż tagħhom huma għoljin.

Il-Kummissarju talab li jingħata opinjoni mingħand espert dwar il-fatt li 20% tal-pazjenti li jbatu mill-Epatite Ċ jekk ma jiġux ikkurati setgħu jiżviluppaw komplikazzjonijiet li jwasslu għal nuqqas ta’ funzjoni tal-fwied jew kanċer. Uħud minn dawn il-komplikazzjonijiet jeħtiegu trapjant tal-fwied flimkien ma’ mediċina li tingħata wara t-trapjant biex dan l-organu ma jiġix rifjutat - minbarra l-fatt li l-ħajja ta’ dawn il-pazjenti tkun f’riskju kbir.

Minn aktar stħarriġ il-Kummissarju irriżultalu li sal-aħħar tal-2014 kien hemm 35 pazjent li kienu jeħtieġu b'mod urġenti l-kura l-ġdida. Din il-kura kienet tlaħħaq spiża ta' madwar €2,600,000.

Ta' min wieħed jinnota li għalkemm kien hemm probabbiltà kbira li, li kieku kellha tiddaħħal il-kura l-ġdida, dan fit-tul kien iwassal għal iffrankar konsiderevoli, minħabba li din il-kura tipprevjeni milli jkun hemm aktar komplikazzjonijiet serji, li għalihom tkun meħtieġa aktar kura u għaldaqstant twassal għal spiża akbar meta mqabbla ma' dak li kien qed jiġi iffrankat, dan l-Uffiċċju m'huwiex f'qagħda li jkun jaf realment kemm jista' jiġi iffrankat li kieku l-pazjenti ma jkunux jeħtieġu trapjant tal-fwied u l-mediċina li jkollhom bżonn wara t-trapjant sabiex l-organu ma jiġix riġettat.

Dan l-Uffiċċju ikkunsidra l-fatt li ladarba l-Parlament kien iddeċieda, fl-2012, li jagħti tama ġdida lill-pazjenti li jbatu mill-Epaptite Ċ, l-awtoritajiet tas-saħħa ma kienux qed jaġixxu b'mod korrett meta ma kellhomx din il-kura disponibbli minħabba raġunijiet ta' finanzi.

**Kunsiderazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Il-Kummissarju għas-Saħħa ikkonkluda li kontra dak li kienu qed isostnu l-awtoritajiet tas-saħħa, il-pazjenti kienu eliġibbli sabiex jingħataw mediċini b'xejn skont ma jipprovdi l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Li pazjenti jiġu mċaħħda minn dan id-dritt huwa nuqqas ta' ġustizzja li jeħtieġ li tiġi rimedjata.

Il-Kummissarju irrakkomanda li meta jsir tibdil fil-leġislazzjoni applikabbli għandu jiġi assigurat li dawn ikunu ċari u li jkun hemm ċertezza legali dwar id-drittijiet tal-persuni li jkunu intitolati li jirċievu mediċini b'xejn. It-tibdil għandu jassigura li r-regolamenti/*policies*/protokolli li jsiru mill-awtoritajiet kompetenti li jiddeterminaw, jillimitaw u jagħmlu l-kundizzjonijiet meħtieġa dwar min għandu d-dritt li jkun intitolat li jingħata l-mediċini b'xejn, għandhom il-*vires* neċessarji skont il-liġi.

Barra minn hekk, u dan l-aspett huwa aktar importanti, dawn ir-regolamenti għandhom mhux biss jirriflettu kelma b'kelma dak li huwa espress fl-Att dwar is-Sigurta Soċjali imma l-ispirtu li bih tnedew dawn ir-regolamenti permezz tar-rappreżentanti tal-poplu fil-Parlament. L-Att dwar is-Sigurtà Soċjali ġustament

jimponi fuq is-soċjetà taxxa kontributorja li hija obbligatorja u dan għall-benefiċċju tal-ġid komuni. Dan joħloq kuntratt soċjali fejn il-persuni li huma eliġibbli, jingħataw b'liġi dak li huma intitolati għalih iżda dan jimponi ukoll fuq l-Istat l-obbligu li jipprovdihom. Il-kunsiderazzjonijiet fiskali u ekonomiċi fl-immaniġġjar tal-fondi disponibbli għandhom l-għan ewlieni li jassiguraw li l-persuni l-aktar fil-bżonn, li jbatu minn mard u kundizzjonijiet li huma serji u ta' periklu għall-ħajja jingħataw il-kura essenzjali meħtieġa – l-aktar fis-sezzjonijiet vulnerabbli tas-soċjetà.

Il-Kummissarju għandu l-ħsieb li jekk din il-problema ma tiġix riżolta fix-xhur li ġejjin, ser jibgħat ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Prim Ministru u jirreferi dawn il-każijiet sabiex jiġu evalwati mill-Kumitat dwar is-Saħħa fi ħdan il-Kamra tad-Deputati, skont is-setgħat mogħtija mill-i*Standing Order* 1203.

# Każ investigat mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar



**Rapport fil-qosor fuq Każ Nru EM0043**
**MEPA**

# Nuqqas ta' applikazzjoni xierqa tal-*policies*

**L-ilment**
Fit-3 ta' Settembru 2010 l-Uffiċċju tal-Ombudsman irċieva ittra mingħand il-*complainant* dwar allegat nuqqas ta' applikazzjoni xierqa tal-*policies* meta ġew deċiżi applikazzjonijiet għall-ippjanar fis-siti ta' ħdejh.

L-ilment ġie riferut lill-Uffiċjal Awditur tal-MEPA li beda jinvestigah. Ladarba l-investigazzjoni ma tlestietx sakemm skada t-terminu tal-mandat tiegħu fl-1 ta' Awwissu 2012, skont l-Artikolu 6(2) tal-Att XVII tal-2010 il-każ għadda f'idejn il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar.

Fl-2009, il-*complainant* bħala sid ta' proprjetà issottometta applikazzjoni lill-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar għall-iżvilupp. L-applikazzjoni kienet għal tibdil u estensjoni ta' bini li jinsab ir-Rabat, biex il-proprjetà tinqasam f'żewġt' idjar separati. L-applikazzjoni kienet approvata fl-istess sena.

**X'jirriżulta mill-fatti**
Il-bini oriġinali kien inbena permezz ta' permess maħruġ fl-1969. L-iżvilupp kopert b'dan il-permess kien jinkludi żewġ residenzi oħra barra dik tal-*complainant*. Fil-fatt l-iżvilupp approvat dak iż-żmien kien juri li kien hemm bitħa komuni fuq in-naħa ta' wara, li kienet ukoll isservi biex tagħti dawl u arja lir-residenzi ta' ħdejha. Ma kien jidher l-ebda ħajt diviżorju f'dawn il-pjanti.

Fil-pjanti approvati tal-permess tal-2009 kien hemm indikat li fil-pjan terran kien hemm ħajt diviżorju għoli tmien filati. Parti mill-proprjetà ta' ħdejha wkoll kienet tidher fuq dawn il-pjanti fejn kienu jidhru l-aperturi li jagħtu għall-bitħa.

Madanakollu, fl-ewwel pjanti li ġew sottomessi ma' din l-applikazzjoni din l-informazzjoni ma kenitx hemm. Mill-istħarriġ tal-*file* dwar dan il-każ ħareġ li meta dan ġie ipproċessat u sar abbozz tad-*Development Permit Application Report* (DPAR), il-*file* ntbagħat lis-*Senior Engineering Officer* (SEO) u dan tal-aħħar talab lill-applikant biex jagħti aktar informazzjoni.

Wara li saret din it-talba ġew preżentati pjanti ġodda. Is-SEO approva l-aħħar disinji sottomessi u sussegwentement l-applikazzjoni ġiet approvata.

Fl-2011 id-Direttorat talab lit-Taqsima tal-Infurzar li tispezzjona d-daqs tal-bitħa f'bini li għalih ġie sottomess il-permess tad-*Development Notification* u jivverifika wkoll id-daqs tal-bitħa l-oħra li tmiss magħha. Din tal-aħħar kienet il-bitħa tal-bini tal-*complainant*.

Wara li saret l-ispezzjoni u r-rapport tal-Uffiċjal tal-Infurzar, is-SEO kien mitlub mid-Direttorat sabiex jagħti parir jekk kienx il-każ li dan il-permess jiġi revokat skont l-Artikolu 77 tal-Att dwar l-Ippjanar.

Is-SEO talab lill-applikant għal aktar informazzjoni u dan wassal biex saret applikazzjoni ta' *Minor Amendment* li ġiet sottomessa u approvata f'Ġunju 2011. Din l-applikazzjoni għal *Development Notification* (DN) talbet speċifikament approvazzjoni biex jogħla l-istess ħajt tal-appoġġ.

Wara li saret l-ispezzjoni mill-Uffiċjal tal-Infurzar irriżulta li l-informazzjoni dwar il-bitħa interna ma kinitx korretta u ttieħdet azzjoni sabiex tiġi revokata l-applikazzjoni tad-DN skont it-termini tal-Artikolu 77 tal-Att dwar l-Ippjanar.

Wara diskussjonijiet fit-tul mill-Bord tal-MEPA, fl-aħħar ġie deċiż li l-permess tad-*Development Notification* kellu jibqa' fis-seħħ.

Fl-2012 il-*complainant* issottometta talba lill-Bord tas-Servizzi Ġenerali (*General Services Board* (GSB)) biex il-każ jiġi rivedut. Fit-tweġiba tiegħu l-GSB approva d-deċiżjoni li jiżdied l-għoli tal-ħajt.

**Osservazzjonijiet**
Il-każ iqajjem ħafna punti interessanti. L-ewwel wieħed jikkonċerna l-impożizzjoni ta' kundizzjoni li tillimita l-għoli ta' parti minn ħajt komuni li jissepara ż-żewġ proprjetajiet.

Dwar dan il-punt l-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar intalbet tagħti l-veduti tagħha. Fit-tweġiba tagħha l-MEPA qalet hekk:

> *"… neither the Planning Directorate nor the Development Control Commission imposed any 'condition or limitation'. Rather, it was the architect himself who stated a fact, that is, a party wall of 8 courses."*

Il-Kummissarju irrimarka li dan ma kienx korrett għaliex il-'*condition*' jew '*limitation*' kien li l-għoli massimu jkun tmien filati kif ġie impost mis-SEO.

Minbarra hekk, il-fatti kif ġraw jindikaw li wara li l-applikazzjoni ġiet proċessata u d-DPAR irrakkomanda li tiġi approvata, il-*file* għadda għand is-SEO li talab għal aktar informazzjoni. Wara l-intervent tas-SEO il-pjanti ġew riveduti u ġiet inkluża fihom il-frażi li l-ħajt in kwistjoni ikun ta' tmien filati għoli. Din il-frażi ma kenitx inkluża fil-pjanti oriġinali. Għalhekk kienet loġika li wieħed jikkonkludi li din il-limitazzjoni ġiet imposta bħala kundizzjoni mis-SEO.

Filwaqt li t-tqassim skont il-pjan kien li l-bitħa jkollha wisa' ta' 1.5 metri li kien biżżejjed minħabba li din kienet tinfed mal-bitħa ta' wara, meta l-bini estenda aktar lura dan għalaq l-ispazju kompletament u ifforma bitħa interna. Skont ir-regolamenti tas-sanità bitħa interna għandu jkollha tal-inqas wisa' ta' 1.8 metri.

Għaldaqstant ma kienx possibbli li dan l-iżvilupp kif propost jiġi approvat mis-SEO, sakemm ma ssirx limitazzjoni fuq il-ħajt tal-ġenb biex jipproteġi d-dawl u l-arja tal-bitħa interna l-ġdida.

Din il-kundizzjoni madanakollu ma kenitx imniżżla fil-permess bħala limitazzjoni speċifika. B'riżultat ta' dan ma kienx hemm mezz kif tiddaħħal *constraint* dwar il-limitazzjoni li naturalment kienet taffettwa d-drittijiet għal żvilupp tal-proprjetà ta' ħdejha li kienet ta' terzi.

It-tieni kwistjoni kienet b'konsegwenza tal-ewwel waħda. Ladarba hija ċara li din il-limitazzjoni fl-għoli kienet mitluba mis-SEO sabiex tippermetti li tiġi approvata l-wisa' tal-bitħa, jista' din il-kundizzjoni tkun meħtieġa mill-MEPA mingħajr att notarili kif titlob il-liġi?

Oriġinarjament iż-żewġ btieħi fil-ġenb kienu ħaġa waħda. Fil-fatt fil-pjanti approvati tal-permess tal-1969 ma kienx jidher li kien hemm ħajt diviżorju f'nofs il-bitħa. Għalhekk dak iż-żmien ma kien hemm bżonn ta' ebda att notarili. Huwa ċar li sakemm ġiet approvata l-applikazzjoni tal-2009 meta din ġiet sottomessa u proċessata, il-bini kien inqasam f'żewġ residenzi, u dan kien ifisser li kien meħtieġ kunsens mingħand il-ġar ta' ħdejh qabel ma jtella' il-ħajt għal tmien filati.

Il-Kummissarju iddikjara li l-permess ma kellux jiġi approvat u lanqas jinħareġ mingħajr l-att notarili kif titlob il-liġi. Il-MEPA kienet responsabbli għal dawn in-nuqqasijiet fl-ipproċessar għaliex il-limitazzjoni imposta fuq l-għoli tal-ħajt:

a) ma kenitx imdaħħla bħala kundizzjoni speċifika fil-permess;
b) ma kienx hemm att notarili li jikkonferma li l-ġar ta l-kunsens tiegħu biex tinżamm din il-limitazzjoni tal-għoli; u
ċ) ma ddaħlitx *constraint* li tinġibed l-attenzjoni tal-*Case Officer* f'kull applikazzjoni sussegwenti dwar dan il-ħajt.

Għalhekk ġara li meta l-Avviż għall-iżvilupp (DN) ġie sottomess, dan kien ipproċessat indipendentement mill-permess li ġie maħruġ lill-proprjetà ta' ħdejh. Il-*Case Officer* ma kienx mgħarraf b'dan il-fatt tal-limitazzjoni tal-ħajt li kien jifred iż-żewġ btieħi. B'riżultat ta' dan il-*complainant* ipprotesta għall-permess maħruġ li kien jippermetti li l-ħajt jiġi mgħolli.

**Aktar kummenti**

Mill-istħarriġ irriżulta li l-informazzjoni li ngħatat dwar il-wisa' tal-bitħa kienet żbaljata u dan wassal biex is-*Sanitary Engineering Officer* ikkummenta li kieku l-qisien vera kienu mogħtija fl-applikazzjoni, din kienet tiġi rifjutata.

Is-SEO kompla jispjega li l-bitħa interna kienet ġiet approvata b'wisa' ta' 1.5 metri fuq kull naħa tal-ħajt diviżorju u dan il-ħajt kellu jitħalla b'għoli ta' tmien filati. Għalhekk dan il-pjan kien imur kontra l-liġi tas-sanità. Hu reġa' ikkonferma l-opinjoni tiegħu li b'wisa ta' 1.88 metri is-sit kien josserva l-liġijiet sanitarji, mentri b'wisa' ta' 1.55 metri dan ma kienx konformi.

Il-Bord fl-aħħar iddeċieda li japprova l-applikazzjoni tal-Avviż għall-iżvilupp (DN) fuq il-merti tagħha stess, u dan kien jinjora t-talba tas-SEO li fil-permess tal-2009 jinżamm l-għoli massimu ta' 8 filati. Id-deċiżjoni ttieħdet fuq il-premessa li l-pjanti l-ġodda sottomessi kienu juru l-wisa' korretta ta' 1.5metri, u għalhekk ġew approvati, indipendentement mill-permessi li nħarġu dwar il-bitħa ta' ħdejh.

Skont il-Bord il-ġar, jiġifieri l-*complainant*, kien aġixxa b'mod inġust meta impona l-limitazzjoni fuq il-ħajt diviżorju mingħajr ma avża lis-sid tal-bini ta' ħdejh u ġab il-kunsens tiegħu.

Il-Bord tas-Servizzi Ġenerali (GSB) ukoll kien għażel li jiddeċiedi fuq l-applikazzjoni tad-DN indipendentement mill-permess li nħareġ fuq il-proprjetà tal-*complainant*, u approvaha għaliex saħaq li ma kienx hemm limitazzjoni ta' għoli fuq ħajt diviżorju.

Il-liġi tgħid li skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.80 Taqsima 3(4)(i)(a) speċifikament tipprojbixxi li jinħareġ permess li jkun jippreġudika "*any condition or limitation imposed by any development permission...*".

L-approvazzjoni tad-DN, li kienet avviż speċifiku sabiex jogħla l-ħajt tal-appoġġ kienet tmur kontra l-kundizzjoni speċifika fuq l-istess ħajt imposta fil-permess tal-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar tal-2009. Għalhekk din kienet tmur kontra r-regolamenti tal-permess tad-*Development Application* u għaldaqstant huwa null.

Apparti minn hekk, il-pjanti approvati tal-permess maħruġ għall-*Minor Amendment* jiżvela li nbnew gallariji li kienu jixirfu fuq il-bitħa, u b'hekk ikomplu jagħlqu l-arja. Filwaqt li l-ħajt tal-appoġġ li hu erbgħin filata għoli, għadu jidher li qiegħed għoli tmien filati. U dan il-bini saħansitra nħariġlu l-*Compliance Certificate*!

**Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Fl-Opinjoni Finali tiegħu l-Kummissarju qal li:

- l-ilment li l-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar applikat b'mod żbaljat il-*policies*, proċeduri u r-regolamenti għad-detriment tal-*complainant* meta l-limitazzjoni dwar l-għoli tal-ħajt tal-appoġġ ġiet injorata f'applikazzjoni tad-DN tal-ġar huwa sostnut;

- dan ġara minħabba li d-Direttorat naqas fl-ipproċessar tal-permess meta kemm hu, kif ukoll is-*Sanitary Engineering Officer* (SEO), naqsu milli jinsistu li kellu jiġi sottomess att notarili bħala prova li l-ġar ta l-kunsens tiegħu dwar il-limitazzjoni tal-għoli tal-ħajt qabel ma ddaħħlet bħala kundizzjoni. Il-Kummissarju żied jgħid ukoll li d-Direttorat naqas li jinkludi dan il-fatt dwar il-limitazzjoni fl-għoli tal-ħajt imposta mis-SEO bħala kundizzjoni speċifika u b'hekk din tiddaħħal bħala *constraint* f'kull applikazzjoni sussegwenti dwar dan il-ħajt;
- dan in-nuqqas ta' informazzjoni kruċjali żgwidat lill-Bord sabiex approva l-applikazzjoni, u dan wassal biex iddaħħlet limitazzjoni dwar il-ħajt għad-detriment tal-interessi personali tal-ġar;
- il-Bord tal-MEPA kien żbaljat meta evita l-kwistjoni u iddiskuta l-applikazzjoni tad-DN waħedha, u injora l-fatt li kienet l-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar nnifisha li ħarġet il-permess lill-ġar bil-kundizzjoni li tillimita l-għoli tal-ħajt tal-appoġġ. Dan il-fatt lanqas biss tqajjem waqt id-diskussjoni;
- il-Bord tal-MEPA kien għal darb'oħra żbaljat meta approva l-applikazzjoni ta' *Minor Amendment* għal permess maħruġ mill-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar tal-2009, bi pjanti li kienu juru ħajt tal-appoġġ fil-limitu ta' tmien filati, meta kienet taf sewwa li dak il-ħajt kien għola ħafna iktar minn hekk;
- l-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar kienet ukoll żbaljata, għall-istess raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq, meta ħarġet *Compliance Certificate*; u
- l-approvazzjoni tad-DN hija nulla għaliex tneħħiet il-kundizzjoni mniżżla fil-permess ta' żvilupp, li jmur kontra il-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.80 tat-Taqsima 3(4)(i).

Fid-dawl tal-fatti ta' din l-investigazzjoni, il-Kummissarju irrakkomanda li l-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar għandha tirrevoka l-approvazzjoni tad-*Development Notification* u tordna li l-ħajt jitbaxxa.